# Għaqda Mużikali Imperial

## Festa Maria Bambina 2013, Mellieħa









# Discover our world of tailor made travel

www.rocsholidays.com

ROCS

travel

Development House, St. Anne's Street, FRN9010, Floriana, Malta, Europe | IATA 50200883
19-23 ROCS House, Main Street, MLH 2310, Mellieha, Malta, Europe | IATA 50209994
Tel: +356 20 15 15 15 | Fax: +356 2152 3869 | Email: travel@rocsgrp.com

IATA

# Werrej

Kumitat Direttiv 2013 ....5
Kumitat Nisa 2013 ....7
Grupp Żgħażagħ 2013....7
Naħdmu f'armonija waħda – Josef Borg – President ....9
Ngħożżu dak kollu li huwa tagħna l-Maltin – John Buttigieg – Sindku....12
Nippreparaw għall-Festa – Fr Joe Caruana – Kappillan ....13
Sfidi Ġodda – Spiru Grech – Viċi President ....16
Ħidma Bla Waqfien – Norbert Vella – Segretarju Ġenerali ....17
Ħidma u Finanzi – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ....21
Xogħlijiet fil-Każin – John Schembri – Direttur....24
Sehem Sħiħ – Carmen Cini – Kumitat Nisa ....25
Il-Mużika u l-Ħajja tal-Bniedem – Mro Anthony Borg – Surmast ....29
The Ladies Choir – Shirley Helleur ....32
Il-Banda u l-Festa – Philip Schembri – Għalliem ....34
Leħen iż-Żgħażagħ – Clayton Vella....35
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda – J. C. Azzopardi....37
Djarju 2012 – 2013 ....39
Nifirħu... ....48
Niftakru f'dawk li ħallewna....51
Wirja ta' Presepji – Clayton Vella ....53
Nitgħallmu kullimkien. Għarfien tat-tagħlim informali fiċ-Ċertifikat u
Profil tal-Iskola Sekondarja – Kav. Anthony M DeGabriele....57
Il-Papa Franġisku – Maria Grima ....61
Programm tal-Festi....62
Activities organised by The Imperial Band Club....65
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial ....68
Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial ....69
Preżentazzjonijiet li saru fid-29 ta' Settembru 2012 ....72
Time 4 Change – Geoff Thomas ....73
Rajt il-Mellieħa tinbidel – Mons. Dun Mosè Debono ....77
Sena wara sena. Is-Surmast Ġanni Mamo – Paul P. Borg....79
75 sena ta' ħidma fil-Parroċċa tal-Mellieħa
Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù – Sr Pauline Farrugia....84
Wigi Pisani 1916–2012 – The Pisani Family ....87
Il-Mellieħa. Jannar 1942 – Jimmy Muscat ....89
Sr Emma Camilleri C.F.C.J – Ganni Camilleri ....92
Tradition Something To Be Cherished – Brian Roberts ....95
Nifirħu għax waslet il-festa – Christopher Bartolo ....96
Il-Banda u l-Komunità Melliħija – Philip Borg....100
Baned Norveġiżi fil-Mellieħa ....105
Il-Madonna tal-Mellieħa – Ralph Micallef....106
Fortifikazzjonijiet Melleħin – Clifford Galea ....107
The Mellieħa Chocolate Artist – Jamie Anthony Cini ....108
A Letter from Australia – Sam Vella.... 111
Kristinu Grech - Ta' Żamżam
In-Naħal, Ix-Xehda u l-Ġbir Tal-Għasel – Paul P. Borg....113
Festa 2012 ....123
Tempus Fugit – Ganni Camilleri....125
Rinnovazzjoni ....126
Il-Mellieħa u l-għar ta' Kalypso – Jeffrey Sammut ....128
Fantastic Results for the New Wheelchair Dance Partnership
of Steven Fenech & Roxanne Buttigieg – Pippa Roberts ....131
Il-Knisja tal-Vitorja f'Birkirkara – Mario Fenech ....132
Il-Baħar – Anthony Fenech....133
Il-Festa Tagħna – Dr Joanne Vella Cuschieri ....134
Viva Santa Marija tat-Tre Re – Jos. F. Cachia ....135
X'taf fuq Kemmuna? – Evarist Bartolo ....138
Il-Mellieħa (2) – David Muscat ....140
Il-Giren – David Bartolo....143
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ....146

*Pubblikazzjoni:*
Għaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Leħen l-Imperial
Għaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, Norbert Vella,
Joseph Bartolo, Anthony Borg,
Carmen Schembri,
Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftehmu bħala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

***Typing:***
Carmen Schembri,
Ann Marie Vella
Norbert Vella

**Disinn tal-Faċċata:**
Conrad Fenech

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
Norbert Vella

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara
Jimmy Muscat

**Ritratti tal-Faċċata:**
**Il-Karru Trijonfali fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II, li bih l-Għaqda Mużikali Imperial rebħet it-Tieni Post f'Konkors Nazzjonali li sar fl-1953.**

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprint@maltanet.net




# €25 discount on new motor policies

**The €25 discount is applicable when purchasing a new Private Car, Motorcycle or Commercial Vehicle Insurance policy through ROCS offices up to the end of July 2014.**

Minimum premium on every class of insurance is applicable as per standard Middlesea Insurance terms and conditions. Available to all NEW Motor Policies excluding vehicles insured as part of a fleet; standard underwriting criteria applies including the application of minimum premium; for policy periods less than 12 months the discount will be applied on a pro rata basis; applies in addition to all other policy discounts allowed by Middlesea that the policy holder is entitled to; available from all ROCS offices, MSI offices in Floriana, MSI Branch at the University of Malta and from all authorized intermediaries and brokers. This voucher cannot be redeemed for cash. Other terms and conditions may apply.

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

ROCS group

**Floriana**: Development House, St. Anne Street, FRN 9010
**Mellieħa**: 19-23, ROCS House, Main Street, MLH 2310
**T:**+356 2015 1515 **F:** +356 2152 3869 **E:** info@rocsgrp.com
**24hr Emergency:** 99131415 **www.rocsgrp.com**

ROCS Co Ltd is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TII) under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Middlesea Insurance plc (C-5553). ROCS Co Ltd and MSI are authorised by the Malta Financial Services Authority. COM NO 020813 771




# Over €200,000 in bingo prizes paid out monthly

FAIRPLAY Bingo

- ✔ Great Prizes
- ✔ Excellent service
- ✔ State-of-the-art comfortable setting
- ✔ Free transport to all areas
- ✔ Seperate smoking areas
- ✔ Open Monday to Saturday evenings from 18:30 till late
- ✔ Sundays and public holidays we are open from 13:00 till late
- ✔ Coffee Mornings on Mondays, Wednesdays and Fridays from 9:00am

St Paul's Bay

Fairplay Bingo
Dolmen Street
Qawra Seafront, St Paul's Bay
e-mail: info@fairplay.com.mt
Tel: 2157 7677, 2157 7678

⚠

Minimum age of entry: 18 years. Don't gamble unless you know the facts. Being responsible about gambling means knowing whether to gamble and how much money or time to spend. For further information visit our website: www.fairplay.com.mt

Fairplay Bingo is licensed by the Malta Lotteries and Gaming Authority

# JOSEPH DEBONO
TIED INSURANCE INTERMEDIARY

**T: 21520552, 27520552**
**insurance@jdebono.com**

**GREAT DISCOUNTS WHEN YOU INSURE THROUGH US!**



**€25 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
**ON A MOTOR INSURANCE POLICY***

***FREE Roadside Assistance 24x7 on all motor policies in Malta & Europe***



**€25 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
**ON A BOAT INSURANCE POLICY***



**€15 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
**ON A HOME INSURANCE POLICY***



**€25 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
**ON A HEALTH INSURANCE POLICY***

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

MSVLIFE

***Conditions apply**

**Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary for Middlesea Insurance p.l.c. (MSI) and Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd (MSV) MSI is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998, while MSV is authorised to carry on Long Term under the Insurance Business Act 1998. All are regulated by the MFSA. com 030812 111**

# KARIZIA
TRAVEL AGENCY

**T: 21520552, 21525117**
**kariziatravel@jdebono.com**







**INDIVIDUAL TRAVEL**

**HONEYMOON PACKAGES**

**CRUISES**

**GROUP TRAVEL TOURS** organised by Malta's best tour operators
**Brittania Tours, Europa Tours, Euro Tours, Hamilton Travel, SMS/Mondial, Joe Micallef Travel**
*(Same agent rates. No extra or hidden charges)*

**LOW-COST AIRLINE TICKETS**

**We will ensure that your travel is just perfect by taking care of all your travel related needs.**

***join us on facebook for latest offers & cruise deals***



# Kumitat Direttiv 2013

**President**
Josef Borg

**Viċi President**
Spiro Grech

**Segretarju Ġenerali**
Norbert Vella

**Ass. Segretarju Ġenerali**
Steven Fenech

**Segretarju Finanzjarju**
Anthony Schembri

**Ass. Segretarju Finanzjarju**
Carmen Cini

**Direttur**
John Schembri

**Ass. Direttur**
Charles Debono

**Membru Anzjan**
Anthony Caruana

**Surmast Direttur**
Mro Anthony Borg


LIQUIGAS
Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
FUEL SUPPLIER
PH BORG
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS Malta Ltd.
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com


ALL NEEDS
THE D.I.Y STORE
FOR
ALL KINDS
OF
ENERGY
SAVING
LAMPS
19, St. Anne Street, Mellieha
Tel: 2152 1167



# Kumitat Nisa 2013

**Wara xellug: Angela Grech, Victoria Stellini, Maria Vella, Anita Gray, Mary Bartolo, Vivie Schembri**
**Quddiem mix-xellug: Anne Marie Vella, Carmen Cini, Jane Caruana**



# Grupp Żgħażagħ 2013

**Wara xellug: Anne Marie Vella, Carl Borg, Fantino Schembri, Samuel Borg, Benjamin Borg, Alex Ellul, Daniel Bonello, Jamie Anthony Cini, Daniel Vassallo, Isaac Borg, Sarah Vassallo**
**Quddiem mix-xellug: Mark Borg, Maria Borg, Clayton Vella, Norbert Vella, Damian Vella, Josepha Schembri, Matthew Borg**



Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Bikrija
SLANEY
Bajda
DRUID
Ħamra
ALPHA
Safra
SAVANNA
Bajda
CARA
Ta' Għajnha
Ħamra
DERBY
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
ARRAN BANNER
LISETA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com




WE CAN MEET ALL OUR NEEDS
HomeEssentials
IL-MELLIEĦA
High quality, low priced household goods & textiles!
Next to your doorstep
This is only a small selection from a wider range of quality goods.
We will also order items you need if they are not in stock
CHAIRS • LAMPS • MATTRESS • SHEETS • BLANKETS • QUILTS • HANGERS • PILLOWS • BEDSPREADS • CURTAINS • TOWELS (BATH, HAND & WASHCLOTHS) • PLACE MATS & NAPKINS • SHOWER CURTAINS • BATH RUGS • LAMPS • BOOK SHELVES • DISHES • PYREX CASSEROLES (FOR COOKING AND SERVING) • DRINKING GLASSES • MUGS • POTS AND PANS • MIXING BOWLS • MEASURING CUPS • KITCHEN TOOLS • COOKING UTENSILS • PLASTIC CONTAINERS • KNIVES • CHOPPING BOARDS • COFFEE MACHINES • TOASTER OVENS • MICROWAVES • GRILLS • BBQS • BLENDERS • HAND HELD MIXERS • VACUUM CLEANERS • DISHWASHERS • HEATERS • AIR CONDITIONERS • OUTDOOR FURNITURE & MORE
Weekdays: 9:00am-1:00pm
4:00pm-7:00pm
Saturdays: 9:00am-1:00pm
21, St Anne Street, Il-Mellieħa
Tel: 2152 4900
Email: esential@go.net.mt
FREE DELIVERY
TO SURROUNDING AREAS



# Naħdmu f'armonija waħda



**Josef Borg**
President

'Dalwaqt waslet il-Festa' hija frażi li tibda tisma' minn fomm ħafna nies hekk kif tkun qed toqrob il-Festa ta' Marija Bambina. B'dan ikunu jridu jagħmlu referenza għall-preparamenti li jkunu għaddejjin minn ħafna żmien qabel, għal attivitajiet li jkunu organizzati mis-soċjetà tagħna fl-okkażjoni tal-festa. Ħafna huma konxji li dawn l-attivitajiet jinvolvu ħidma kbira minn ħafna persuni li jikkontribwixxu b'sigħat twal ta' ħidma volontarja barra l-ispejjes kbar li huma meħtieġa biex torganizza programm ta' attivitajiet fuq medda ta' ħmistax-il ġurnata. Is-soċjetà tagħna għandha numru sabiħ ta' persuni li jagħtu s-sehem volontarju tagħhom f'ħidmiet diversi u dan ikun apprezzat minn ħafna Melleħin billi jikkontribwixxu b'mod finanzjarju.

Bħala President ta' din is-Soċjetà nħoss li l-aktar ħaġa importanti hija li kulħadd għandu jaħdem f'armonija waħda u b'għan wieħed, dak li dejjem naħdmu fl-aħjar interess tas-soċjetà. Diversi attivitajiet u programmi mużikali jkunu organizzati matul is-sena kollha u biex tlaħħaq ma' dan ir-ritmu ta' xogħol bilfors irid kollok nies dedikati li lesti jaħdmu f'din l-għaqda.

Huwa tajjeb li jkun hemm taħlita ta' ideat biex l-affarijiet jitjiebu, isiru aħjar jew ikunu organizzati attivitajiet differenti għax ħafna drabi nħossuna aktar komdi li nagħmlu l-istess affarijiet b'ċertu rutina.

Huwa ta' sodisfazzjon għalija li nara l-progress li qed tagħmel il-banda tagħna matul is-snin. Huwa nkoraġġanti l-fatt li l-attendenza tal-bandisti tal-post għall-kunċerti li jsiru ta' kull ġimgħa kif ukoll fis-servizzi/programm li tagħmel il-banda qed tkun waħda tajba. Din is-sena erba' bandisti ġodda bdew idoqqu mal-banda għall-ewwel darba, wara snin ta' taħriġ li huwa pprovdut mingħajr ħlas mill-każin stess.

Għandna numru ta' allievi oħrajn li mexjin sew fit-taħriġ tagħhom u jekk ikomplu f'din it-triq ma jdumux ma jkunu parti mill-banda wkoll. Il-kumitat ma jieqaf qatt jagħti l-appoġġ biex il-faċilitajiet u t-tagħlim offrut mill-każin ikomplu jitjiebu, u kien għalhekk li minn ftit xhur 'l hawn is-Sur Geoff Thomas beda jagħti taħriġ fis-sessjoni tal-perkussjoni, flimkien mas-Sur Philip Schembri fis-sezzjoni tal-injam u fis-sezzjoni tal-'brass' is-Surmast Direttur Anthony Borg.

Dan parti minn riforma li qed nagħmlu ta' kif inwasslu t-tagħlim mużikali lill-istudenti tagħna b'iktar mod aġġornat. Geoff u martu Julie ġew joqogħdu l-Mellieħa fuq bażi permanenti u wkoll ingħaqdu mal-Banda Imperial.

Bħalma huwa pjaċir tiegħi li nara l-progress li qed isir mill-Banda, l-istess irrid ngħid għall-Kor Imperial li huwa mmexxi tajjeb ħafna minn Mro Shirley Heuller. Il-kor dejjem ta s-sehem tiegħu f'diversi attivitajiet kemm ġewwa l-Mellieħa u anke madwar Malta u dejjem ħareġ bl-unuri. Il-kor jagħti kunċerti waħdu u f'okkażjonijiet oħra flimkien mal-banda. Il-kor ukoll qed ikompli jikber b'membri ġodda u naħseb id-dedikazzjoni tal-membri li jiffurmaw parti mill-kor hija fattur importanti għall-progress u livell għoli ta' kunċerti li dejjem offra l-Kor Imperial.

Fid-9 ta' Marzu 2013 saru l-Elezzjonijiet Ġenerali u dawk Lokali. Għan-nom tas-Soċjetà nixtieq inwassal l-awguri tiegħi lid-deputati kollha li kienu eletti fil-parlament fuq it-tnax-il distrett li tagħmel parti minnu l-Mellieħa, b'mod speċjali lill-Ministri l-Onor. Evarist Bartolo u l-Onor. Michael Farrugia fil-kariga ġdida tagħhom. Nifraħ lil Dr Anġlu Farrugia li kien maħtur Speaker fil-Kamra tad-Deputati.

L-awguri tagħna jmur lejn il-Kunsill il-Ġdid. Nifraħ lis-Sindku s-Sur John Buttigieg u l-Kunsilliera kollha eletti. L-Għaqda Mużikali Imperial bħalma dejjem sar fil-passat ser taħdem id f'id mal-Kunsill għall-ġid komuni tal-Mellieħa. Tajjeb li nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera li servew fil-Kunsill Lokali preċedent għall-ħidma tagħhom u hawn nixtieq nawgura lill-Onor. Robert Cutajar ex-Sindku li issa kien elett bħala Membru Parlamentari.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nsellem il-memorja tas-Sur Kristinu Borg, bandist mal-banda tagħna kif ukoll tas-Sur Charles Hiher, membru li serva fil-kariga ta' Viċi President għal numru ta' snin, li ħallewna matul din is-sena. Niftakru wkoll f'ħafna ħbieb oħrajn li ħallewna matul din is-sena u niftakru fihom fit-talb tagħna. Ħajr speċjali jmur lejn sħabi tal-Kumitat Direttivi, Kumitat Nisa, Grupp taż-Żgħażagħ, Surmast Direttur, Għalliema tal-Allievi, Direttriċi tal-Kor, sħabi bandisti u membri tal-Kor għall-ħidma kbira tagħkom, lin-nisa u l-irġiel tagħna għall-appoġġ u l-paċenzja tagħhom, lill-membri u benefatturi tal-appoġġ tagħhom. Jalla flimkien bħala familja waħda nkomplu naħdmu ħalli dejjem inkabbru u mmexxu 'l quddiem l-għaqda tant għażiża għalina, l-Għaqda Mużikali Imperial.

Nawgura l-Festa ta' Marija Bambina lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk kollha li minħabba raġuni jew oħra ma jistgħux jiċċelebraw il-festa fiżikament magħna.

# Spend €100

## and get one of the following for **FREE**




3 Packets x 2L Water




5 x 1.5L Soft drinks




700 Bonus Points




€5 Voucher

to deduct from your next shopping

Look out for our monthly **lovevalue!** Catalogue for further discounts

**SHOPPERS** DISCOUNT SUPERMARKET

Carrefour

Main Street, Mellieha, MLH 2317 | +356 2152 3192 | info@shoppersgs.com

**FREE DELIVERY including to Any Yacht Marina**

**Jevon's** **Fruit Shop**

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024

**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**

***Free Delivery***



*Steffie's*
Hair Studio

73, Parish Street, Mellieħa MLH 1061
(near the Square)
Tel: **2152 5100**,
Mobile: **9986 1283**

**Tuesday Closed**

bain de terre. botaniceuticals

JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR





# Ngħożżu dak kollu li huwa tagħna l-Maltin



**John Buttigieg**
Sindku

Huwa gost u ta' sodisfazzjon għalija li bħala Sindku tas-Seba' Kunsill Lokali tal-Mellieħa, permezz tal-ktejjeb tal-Għaqda Mużikali Imperial, qiegħed għall-ewwel darba f'din il-leġiżlatura, inwassal il-messaġġ tiegħi lill-Melliħin kollha fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

Il-festa hija biss il-qofol tal-attivitajiet kollha li l-Għaqda Mużikali Imperial tkun għamlet matul is-sena. Illum il-ġurnata l-impenn tal-Għaqda mhuwiex biss impenn mużikali, imma anke impenn kulturali, edukattiv, kif ukoll dak ta' rikreazzjoni. Hekk naraw li l-Għaqda Mużikali Imperial torganizza mhux biss is-soliti programmi mużikali, imma anke diversi wirjiet u ħarġiet edukattivi għas-sostenituri u ammiraturi tal-istess soċjetà.

Il-festa tar-raħal bħal speċi twassal fl-aħħar sena sħiħa ta' impenn u ħidma. Tispiċċa sena xogħol ma jaqta' xejn li l-Għaqda tkun għamlet. Dan dejjem għall-benefiċċju mhux biss tal-membri tagħha, iżda lejn il-poplu kollu, għax għandha għal qalbha l-avvanz mużikali, kulturali u ċiviku tan-nies tal-Mellieħa.

Biss il-festa tar-raħal għandha wkoll sinifikat nazzjonali. Il-festa turina li huwa essenzjali li pajjiżna jkompli jiżviluppa u jagħmel progress meħtieġ skont kif jitolbu ż-żminijiet moderni, billi wkoll, jekk ikun hemm bżonn jaddatta skont iċ-ċirkostanzi tiegħu, it-tajjeb ta' ħaddieħor. Biss xejn m'għandu jżommna milli nkomplu ngħożżu l-kultura li ssawwar il-karattru tal-poplu tagħna u tiddistingwih minn ġnus oħra. Huwa importanti li l-kultura tal-ġens Malti, mhux biss tkompli tkun imħarsa, iżda wkoll imsaħħa aktar, għax għalkemm tmur lura eluf ta' snin, għarfet tibqa' qawwija u soda minkejja l-ġrajjiet imqallba li għadda minnhom pajjiżna taħt ħakmiet diversi mill-barrani.

Bl-impenn tagħhom l-għaqdiet mużikali qegħdin jgħinu biex dan kollu jseħħ u għalhekk l-għaqdiet tagħna għandhom jingħataw għajnuna kontinwa u jinżamm kuntatt dirett magħhom. B'dawn il-ħsibijiet f'moħħna matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u t-tliet għaqdiet mużikali Melliħin kellhom ftehim ta' koperazzjoni fl-oqsma kulturali u mużikali, ftehim li permezz tiegħu l-attività kulturali u mużikali fil-Mellieħa kompliet titkattar u tinfirex għall-benefiċċju ta' kulħadd. Persważ li dan is-sens ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-għaqdiet, mhux biss mużikali, imma anke oħrajn, se jkompli jitkattar u jikber fix-xhur u snin li ġejjin biex finalment tgawdi l-komunità Melleħija.

Nagħlaq dan il-messaġġ, billi l-ewwel nett nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qegħdin jagħtu s-sehem tagħhom fil-festa, kemm fl-attivitajiet li jsiru ġewwa, kif ukoll fl-attivitajiet li jsiru barra matul il-ġranet tal-festa. Nies li ħafna drabi l-impenn tagħhom ma jkunx jidher, biss Alla ħares ma jkunux huma. Naturalment ma jistax jonqos li f'dan il-messaġġ ma nagħtix il-festa t-tajba lill-Melliħin kollha, anke dawk li qegħdin jgħixu barra mill-Mellieħa, kif ukoll lil dawk l-emigranti Melliħin, li jien ċert li għalkemm qegħdin 'il bogħod minna, qalbhom żgur li tkun magħna f'dawn iż-żminijiet.

Insellem u nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial għall-ħidma siewja li jagħmlu, mhux biss fil-festa titulari, imma matul is-sena kollha, għall-ġid tal-komunità Melleħija.



# Nippreparaw għall-Festa



**Fr Joe Caruana**
Kappillan

Il-festa tal-parroċċa tinvolvi ħafna xogħol lil ħafna nies. Biex il-festa tirnexxi, biex il-ħafna nies li tiġi tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u tgawdi ċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra, jeħtieġ li jkun hemm min ħadem u pprepara minn ħafna qabel. Jien, bħala kappillan, barra li flimkien man-nies tiegħi rrid nipprepara ċ-ċelebrazzjonijiet tal-knisja, irrid ukoll li nikkoordina l-attivitajiet li jsiru barra l-knisja biex hekk, kemm jista' jkun, kollox jimxi sewwa. Minħabba f'dan, napprezza forsi aktar minn ħaddieħor, għax immissu b'idejja, il-ħafna xogħol li gruppi u soċjetajiet oħra jkunu qed jagħmlu matulek ja sena. Tal-Armar, tan-Nar, il-Kor u l-Orkestra, il-Każini tal-Baned, mhux biss kull wieħed minnhom ikollu x-xogħol li jipprepara l-parti tiegħu imma wkoll irid jara kif ser jiffinanzja dak li jkun ser jagħmel. Xħin tqis kollox, tibqa' mistagħġeb kemm finanzi huma involuti u kemm nies differenti jkunu qed jagħtu sehemhom.

Li tant nies jikkoperaw flimkien għal skop wieħed, minkejja l-opinjonijiet differenti u l-lealtajiet lejn soċjetajiet diversi, hi ħaġa li titlob maturità u responsabilità kbira. Din il-maturità u responsabilità trid tiġi l-ewwel nett minn min imexxi, fi kliem ieħor, fil-każ tal-każini mill-membri kollha tal-kumitati. Inħossni tassew ixxurtjat u nirringrazzja 'l Alla li aħna l-Mellieħa ngawdu ftehim kbir fil-festi li jirrifletti tant tajjeb fuq il-kumitati tal-każini tagħna li mbagħad imexxu b'għaqal lis-soċi tagħhom. Jien nagħraf li ftehim bħal dan mhux talli ma jiġix mix-xejn imma wkoll mhux dejjem faċli. Trid taħdem għalih il-ħin kollu u b'serjetà kbira. Jibqa' l-fatt li mitt bniedem mitt fehma u allura jeħtieġ l-għaqal ta' dawk li jaħdmu biex minn din il-varjetà ta' opinjonijiet joħorġu deċiżjoni waħda li tirrispetta lil kulħadd.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-investiment tal-flus, drajna nisimgħu li l-preżent mhux garanzija tal-futur. Hekk nistgħu ngħidu għal din l-koperazzjoni li tinsab bejnietna: għax illum ninsabu tajjeb, ma jfissirx li nistgħu norbtu jdejna u nserrħu rasna li dejjem ser nibqgħu hekk. Irridu naħdmu kontinwament jekk irridu nkomplu ngawdu din l-għaqda. U jien jidhirli li għandna naħdmu għaliha mhux biss għax dan juri maturità serja fina imma wkoll għax żgur li hija xi ħaġa li togħġob lil Marija Santissima li tagħha nkunu qed niċċelebraw il-festa.

Grazzi mill-qalb ta' din il-koperazzjoni u awguri għal festa qaddisa, festa sabiħa li fiha nkunu nistgħu ngawdu l-frott tax-xogħol kollu li aħna flimkien inkunu ħdimna għalih matul is-sena.

Il-Festa t-Tajba.

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*

# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

### *OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR *www.companyname.com* before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:
- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Foto Creative Ltd.
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner | Windows Azure | HTML 5 | ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google | Google Developers | facebook developers


Set in Mellieha's
most amazing panorama
ViewPOINT
RESTAURANT
Opening 4th June
Mediterranean Cuisine serving fresh fish daily
Al Fresco
Open daily
from 7.30pm onwards
For Reservation
Tel:- 2152 1020
or e-mail
reservations@viewpointmalta.com
Panorama Hotel
Dun Belin Azzopardi Street,
Mellieha
www.viewpointmalta.com



# Sfidi Ġodda



**Spiru Grech**
Viċi President

Inħares lejn iż-żmien li għandna quddiemna b'ottimiżmu u entużjażmu kbir. Konxju mill-fatt li quddiemna għandna xogħol mhux żgħir x'nagħmlu, xogħol fl-istruttura tal-każin, jiġifieri xogħol ta' *upgrades*, biex dejjem nippruvaw nagħmlu każin li jkun aktar attraenti għall-membri u kull min jidħol fih.

Xogħol li baqa' jsir fuq il-planċier li kultant ċertu dewmien ma jkollniex kontroll fuqu. Xogħol fis-sala tal-kunċerti, li biex ikollna *sound* sodisfaċenti, għamilna tapiti *wall to wall*, żidna xi għamara u 'l quddiem irridu naraw x'jista' jsir mal-ħitan tas-sala kollha, biex forsi għad jiġi żmien li tkun tista' tintuża anke għar-*recordings*.

## Banda

Rigward il-Banda, fil-fehma tiegħi bix-xogħol bla waqfien tas-Surmast Anthony Borg u t-tagħlim ta' Philip Schembri naħseb li qegħdin fit-triq it-tajba. Illum trid taddatta għaż-żmien li qegħdin fih għalkemm dejjem wieħed jittama li jkun hemm iżjed studenti biex il-banda tkompli tikber b'talent ġdid. Jien naħseb li bil-bandisti li ġew lura u dawk li ħarġu din is-sena, l-għan tagħna qiegħed jintlaħaq. Prosit.

## X'nisma'

Tkun qiegħed fil-bar tieħu flixkun xorb kiesaħ u xi biċċa ħobż biż-żejt u l-kunserva kif jaf jagħmel Pietru (il-barman) u bħas-soltu tibda tiddiskuti, jew insomma targumenta ma' sħabek, u d-diskors jaqa' fuq x'jista' jsir jew x'ma jistax isir, u jibdew ħerġin is-suġġerimenti, biċċa tajbin u oħrajn inqas tajbin. Inti tisma' u toqgħod naqra lura milli tidħol fl-argument. Jien nifhem li l-intenzjoni tkun tajba, però t-tajba hi li kulħadd ikun irid risposta dak il-ħin.

Jien ir-risposta tiegħi dejjem tkun, bil-mod kollox jista' jsir, u meta tibda tfissrilhom kemm flus trid għall-ċertu proġetti, u kemm trid taħdem biex takkwistahom, u kemm il-kumitat irid joqgħod attent kif jonfoq, għax ma dan kollu dawn huma flushom ukoll, aħna dejjem ħdimna bis-sistema li l-ewwel ikollna l-finanzi, imbagħad jibda x-xogħol. Min jirraġuna jgħidlek hekk għandu jkun, imbagħad hemm min jgħidlek li intom kollha qammelin, però aħna nirrispettaw l-opinjoni ta' kulħadd.

Jien għandi l-unur ngħid li s'issa dejjem ħriġna ta' rġiel u iva issa ngħiduha kif inhi, fil-fehma tiegħi mingħajr dawn il-battibekki, is-Soċjetà Imperial tkun mejta.

Grazzi lil Pietru u l-familja tiegħu tal-għajnuna li dejjem jagħtuna (il-*bar team*). Grazzi lill-Kor, suċċess kull fejn jidhru. Prosit. Grazzi lill-membri u lil dawk kollha li tul is-snin ikkontribwew biex is-Soċjetà Imperial tibqa' waħda mill-aqwa baned li hawn f'Malta. F'kelma waħda grazzi lil kulħadd.

Jien u l-familja tiegħi nixtiequ lil kulħadd festa mill-isbaħ. Grazzi.

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**



# Ħidma Bla Waqfien



**Norbert Vella**
Segretarju Ġenerali

Għat-tieni sena ninsab nikteb dan l-artiklu bħala Segretarju Ġenerali tal-Għaqda tagħna. Kienet sena ferm impenjattiva għas-soċjetà tagħna, fejn, wara l-festa tal-Vitorja li għaddiet, il-kumitat kompla x-xogħol ta' tisbiħ fil-każin, il-banda u l-kor baqgħu għaddejjin bil-programmi li jkollhom minn żmien għal żmien u attivitajiet ġewwa u barra l-każin ma naqsux.

Bħalma kulħadd jaf, il-programm li normalment isir fil-festa nhar it-2 ta' Settembru, kellu jiġi mħassar minħabba maltemp li nqala' f'dik il-ġurnata. Iżda bħala kumitat iddeċidejna li b'rispett lejn il-poplu Mellieħi kif ukoll lejn il-bandisti u s-Surmast li tant jagħmlu kunċerti u preparamenti għal dan il-programm, ma kellniex inħalluh jgħaddi bħal li kieku qatt ma ġara xejn. Għalhekk konna ħadna d-deċiżjoni li dan il-programm intellgħuh lejlet il-festa tal-knisja t'isfel, propju ġewwa Misraħ iż-Żjara tal-Papa. Għalhekk nhar is-Sibt 29 ta' Settembru tellajna dan il-programm quddiem attendenza ferm numeruża. Dan kien l-ewwel programm mużikali li ġie mtella' ġewwa Misraħ iż-Żjara tal-Papa kemm kien ilu li ġie irranġat. Kien programm imżewwaq b'kull tip ta' mużika kif jaf jipprepara s-Surmast Anthony Borg. Ma setax jonqos li din l-attività tiġi mxandra diretta fuq is-sit elettroniku tagħna.

Din is-sena s-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda tagħna tellgħu wirja ta' Presepju Mekkanizzat kif ukoll presepji oħra ġewwa s-Sala tal-Kumitat. Kienet wirja ferm sabiħa fejn spikka fuq kollox it-team work ta' dawn iż-żgħażagħ li flimkien mas-Sur Edmund Camilleri, kif ukoll is-Sur Michael Cauchi ħadmu bla heda biex stajna ntellgħu din il-wirja. Minn hawn f'isem iż-żgħażagħ u l-kumitat nixtieq nirringrazzja lis-Sur Edmund Camilleri u lis-Sur Michael Cauchi tax-xogħol kbir li għamlu għal din il-wirja u talli t-talent li huma għandhom, ma joqogħdu jiddejqu xejn li jxerrduh maż-żgħażagħ tagħna. B'hekk dawn iż-żgħażagħ, apparti li jkunu qegħdin jagħmlu xogħol volontarju, ikunu qegħdin jitgħallmu wkoll. B'dawn l-inizjattivi kull żagħżugħ ikun qiegħed jibni l-karattru u l-għerf tiegħu u jkun qiegħed iżomm 'il bogħod mit-tentazzjonijiet ħżiena li jeżistu fil-ħajja tal-lum. Apparti din l-attività, ġiet organizzata wkoll ġita kulturali fejn morna naraw diversi wirjiet tal-presepji madwar Malta.

Għall-erbatax-il sena konsekuttiva, din is-sena sejrin nerġgħu nittrasmettu l-festa ta' Marija Bambina dirett fuq l-internet. Għal din is-sena ħsibna biex inkomplu ntellgħu l-kwalità tat-trasmissjoni billi attivitajiet mill-pjazza jixxandru fuq stampa ta' kwalità ferm aħjar, fid-dinja tat-teknologija magħrufa aħjar bħala *High Definition*. Bħas-snin l-imgħoddija sejrin inxandru l-funzjonijiet kollha tal-knisja li jsiru waqt il-festa. Għal din is-sena wkoll, is-sit elettroniku tagħna www.imperialbandclub.com sejjer jieħu dehra ġdida. Parti interessanti li ser ikollna hija l-istorja tal-każin. Għal din is-sena ħsibna li ntellgħu l-istorja mill-1924 meta l-Għaqda kienet għadha orkestra sal-1955, meta il-każin għalaq l-ewwel 25 sena minn meta ġie mtella' l-ewwel programm mużikali fil-21 ta' Settembru 1930. Dan kollu tkunu tistgħu tarawh minn nhar il-Ġimgħa, 23 t'Awwissu, propju fl-ewwel attività tal-Festa għal din is-sena. Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja minn qalbi lis-Sur Jimmy Muscat tax-xogħol siewi li huwa għamel biex kiteb il-punti ewlenin tal-istorja u lis-Sur Ivan Vella tal-*website*. Nieħdu pjaċir jekk tibagħtulna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom fuq info@imperialbandclub.com.

Bħala kumitat direttiv, din is-sena spikkat il-ħidma biex bħala għaqda niġu rikonoxxuti uffiċjalment mill-Kunsill Malti tal-Kwalifiki bħala post fejn studenti jkunu qegħdin jieħdu t-tagħlim informali tagħhom. B'hekk issa min jiġi jitgħallem xi strument, apparti li jikber fl-għerf tiegħu, ikun ta' benefiċċju għalih billi tkun tista'




66, Church Street,
St. Paul's Bay SPB 01
Malta
• Tel: 21 573480, 21 573269
• Fax: 21 572318

GILLIERU
RESTAURANT



# John Buttigieg CIKKIES

***Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer***
***To Hotels, Caterers & Vendors***




***Store: Cikkies  Garage, Cross Street, Mellieħa***

***Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa***

***Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572***

titniżżel fiċ-Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja. Inħeġġiġkom taqraw l-artiklu miktub mid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni f'din il-pubblikazzjoni stess biex tkunu tafu iktar fhiex tikkonsisti din is-sistema. Barra minn hekk bdejna l-proċess ukoll biex il-każin jiġi rikonoxxut uffiċjalment bħala għaqda volontarja. Dawn il-proċessi jirrikjedu ħafna xogħol minn wara l-kwinti, f'applikazzjonijiet u elf ħaġa oħra. Bħalma qegħdin taqraw, ix-xogħol ġewwa l-għaqda mhuwiex biss għall-ġimgħa tal-festa, imma jibqa' sejjer matul is-sena kollha.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nagħti l-kondoljanzi tiegħi u ta' sħabi tal-kumitat lill-familjari ta' dawk kollha li ħallewna matul din is-sena, speċjalment lill-familjari tas-Sur Kristinu Borg u tas-Sur Charles Hiher. Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

Nagħlaq billi nawgura festa mill-isbaħ, f'armonija ta' ħbiberija, lill-Melleħin kollha, lil ħutna l-emigranti li qegħdin fostna, kif ukoll lil dawk kollha li qegħdin isegwu kollox minn fuq l-internet. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, lill-morda kollha li sfortunatament ma jistgħux ikunu magħna.

Viva l-Banda Imperial. Viva Marija Bambina.

MAYPOLE
since 1900
*Nothing says homemade like Maypole*
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt

SALA IMPERIAL
(mgħammra b'arja kundizzjonata)
Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.
***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***
***21 523467 u 21 520536***



# Ħidma u Finanzi



**Anthony Schembri**
Segretarju Finanzjarju

Għaddiet sena oħra u waslet il-festa ta' Marija Bambina, il-patruna tar-raħal tagħna, il-Mellieħa. Kienet sena li għaddiet f'ħakka t'għajn u dan għaliex kienet impenjattiva ħafna għas-Soċjetà tagħna, li hi tant għal qalbna.

Bqajna għaddejjin naħdmu biex inkomplu nikbru u nissaħħu u biex dan ikun possibli, is-Soċjetà għandha bżonn ħafna flus, kemm biex torganizza attivitajiet u kif ukoll għall-manutenzjoni u tisbiħ li jirrekjedi każin bħal tagħna.

Tul din is-sena komplejna x-xogħol biex insebbħu l-każin speċjalment fil-parti tat-taraġ. Komplejna wkoll xi xogħol fuq il-poġġaman tal-planċier il-ġdid. Minkejja li dawn ix-xogħlijiet kienu jinvolvu spejjeż kbar, l-Għaqda Mużikali Imperial dejjem sabet għajnuna kbira minn ħafna benefatturi, b'donazzjonijiet finanzjarji jew billi għenu bis-servizzi tagħhom b'mod volontarju. Dan kollu kien ta' kuraġġ biex dawn il-proġetti jseħħu.

Insemmi wkoll l-għajnuna li jagħtu l-grupp taż-żgħażagħ fil-ħidma volontarja tagħhom fi ħdan il-każin. Din hija ferm apprezzata, għaliex b'hekk inkunu nistgħu nużaw ir-riżorsi finanzjarji tal-istess għaqda, għal proġetti oħra għall-ġid tas-Soċjetà tagħna. Nixtieq ngħidilhom grazzi tal-għajnuna tagħhom.

Il-ħidma tagħna ma waqfitx hawn. Matul is-sena organizzajna wkoll diversi kunċerti mużikali permezz tal-banda u l-kor Imperial, flimkien ma' attivitajiet kuturali u edukattivi, li jixirqu ż-żminijiet tal-lum. Biex torganizza teħtieġ li jkollok il-finanzi neċessarji u flimkien magħhom il-ħidma ta' diversi volontiera li permezz tal-ħidma tagħhom jiġu ffrankati eluf ta' ewro ta' kull sena.

Nixtieq inrodd ħajr li kull min b'xi mod jew ieħor jagħti l-għajnuna tiegħu lejn l-Għaqda Mużikali Imperial. Nirringrazzja wkoll lill-benefatturi tal-għajnuna kontinwa, kif ukoll lil dawk kollha li jirreklamaw f'din il-pubblikazzjoni.

Fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi tmur għall-poplu Mellieħi kollu tal-ġenerożità tiegħu waqt il-ġbir ta' donazzjonijiet meta ż-żgħażagħ tagħna jmorru jħabbtu bieb bieb fil-ġranet ta' qabel il-festa.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-għajnuna kontinwa tagħhom biex flimkien inkomplu mmexxu l-Għaqda Mużikali Imperial 'il quddiem.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin u lill-emigranti kollha li jinsabu fostna għall-festa.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.



Da Ciccio cucina
Tel: +356 2152 3912 info@cicciocucina.com
Dun Frangisk Sciberras Street, Mellieha
Pizza, Pizzotti, Pasta, Grills...
and much more!
Casual dining, affordable and delicious!
SPECIAL OFFER
Get a FREE Bottle (per couple)
of Delicata's Pjazza Regina
White, Rosè or Red
Terms & Conditions Apply
Offer cannot be used in conjunction with any other offer
Offer may be terminated without prior notice
Offer may not be accepted on special occassions
Offer valid only on presentation of this flyer
facebook.com/dacicciocucina




## making your first home an affordable reality

At BOV we understand that this first step can be made even easier with our support. Talk to us today and discover the range of benefits that can make your first dream home an affordable reality.

*Your success is our goal.*

**BOV HOME LOANS**
**2131 2020 | bov.com**

Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply. The term of the loan must not go beyond retirement age.
Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta



Mellieha
Holiday Centre

*the perfect venue for your dream wedding*

Mellieha Holiday Centre
Great Dane & Dynasty Restaurants





# Xogħlijiet fil-Każin



**John Schembri**
Direttur

Ninsabu resqin lejn il-festa tagħna l-Melleħin, il-festa ta' Marija Bambina. Għaddiet sena oħra minn meta kont qed nikteb dan il-messaġġ u matul din is-sena l-ħidma fil-każin baqgħet għaddejja.

Hekk kif għaddiet il-festa tkompla x-xogħol ta' tisbiħ li kien diġà beda qabel fis-sulari ta' fuq tal-każin. Nistedinkom taslu wasla sal-każin biex taraw dan il-proġett biex wieħed ikun jista' japprezza x-xogħol li ħafna minnu sar b'mod volontarju. Għalhekk permezz ta' dan il-messaġġ nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu fil-ħin liberu tagħhom biex dan il-proġett seta' jseħħ. Nirringrazzja lill-kumitat tan-nisa li minn żmien għal żmien kienu jinżlu jnaddfu biex il-każin seta' jinżamm nadif. Nirringrazzja wkoll lill-barman u lill-familja tiegħu li dejjem sibna kooperazzjoni magħhom meta stajna ħloqna xi inkonvenjent għalihom matul iż-żmien li kien qed isir dan ix-xogħol.

Barra minn dan il-proġett li ħa ħafna mill-ħin tagħna, ikun hemm diversi attivitajiet li jsiru matul is-sena. Din is-sena, għall-ewwel darba, is-sezzjoni żgħażagħ flimkien mas-Sur Edmond Camilleri ħadmu biex intrama presepju mekkaniku, kif ukoll saret wirja ta' presepji żgħar maħduma mis-Sur Michael Cauchi. Din il-wirja ġibdet lejn il-każin ħafna nies u għalhekk nirringrazzja lil kull min ħadem f'din il-wirja tal-inizjattiva li ħadu biex kienet ta' suċċess.

Nixtieq nagħlaq il-messaġġ tiegħi billi nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha speċjalment l-anzjani u l-morda u nħeġġeġ lil kulħadd sabiex fi spirtu ta' għaqda u ħbiberija nagħmlu festa li tixraq lil Marija Bambina.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Silhouette
PHOTO STUDIO
TEL: 21 520016
[redacted]
Il-Management u l-iStaff jawguraw il-Festa t-Tajba
[redacted]



# Sehem Sħiħ



**Carmen Cini**
Kumitat Nisa

Meta jkollok ħafna xogħol x'tagħmel, iż-żmien itir. U hekk għaddiet din is-sena li għadha kemm għaddiet. Minn barra x-xogħol ta' rutina li jkollna matul ix-xhur, din is-sena forsi kellna aktar xogħol ta' tindif peress li saru ħafna renovazzjonijiet fit-tarag. Dan irriżulta f'ħafna sigħat ta' tindif. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat Nisa li kollha għamlu l-almu tagħhom biex dejjem inżommu nadif. Nixtieq ukoll nuri l-apprezzament tiegħi lejn il-kumitat il-ġdid li bħalma ssopponejt qbilna u ħdimna tajjeb flimkien.

L-attivitajiet ta' matul is-sena baqgħu għaddejjin bħas-soltu u ta' dan dejjem nirringrazzja lil dawk kollha li jattendu. Dan l-appoġġ jagħmlilna kuraġġ biex inkomplu norganizzaw dawn l-attivitajiet. Ħarġa li saret sinonima mill-Każin Imperial hija x-xalata tal-għada tal-festa. Ir-rispons li għandna għaliha huwa tant kbir li saħansitra javżawna għall-biljetti minn sena qabel.

Bħal snin oħra nixtieq nispiċċa dawn il-kelmiet bl-awgurju tiegħi għal festa mill-aqwa lill-kumitati u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial. Jalla bħal snin oħra jirrenjaw il-paċi u l-ferħ li dejjem uriet il-festa tal-Vitorja Melleħija.

Nixtieq minn qalbi nsellmu b'mod partikolari lil ħutna morda u anzjani li tant kienet għal qalbhom l-Għaqda Mużikali Imperial u li bħalissa ma jistgħux ikunu magħna. Ma' dawn nixtieq insellmu wkoll lill-emigranti li qegħdin hawn fostna u lil dawk li din is-sena ma setgħux jingħaqdu magħna.

Il-festa t-tajba lill-Melleħin kollha.

**CARMEL VELLA & SONS LTD.**
**GENERAL WHOLESALERS**
*CONFECTIONERY LINES, CIGARETTES,*
*CIGARS & TOBACCO*
**"Arcadia", George Borg Olivier Str., Mellieħa**
**Tel: 21 520883, 9949 6643, 9949 8855**
**cvelsons@maltanet.net**





***Les Jardins Restaurant***

Have a relaxing Sunday. Come in and enjoy our Sunday Buffet Lunch with all the family, starting in October!



***Al Ponte Bistro***

For a tasty Mediterranean meal in a leisure atmosphere, join us for both lunch or dinner.



***120 Bar***

Enjoy a drink or two while listening to music or watching your favourite sporting event of big screen. Open from Mondays to Sundays.

*George Borg Olivier Street, Mellieha, Malta*
***T*** *(+356) 21 520 923/9*
***E*** *info.mal@maritim.com.mt*
***www.maritim.com.mt***

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta


Driver Training
DRIVE WELL!
9949 8240 www.drivewell.webs.com
Driver Training
Catagory 'C'
Catagory 'C+E'
DRIVE WELL!
MOTORING SCHOOL
www.drivewell.webs.com
9949 8240
We Strive to Teach You How to Drive Safely & Securely for a Lifetime.
Male & Female Instructors on Manual and Automatic Cars.


Paradise Bay Lido
We are now accepting bookings for Weddings, Bachelor & Hen's Parties,
Team Building Activities, BBQs and much more!
A wide variety of menus are available upon request, or we can easily create
a tailor made package at very competitive prices to suit all budgets........
Group bookings are also welcome.
Alternatively, why not dine at our newly launched A La Carte Restaurant
open every evening from 19.00 hours till late, or enjoy a bottle of wine
with a selection of platters to choose from, whilst admiring the natural beauty
of this truly magnificent bay......
t 21575491
f paradise bay lido malta
e info@paradisebaylidomalta.com
w www.paradisebaylidomalta.com


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
STOP
SLOW
50
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt



# Il-Mużika u l-Ħajja tal-Bniedem



**Mro Anthony Borg**
Surmast

Għal ħafna meta persuna titgħallem il-mużika jfisser li din tkun iddoqq strument u tkanta. Iżda ftit huma dawk li jagħrfu li l-mużika tista' tkun mezz importanti għall-iżvilupp tal-bniedem, għaliex toffri ħafna ħiliet li jtejbu l-kwalità tal-ħajja li ngħixu. F'din il-kontribuzzjoni fil-qosor se nittratta xi wħud minn dawn il-benefiċċji.

1. Taħriġ mużikali sa minn età żgħira jgħin fl-iżvilupp tal-moħħ, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwa u mar-raġunar.
2. Nies li jipprattikaw kull forma ta' arti (li tinkludi wkoll il-mużika) jaħsbu b'mod aktar kreattiv u jkunu kapaċi jsolvu ħafna diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom minħabba li jkollhom il-ħila li jimmaġinaw soluzzjonijiet differenti.
3. Minn studji u riċerki li saru matul is-snin, instab li dawk li jitgħallmu l-arti jkollhom aktar suċċess fl-istudji/karriera tagħhom.
4. Kull forma ta' arti (il-mużika inkluża) tesponi l-istudenti għal kulturi differenti. Minħabba f'hekk hemm it-tendenza li dawn ikunu kapaċi jaċċettaw aktar lil persuni b'kulturi differenti.
5. Il-mużika tgħin biex ittejjeb il-ħiliet tal-individwu. Tagħraf timmira għal livelli ogħla, tagħraf dak li hu tajjeb u tifhem għal livelli li dan jista' jsir b'dedikazzjoni, b'sagrifiċċju u b'perseveranza.
6. Bil-mużika tagħraf tifhem li s-suċċess ma jiġix waħdu, iżda trid taħdem għalih. Is-suċċess u l-eċċellenza jinkisbu biss b'taħriġ li ma jaqta' qatt.
7. Il-mużika tgħin lill-bniedem ikun aktar dixxiplinat u jkun kapaċi jaħdem bħala tim u għalhekk tnaqqas l-egoiżmu.
8. Il-mużika tistimulak u tgħinek temmen fik innifsek.
9. Il-mużika tgħin biex ittejjeb il-komunikazzjoni ta' bejnietna u mezz fejn numru ta' persuni ta' ideat, twemmin u kulturi differenti jkunu kapaċi jaħdmu flimkien.
10. Il-mużika tgħinna negħlbu l-biża' u nkunu kapaċi nieħdu ċertu riskji fil-ħajja. Riskju kkalkulat huwa mezz tajjeb ħafna għas-saħħa mentali u tgħin lill-persuna biex tagħraf tagħżel dak li huwa tajjeb u dak li mhuwiex.

Fuq nota personali nixtieq nirringrazzja lil kull min b'kull mod, ta s-sehem tiegħu biex il-Banda u l-Kor Imperial għal darb'oħra kellhom sena oħra ta' suċċess. Filwaqt li nwassal ix-xewqat tiegħi għall-Festa mill-isbaħ nistedinkom biex tingħaqdu magħna matul il-jiem tal-Festa ta' Marija Bambina u nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru 2013 għall-programm mużikali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa.

Il-Festa t-Tajba.

*George's Bakery*

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

**Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd**




**ALL INCLUSIVE WEEKEND BREAKS SPECIAL STARTING FROM €189* on All-Inclusive basis for TWO adults⁺ for any TWO nights.**

* €189 offer applies during the periods 1–23 December 2012 and 3–31 Jan 2013.
⁺ 1 child up to 11 years is always free with two accompanying adults at Seabank.

Enjoy unlimited food and drinks from 07:30HRS until 23:00HRS! Also includes parking, wifi, in-room tea & coffee facilities, full animation and evening entertainment programmes, kids club, spa facilities, choice of 2 restaurants for lunch and dinner, etc…

**ALL INCLUSIVE SUNDAY LUNCHES**

Price includes free flowing wine, soft drinks and even beer as you taste an endless assortment of delights from our buffets, made in front of you by our dedicated chefs.

**Adults €25.00 and Kids €12.50 (4-12yrs)**

Coral
RESTAURANT

AQUA MARINE
SPA AND FITNESS

**REVITALIZE YOURSELF AT THE AQUAMARINE SPA**

Rouge Corail Exfoliation, Hydro bath with Ocean Crystals and
An Energizing Full Body Massage, Sauna and Steam Room – ALL for €60

Other treatments, packages and gym memberships are available.
Speak to our experienced therapists on
T 2289 1330 E spa@seabankhotel.com

**T** 2289 1000 **E** info@seabankhotel.com
**W** www.seabankhotel.com **FB** www.facebook.com/seabankresort

# The ARCHES

wine bar & restaurant

George Borg Olivier Street, Mellieha - Malta Tel› (+356) 21 523 460
Email› info@thearchesmalta.com Website› thearchesmalta.com








*elegant refined exquisite*



# The Ladies Choir



**Shirley Helleur**
B.A., L.R.A.M., L.T.C.L., P.G.C.E.

Jagħti xhieda t'Alla l-Ħaj!

U nitolbu l-Omm tas-Sema
Sabiex Hi tipproteġih
Taħt ħarsitha żgur iżżommu
W'imħabbitha Hi tagħtih.



# Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta'

# Marija Bambina

## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

### Mit-23 ta' Awwissu sad-9 ta' Settembru 2013

## Il-Ġimgħa – 23 t'Awwissu

**8.00p.m.** *Barbeque* fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistieden speċjali Joe Demicoli.

## Is-Sibt – 24 t'Awwissu

**4.00p.m.** *Treasure Hunt* organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial.

## It-Tnejn – 26 t'Awwissu

**6.00p.m.** Is-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Imperial ser torganizza *Tournament* tal-*Billard*.

## L-Erbgħa – 28 t'Awwissu

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**8.30p.m.** Wara li tispiċċa t-tombla, ser tiġi organizzata *Pasta Night* ġewwa l-Każin. Waqt l-ikel ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

## Il-Ħamis – 29 t'Awwissu

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

## Il-Ġimgħa – 30 t'Awwissu

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

## It-Tnejn – 2 ta' Settembru

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

## It-Tlieta – 3 ta' Settembru

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-membri tal-Kumitati, bandisti, membri tal-Kor flimkien mal-familjari tagħhom.

## L-Erbgħa – 4 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien,Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ħamis – 5 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla minn Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mithna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Gużepp, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ġimgħa – 6 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq Frangisk Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**11.00p.m.** Tlugħ tal-Istatwa ta' Malta fuq il-Pedestall waqt id-daqq tal-Innu Nazzjonali. Wara jitkompla l-marċ sa quddiem il-Knisja.

## Is-Sibt – 7 ta' Settembru

**7.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**10.45p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu tal-Banda.

## Il-Ħadd – 8 ta' Settembru

**6.00p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

## It-Tnejn – 9 ta' Settembru

**5.00p.m.** Ser tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa fuq il-*Hop On Hop Off* mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħas-sena li għaddiet.

# VIVA MARIJA BAMBINA!

# Trasmissjoni *Live*

## tal-Festa ta' Marija Bambina 2013

Bejn l-23 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru, 2013 ser inxandru *live* l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial u l-funzjonijiet reliġjużi fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina 2013 fuq is-sit elettroniku

**www.imperialbandclub.com**

*Inħeġġukom li tinfurmaw lil qrabatkom emigranti biex flimkien magħna jgawdu l-Festa ta' Marija Bambina.*

# Il-Qasrija

**in 2 Cross Street Mellieħa**, specialises in flower arrangements for weddings, funeral flowers, Holy Communion and other occasions.

Consultation on the type of flowers and budgeting advice are all part of this personalised service. Wedding packages include all the floral arrangements for home, church and reception venue.

Deliveries are made to the home of the bride which means the couple will have one less thing to worry about.

Tel/Fax:
21 520549



# CLIFFORD
**Motoring School**
**& Motorcycle Towing**

**Mob: 9947 8908 • 9945 2994**

WE TEACH ON MANUAL CARS
MALE & FEMALE QUALIFIED INSTRUCTORS
VERY PATIENT AND PROFESSIONAL
DOOR TO DOOR PICK UP/DROP DOWN SERVICE
HIGH PASS RATE
NO HIDDEN CHARGES
LESSONS ON INDIVIDUAL BASIS

**WE DO PRACTICAL TESTS IN MALTA & GOZO**

# MARIO GAUCI

***Fruit & Vegetable Seller***



***10, South Street, Mellieħa***

*Daily vendor selling at St. Paul's Bay and Mellieħa*

**Mob: 9945 5717**



# Activities organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of Our Lady of Victories Patron of Mellieħa

## Friday – 23rd August 2013
**8.00p.m.** BBQ organised by the Imperial Band Club in the Parish Square.
Special guest will be Joe Demicoli.

## Saturday – 24th August 2013
**4.00p.m.** The youths section will organise a Treasure Hunt, which will be open to all youths interested to participate.

## Monday – 26th August 2013
**6.00p.m.** Billiard Tournament organised by the youths section of the Imperial Band Club.

## Wednesday – 28th August 2013
**6.00p.m.** A special bingo night organised by the Ladies Committee.
**8.30p.m.** A Pasta Night will be held at the club. Festive entertainment will be organised by the youths section.

## Thursday – 29th August 2013
**7.30p.m.** General rehearsal by the Imperial Band and Choir.

## Friday – 30th August 2013
**6.30p.m.** The Imperial Brass Ensemble and Choir together with the club's committee and members participate during a Holy Mass in the Mellieħa Parish Church.
**8.00p.m.** Annual Get Together at the Imperial Band Club for emigrants.

## Monday – 2nd September 2013
**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir at the Parish Square. A reception will be held afterwards at the Imperial Band Club main hall.

## Tuesday – 3rd September 2013
**8.00p.m.** A reception will be held for the Committee, band and choir members, together with their guests at the Imperial Band Club.

## Wednesday – 4th September 2013
**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to Mellieħa Parish Square.

## Thursday – 5th September 2013
**8.30p.m.** Band marches by St George's Band from N. Caruana Dingli Street to Mellieħa Parish Square.

## Friday – 6th September 2013
**8.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band from V. Ciappara Street to Mellieha Parish Square.
**11.00p.m.** The National Anthem will be played while the Statue of Malta is being raised on its pedestal, after which the band march will proceed up to the Parish Church.

## Saturday – 7th September 2013
**7.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street to Mellieħa Parish Square.
**10.45p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in honour of Our Lady of Victories on the stage, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Hymn.

## Sunday – 8th September 2013
**6.00p.m.** Band marches by St Sebastian Band of Qormi from St Anne's Street to Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the club's Band Stand in Mellieħa Parish Square. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the Club, the Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

## Monday – 9th September 2013
In the evening an outing will be organised on the Hop On Hop Off Buses to end up the activities organised for the village feast. Festive entertainment will be organised by the youths section.

# QLED™ 1.5W

## Decorative Ball Shape LED Lamps








- Consumes only 1.5W while producing the same illumination of a 15W incandescent lamp

- Average lifetime 30,000 hours

- Vivid Warm White, Cool White, Red, Blue, Yellow and Green colours

- Fully Waterproof

- Available in B22 (Bayonet) and E27 (Edison Screw) base cap

**Available from all leading Hardware Stores and Light Shops**

Another product brought to you by:
Trade Enquiries: 7900 0369 / 7901 3878

QUALITY PRODUCTS

*your light source*

# A.F. SKIP HIRE

*Mellieha*




**Toni** (ta' Rasu)

**Mob: 9925 3837**
**9935 3837**

*Ġbir ta' ħadid mingħajr ħlas*



# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial



Dr Joanne Vella Cuschieri tippreżenta donazzjoni lill-Għaqda Mużikali Imperial.



Is-Sur Clayton Bartolo jippreżenta mużika lill-Banda Imperial.



Is-Sur Anthony Grech jippreżenta l-Arma tal-Għaqda Mużikali Imperial maħduma mill-ħadid minnu stess.



Is-Sur Shaun Vella jippreżenta mużika lill-Banda Imperial.



Is-Sur Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni lill-Għaqda Mużikali Imperial.



Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni lill-Għaqda Muzikali Imperial.



Is-Sur Charles Caruana jippreżenta arloġġ tal-ġebel lill-Għaqda Mużikali Imperial.

# Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial




**Is-Sinjuri Joe u Doris Dimech jippreżentaw donazzjoni lill-Għaqda Mużikali Imperial.**




**Is-Sur Sam Vella jippreżenta CD tar-rekording tal-Innu Ad Unur Maria Bambina u Marċi li kien sar fl-1959.**




Schere

Unisex

Hair · Nails · Beauty · Spa



***Special offers:****

***#Free Hair treatment with Cut and Blowdry***

***#25% off on all Beauty treatments***

***#Package for only €55 insted of €65:***

- ***Hydrating Facial***
- ***Hot Stone Back Massage***
- ***Manicure or Pedicure***
- ***Jacuzzi or Spa***

# Schere

## *Hair, Nails, Beauty & Spa*

***Triq Sant'Anna***
***Mellieha***

***21 522 904***
***77 522 904***
***scherespa@gmail.com***

**offers valid for September 2012. on presentation of this voucher!*


John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Helping you in life's most difficult moments
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay
SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay
SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: info@johnbrayandson.com
jbray@onvol.net

# Preżentazzjonijiet li saru fid-29 ta' Settembru 2012



Is-Sur Joseph Bartolo – President Onorarju.



Is-Sur Anthony Caruana – Bandist Anzjan.



Is-Sur Joseph Sciberras – Bandist Onorarju.



Is-Sur Vincent Vella – Bandist Onorarju.



Mro Anthony Borg – 15-il sena Surmast Direttur.



# Time 4 Change



**by Geoff Thomas**

*"The world hates change, yet it is the only thing that has brought progress."* [1]

Who amongst us can honestly say, "I like change"? Many people like the idea of change - as long as it doesn't affect them. But, is change always for the better?

*"Certain things, they should stay the way they are. You ought to be able to stick them in one of those big glass cases and just leave them alone."* [2]

Since first coming to Malta in April 2004, I have shared and witnessed many changes, and certainly some are for the better, whilst others … well, you work it out! Hotels are being re-vamped, many changing hands or changing over to all-inclusive packages; there are more roads with better surfaces (and the speed cameras to go with them!); a bigger choice of flights to and from Malta at more competitive prices; we now have the euro, and who can go a day without mentioning Arriva?!

*"To improve is to change; to be perfect is to change often."* [3]

Then, of course, there have been many changes in the Imperial Band Club: changes to the structure and fabric of the building, changes in staff and committee, an ever-improving rehearsal room, a fabulous bandstand, and new, young, band members. The club needs to make changes in order to make itself future proof. This is merely a positive comment on the changes it has already made, and continues to make, and a compliment to the committee, staff and members on the way the club is moving forward, something it needs to do to survive.

*"We are the music-makers, and we are the dreamers of dreams,"* [4]

So why and how does the band continue to flourish and attract regular players for marches and concerts? How many other band clubs – and not just in Malta – have the attendance figures we do for band practice? There are many reasons, but one of the key reasons for me is the ability of the band and its conductor to change the repertoire to suit the occasion and the audience.

*"As with anything creative, change is inevitable."* [5]

## So where am I going with all this?

*"Why do you go away? So that you can come back. So that you can see the place you came from with new eyes and extra colours. And the people there see you differently, too. Coming back to where you started is not the same as never leaving."* [6]

The repertoire changes in band have happened for a few reasons: the number of visitors, and exchanges with people, from other countries is certainly one, and the willingness and enthusiasm of the band to respond to the needs of its audience is definitely another. But, and this is my main point, the band (like musicians the world over) is handicapped in the way that we all, or nearly all, were taught music theory. If I had a euro for every person I've met who can completely and accurately define a time signature and its purpose, I'd be very poor indeed. Since this publication will be read by many people who are musicians, or have friends or family members who are, I'll explain what I mean. I'll try not to get too technical, but apologies if I lose some of you along the way.

*"Intelligence is the ability to adapt to change."* [7]

Pieces of music can be broken down into two types: those with time signatures, and those without. (If you haven't seen a piece without a time signature, try looking at early plainsong, graphic scores, many piano pieces by Erik Satie and Olivier Messiaen, or a huge amount of the 'modern' music written after World War II.) Time signatures themselves can be broken down into three main types: Simple, Compound and Other (Complex, Mixed, Additive, Irrational). When we learn music theory, we are usually only taught simple and compound, and yet complex time signatures have been around for

over two hundred years in printed music, and some say over two thousand years in Greek friezes. Our present band repertoire contains examples of all of these types, except irrational, so no wonder we have problems.

## What is a time signature?




A time signature usually has two numbers, one written above the other. (There are common exceptions including the two above; these are shorthand for four and two beats in a bar, and are frequently found in hymns and marches). The upper number tells you **how many** beats in a bar; the lower number tells you **the value** of those beats. It follows, therefore, that the top number can be any number, although in practice it is usually between 2 and 12. On the other hand, the bottom number can only be one which is equivalent to a note length (this is even true for irrational time signatures for you clever ones), as shown in the chart below. (Chart 1)

So it follows that 3/2 means three half-notes (or minims) in a bar; 4/4 means four quarter-notes (or crotchets) in a bar; 5/8 means five eighth-notes (or quavers) in a bar, and so on. This rule always applies, and – once learnt – should be easy. Unfortunately, many people still teach that a crotchet is equal to one beat, so unless 4 is the bottom number, pupils become confused and playing in other time signatures is difficult. For example, in 6/8 a crotchet (or quarter note) will <u>never</u> be one beat.

What makes it even trickier is how the notes are grouped within the bar. This is where the terms simple, compound, complex etc. come in.

- If the top number is 2, 3, or 4, or 8, 16 etc, we have simple time; the notes in the music will be grouped in twos, fours etc.
- If the top number is divisible by 3 (for example, 6, 9, or 12) then the music is in compound time and the notes in the music will be grouped in threes.
- If the number is not divisible by 2 or 3, then we have complex time. The time signature might be 5/4 (as in *Mars* from Holst's *Planets Suite*), or 7/4 (as in Stravinsky's *Firebird Suite*). In each case, the number will be broken down into groups of 2 or 3 or 4; in the piece Mars already mentioned, the conductor will beat 3 plus 2 (Chart 2).

Or, as in Tchaikovsky's 6th Symphony, the conductor might beat 2 plus 3 (Chart 3).

- Quite frequently, to make matters more interesting (or complicated!), the time signature might look like one type and actually be another. For example, Dave Brubeck's *Blue Rondo à la Turk* is written in 9/8 but starts out with patterns of three bars of (2+2+2+3)/8 followed by one of a standard 9/8. (Apologies that I can't reproduce it here, but it's still under copyright!) The conductor

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Semibreve / Whole Note | 𝅝 | 8 | Quaver / 8th Note | 𝅘𝅥𝅮 |
| 2 | Minim / Half Note | 𝅗𝅥 | 16 | Semiquaver / 16th Note | 𝅘𝅥𝅯 |
| 4 | Crotchet / Quarter Note | 𝅘𝅥 | 32 | Demisemiquaver / 32nd Note | 𝅘𝅥𝅰 |

Chart 1




Chart 2




**Chart 3**

therefore conducts in **four** for three bars and **three** for one, yet the bar lengths remain the same.

This brings us to the programme for September 2nd 2013, and the problems we have with counting in our rehearsals. Four pieces in particular raise interesting time signature issues for the performer. Firstly, the well-known overture to *Orpheus in the Underworld* by Offenbach. The delightful slow melody in this overture is written in 6/8; however, it changes tempo, or speed. Thus the conductor may wish to conduct it with two beats in the bar (remember – groups of three), or with six, or even a mixture of the two. Players must write carefully in their parts to ensure they know where it changes.

Secondly, we have *Music* by John Miles in a great arrangement by the British composer, Philip Sparke. Quite early on in the piece, a lot of the band members are requested to clap a rhythm in 7/4 time; in this case it is actually (2+2+3)/4 and the transition to the next section in 4/4 (2+2) is cleverly written so as to be quite straightforward for the players.

Film music is notorious for its constantly changing time signatures; after all, the music is accurately timed to fit scenes and key moments. As listeners, we rarely notice the changes; try listening to the main theme from *ET*, or the music as the *Titanic* puts to sea. The next example is a selection of music from the first *Chronicles of Narnia* film, *The Lion, the Witch and the Wardrobe*, and this is typical of film music: there are many changes of time signature and of tempo. Again it is important to write down what the conductor is beating so that the changes of tempo, the rhythms and the accents all happen in unison.

Finally, I was thinking back to my piece *Gwalia* of two years ago, and to the Karl Jenkins piece *In Caelum Fero* from last year. The main problems in rehearsal were the changing time signatures in one, and the rhythms in the other. So this year, I wrote *Merħba*. This piece is written in 10/8 and 9/8 but the conductor beats in four throughout. Both of the time signatures are complex and can be subdivided: 3+3+2+2 for the 10, and 3+2+2+2 for the 9. In order to help the band we came up with the idea of using words with the same number of syllables; being a band, we found *pastizzi, pastizzi, birra, birra* worked really well! (Try it – it works!) Apart from being fun to play, and – I hope – to listen to, *Merħba* is the beginning of another change. In the Imperial Band at least, musicians are beginning to understand that a dotted minim can be three beats, two beats, one and a half beats, or a single beat, and (I hope!) we are starting to change the way we look at time signatures and note values forever.

*Change isn't always for the worst; the shell that forms around a piece of sand looks to some people like an irritation, and to others, like a pearl."* [8]

**Referenzi**

1 Charles Kettering
2 J.D. Salinger, *The Catcher in the Rye*
3 Winston Churchill
4 Arthur O'Shaughnessy
5 Enya
6 Terry Pratchett, *A Hat Full of Sky*
7 Stephen Hawking
8 Jodi Picoult, *My Sister's Keeper*




Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

DAILY FRESH IS BEST

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa

Central

SHOE
STORE

68, Borġ Olivier Street
Mellieħa
Tel: 21 523530

GIUSEPPI'S
WINE BAR

*26/27, St. Helen Str., Mellieħa*
*Tel: 21 574882 / 9949 3579*

CLD

Caruana Light Decorations

*Mob: 7994 1401*




Tower Ladder
Services

Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678



# Rajt il-Mellieħa tinbidel

**Mons. Dun Mosè Debono**

Għalaqt il-85 sena, u minn dakinhar sal-lum rajt kif il-Mellieħa nbidlet minn raħal għal belt, il-bini l-antik twaqqa' u reġa' nbena f'wieħed modern, u kemm il-mentalità u l-ħajja tal-Melleħin, inbidlu bħal-lejl għal nhar.

Fi tfuliti gawdejna l-innoċenza, il-ġabra fil-familja, ir-rispett lejn il-ġenituri, l-għalliema tal-Iskola, lejn il-Pulizija, lejn l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi u Ċivili. Konna familji b'numru kbir ta' wlied. Il-familja tiegħi stess kienet komposta mill-ġenituri – Ġużeppi u Maria u minn għaxar subien u erba' bniet, u qatt ma rajna l-ġenituri iddisprati! Kienet ħajja ta' ħafna sagrifiċċju u tbatija – hekk iva. Imma l-istess ulied tal-familja, sa minn ċkunithom, kienu jkunu ġa qegħdin jesperimentaw it-tbatija tal-ġenituri. Allura, il-fsied ma kienx jeżisti. L-iktar, il-Melleħin, kienu bdiewa, u l-mara kienet taħdem flimkien ma' żewġha fir-raba' – u aktarx, kienet taħdem daqsu wkoll. Anke t-tfal kienu jkunu ġa bdew jesperimentaw it-tbatija u s-sagrifiċċju ta' x'jiġifieri trid taħdem biex taqla' l-għajxien tiegħek ta' kuljum. It-tifel kien jitgħallem isuq il-bagħal bil-karrettun, jitgħallem jaħrat bil-moħriet, ried jitgħallem isaqqi l-għalqa u kif iwassal l-ilma mill-għajn mimlija bl-ilma għal matul il-kanali sakemm jibda jsaqqi l-għalqa. It-tfal, flimkien ma' missierhom u ommhom, fuq il-qiegħa, f'Lulju u f'Awwissu, f'xemx taqli l-ankri, kienu jitgħallmu kemm trid tbati biex tidres il-qamħ għalih, idderrih billi bil-pali tal-injam u bl-imdieri (plural ta' midra), il-midra kienet bħal furketta kbira tal-injam billi jgħollu t-tiben u l-qamħ flimkien, sakemm, imbagħad, permezz taż-żiffa tar-riħ, jintgħażel il-qamħ mit-tiben mis-sifa (it-tiben li jkun tqatta' rqiq ħafna permezz tad-dris tal-annimali u tar-romblu tal-ħadid mimli bi xfafar li jqattgħu, miġbud mill-bagħal jew mill-ħmara. Ir-riżultat ta' dak ix-xogħol iebes, it-tfal sa minn ċkunithom, kienu jitgħallmu kemm toħroġ tbatija, qabel ma tiekol biċċa ħobż!

Inkwantu ta' skola, tgħallimna wkoll, imma ma kellniex il-kumditajiet bħalma għandhom illum it-tfal. Lanqas ma kellna kumdità biżżejjed ta' trasport bil-karozzi bħalma għandhom illum l-istudenti biex imorru fi skejjel oħra barra mill-Mellieħa. U lħaqt ukoll żmien l-aħħar gwerra mill-1939 sal-1945. Tlieta biss kienu l-istudenti Melleħin fi skejjel sekondarji, dawn kienu: Edward Camilleri li, iktar tard sar Surmast tal-Iskola, Godfrey Wettinger li sar professur l-Università u Mosè Debono li mar it-Technical School għall-iskola u ħjata, iktar tard mort is-Seminarju biex nasal għas-Saċerdozju.

Fi tfuliti, ftit li xejn, aħna l-Melleħin kellna kuntatti ma' Maltin oħra. Però, l-irġiel ħaddiema tal-bini – bennejja u manwala u ħaddiema fit-Tarzna kien hemm dejjem. Iżda l-Mellieħa kienet tara Maltin u Għawdxin oħra biex jirringrazzjaw lill-Madonna għal xi wegħdiet li jkunu għamlu, jew biex jitolbuha għax-xita, għal kontra xi marda qattiela, biex teħlisna mill-istraġi tal-gwerra, u bħala ringrazzjament lill-Madonna li spiċċat il-gwerra.

Għall-ħabta tas-snin 1960 u l-1970, il-Wied ta' Għajn Żejtuna ngħata għall-bini, u nħoloq ħafna xogħol għall-Melleħin. Imbagħad bdew jinbnew il-lukandi għax bdew ġejjin it-turisti. Anke l-lukandi pprovdew ħafna xogħol. Il-mara tad-dar ma baqgħetx toħroġ mid-dar bil-fardal imdendel ma' qaddha. Bdiet tkun eleganti iktar. U wara x-xogħol, l-irġiel ukoll bdew joħorġu 'l barra mid-dar, mhux iktar bl-istess ilbies tax-xogħol imma bi ħwejjeġ aħjar u nodfa. Bla dubju, anke ż-żgħażagħ u t-tfal, bdew jidhru iktar eleganti. Fir-raħal bdew jidhru ħwienet li ssib fihom il-meħtieġ kollu għall-ħajja. Bdejna nindunaw li ma kienx hemm iktar għalfejn toħroġ 'il barra mill-Mellieħa biex tixtri par żarbun, biex tixtri libsa, għodda ta' kull kwalità għax-xogħol. Il-mastudaxxi armaw b'makkinarju mill-aqwa, u daħlu snajja oħra kapaċi għal kull xogħol meħtieġ. Fil-Mellieħa qatt ma kellna nies għażżenin, la fl-imgħoddi, u lanqas issa. Il-Melleħin magħrufin għall-bżulija tagħhom u li jafu jfaddlu l-flus li jkunu batew ħafna għalihom.

Fl-1948, infetaħ għall-Maltin, il-bieb għall-emigrazzjoni. U eluf ta' Maltin u Għawdxin, u fosthom mijiet ta' Melleħin, telqu lejn l-Awstralja, il-Kanada, l-Amerika u l-Ingilterra. Tista' tgħid li fil-maġġoranza l-kbira ta' familji Melleħin, kollha kellhom xi ħadd, jew xi wħud emigraw lejn pajjiżi 'l bogħod minn Malta. Mill-familja tiegħi stess, telqu erbgħa. Bl-emigrazzjoni, il-Baned kollha Maltin u Għawdxin, ħadu majnata kbira u fonda għax sifrulhom ħafna bandisti. U dik id-daqqa ta' ħarta, damet madwar għoxrin sena tinħass, sakemm il-baned reġgħu bdew jirpiljaw mill-ġdid.

Fl-1947, nibed il-'Kor u Orkestra Marija Bambina' fil-Mellieħa. Mill-familja tiegħi konna erbgħa, l-ewwel li ħadna sehem: Pija u Wiġi bil-kurunetta, Leli jkanta (kien ukoll jaf idoqq il-klarinett), ħija Edwardu u jien konna bil-vjolin għax aħna t-tnejn konna l-ewwel Melleħin li bdejna nitgħallmu l-vjolin għand professur. Is-solista bil-vjolin tat-Teatru Rjal u dak kien Maestro Wistin Camilleri.

Fis-snin 1947 sal-1967, jiġifieri fiż-żmien il-parrokat tal-Kappillan Dun Franġisk Xuereb, l-għaqdiet reliġjużi kienu fl-aqwa tagħhom; l-Azzjoni Kattolika bil-friegħi kollha tal-irġiel, nisa, ġenituri, tfajliet, subien u bniet; iż-

Żgħażagħ Ħaddiema Nsara; ġenituri u tfajliet; Leġjun ta' Marija; rġiel u nisa u anke tfal.

Fis-snin 1950 sal-1970 saru ħafna għalliema Melleħin fl-iskejjel tal-gvern u dawn ħadmu ħafna sabiex il-Mellieħa tkompli tgħaddi 'l quddiem fil-formazzjoni spiritwali u fl-edukazzjoni ċivili u jiena sirt saċerdot fl-1956, u dak li ġbart u ħżint mis-seminarju, ridt inwasslu lill-parroċċa tal-Mellieħa iżda mhux ridt biss, iżda fil-fatt hekk għamilt, u hekk għadni sejjer. L-ewwel ħaġa li għamilt, organizzajt it-tagħlim tal-katekiżmu, saħħaħt u komplejt norganizza l-għaqda tal-abbatini li kienet ġa twaqqfet xi sena, sena u nofs qabel mill-Kanonku Dun Ġużeppi Delia, bl-approvazzjoni tal-kappillan Dun Franġisk Xuereb. L-ewwel organizzaturi kienu: Edward Camilleri (Surmast tal-Iskola), Karmelo Muscat (Impjegat mal-Water Works separatament), u Pawlu Deguara (li iktar tard sar Saċerdot Ġiżwit). Mela, il-bidu tal-għaqda tal-abbatini, inbdiet bejn nofs l-1954 u l-1955. U billi kont imsaħħar (u għadni) bil-mod ta' kif San Ġwann Bosco kien jirnexxielu jiġbed it-tfal u ż-żgħażagħ lejh billi kien iħaddem din il-massma tiegħu konvenzjoni kbira li: "Jekk l-edukatur irid jiġbed it-tfal u ż-żgħażagħ lejh, l-ewwel irid jagħmel dak li jridu huma, imbagħad huma jagħmlu dak li jrid hu", jiena dan bdejt nipprattikah sa mill-bidu nett. U fost oħrajn, għamilt *ground* tal-futbol f'tat-Tomna 'l fuq mill-grawnd tal-gvern li hemm illum. Dan kien ħdejn il-ġibjun fil-quċċata tal-għolja. Kont krejt żewġt għelieqi kbar ħdejn xulxin li kienu traskurati, u bil-għajnuna ta' erba' ġuvnotti, it-tfal l-oħra kellhom fejn jilagħbu.

Sa qisu l-1936 fil-Mellieħa kien għad ma hawnx toroq bl-asfalt, ħlief dik biss li llum hi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borġ Olivier u Triq il-Marfa. Il-kumplament tat-toroq l-oħra kien għadhom bit-trab u bix-xaħx. U kien hawn tlieta jew erba' merħliet ta' nagħaġ u mogħoż għax kważi kull familja kellha l-istalla fid-dar tagħha stess. U fl-istalla kien ikun hemm; in-nagħaġ u, jew il-mogħoż, fniek, tiġieġ, ħamiem. U għalkemm kien għad hemm il-faqar, il-familja kienet moqdija tajjeb b'dawk l-annimali. Iżda b'dawk in-nagħaġ u l-mogħoż li kienu jinħarġu kuljum mill-istalel biex imorru wara r-rgħajja għall-mergħa fil-kampanja, it-toroq minn fejn kienu jgħaddu, kienu jinksew bil-ħmieġ tagħhom, u minħabba f'hekk kien ikun hawn ħafna dubbien, u fuq kollox, il-mard tal-għajnejn, l-iktar, it-trakoma, kien popolari ħafna, minħabba n-nuqqas ta' ndafa, anke d-deni rqiq kien komuni wkoll, minħabba li l-ħalib tal-mogħoż ma kienx jitgħalla!

Sal-1949 il-Mellieħa kien għad ma kellhiex id-drenaġġ, l-ilma tal-vit, u lanqas dawl elettriku. Iżda meta mbagħad daħlu dawn kollha, daħlet l-iġjene u n-nies bidet tkun iktar attenta għall-indafa u s-saħħa tal-ġisem.

Niftakar li z-ziju Dun Anton Debono jġorr, kważi kuljum, it-tfal żgħar lejn iċ-ċimiterju – għax kien għad ma hawnx kura. Ma kienx hawnx kura, mhux fil-Mellieħa biss, jew f'Malta biss, imma mkien fid-dinja. Il-vera kura nbdiet mal-invenzjoni tal-penisilin minn Alexander Fleming li ġiet użata ħafna fl-aħħar Gwerra Dinjija (1939 – 1945). Ma kinitx tkun storja rari ħafna li kont tisma' li omm mietet mat-twelid tat-tarbija. U l-morda kienu jibqgħu fi djarhom sa mewthom u meta t-tabib kien jordna biex il-pazjent/a jittieħed l-isptar, il-Melleħin konnha tal-femha li, mejjet / mejta, se jiġi lura – għax ftit li xejn kien għad hawn kura ta' fejqan.

Niftakar li l-bdiewa u l-ħaddiema, qabel ma jmorru għax-xogħol kienu jisimgħu quddiesa tal-ewwel – fl-4.30 jew fil-5 ta' filgħodu. U l-maġġoranza tal-ulied, kienu jmorru għal quddiesa kuljum, u s-santwarju kien bil-bosta ffrekwentat bil-bosta għall-qima lejn il-Madonna milli aħna llum.

Niftakar li l-maggoranza tat-tfajliet, sakemm kienu jaslu għaż-żwieġ, kienu jkunu tgħallmu sewwa l-ħajja tal-familja; kienu jkunu tgħallmu l-ħjata, il-bizzilla, ir-rakkmu; il-bjankerija kienu jkunu ħadmuha kollha huma. B'dan irrid ngħid li, meta raġel kien jiżżewweġ tfajla ta' dik il-kwalità kien ikollu biex jiftaħar li moħħu mistrieħ li dik se tkun mara għaqlija u tal-galbu.

Rajt ukoll li minħabba l-partiti politiċi, ġieli nqala' xi ftit tal-inkwiet minħabba ideat differenti, il-poplu Malti, dam ma mmatura biex jaċċetta ideat ta' partit li ma kienx jemmen fih.

Illum inkwantu, hawn ħafna u ħafna mezzi iktar minn żmien tfuliti. Imma x'ġara b'dawn il-mezzi kollha? Ħafna nies qegħdin jinqatgħu għalihom waħedhom għax, alla tagħhom sar it-televiżjoni, l-internet, il-mowbajl. Qiegħed jiġri li, għalkemm wieħed jista' jkollu ħafna studji, madanakollu, ma jafx iġib ruħu ta' nies man-nies; ma jafx jgħid 'grazzi', 'jekk jogħġbok', ma 'jafx isellem'. Ir-rispett u l-apprezzament lejn min ikun għamillek il-ġid, ftit li xejn għadhom jinħassu, ibda min-nuqqas ta' rispett lejn il-ġenituri, lejn l-għalliema, lejn il-qassisin, lejn il-pulizija, lejn l-awtoritajiet ekklesjastiċi u ċivili.

L-egoiżmu jinħass sewwa kullimkien; "l-aqwa li nkun moqdi jien, u ma jimpurtanix minn kemm inġiegħel lil ħaddieħor ibati minħabba wiċċi". Għal ħafna wlied, il-ġenituri ma jifhmu f'xejn, mhumiex moderni. Għal numru ta' żgħażagħ, l-esperjenza li jkunu għaddew minnha l-ġenituri tagħhom – ta' ferħ, niket, tbatija, fallimenti u suċċessi, xejn ma tkun tiswa għalihom, u jagħmlu ta' rashom. Imbagħad, ħalli jinqabdu f'ħafna fallimenti – għax huma jkun dehrilhom li ma għandhom bżonn parir u twissija minn ħadd!

Fl-aħħar ċensiment li sar mill-knisja f'Malta biex ikollna stampa ċara ta' kemm imorru għall-quddiesa s-Sibt filgħaxija u fil-Ħadd, irriżulta li fil-Mellieħa jmorru biss 52 fil-mija, bħal f'Malta kollha. Jiġifieri kważi nofs il-poplu tal-Mellieħa, abbanduna anke l-quddiesa tal-Ħadd. Anke dan ir-riżultat juri falliment fil-ħeġġa għar-reliġjon.

Il-Mellieħa, sa 50 sena ilu, kienet meqjusa minn Maltin oħra bħala " Ta' wara l-muntanji". Għidilhom, illum, kemm qegħdin jarawha l-Mellieħa, bħala post mill-isbaħ f'Malta, tant li, il-Mellieħa, saret post ta' villeġġjatura u turistika. U kemm in-nies li ġew joqgħodu l-Mellieħa, kemm iħossuhom ixxurtjati li laħqu post fejn jibnu djarhom, jew fejn irnexxielhom jixtru post fil-Mellieħa!

Maltin oħra kien għadhom ma jafux japprezzaw il-ġmiel tan-natura li biha hija mżejna l-Mellieħa. Anke fl-iskejjel li fihom konna mmorru, lilna tal-Mellieħa, xejn ma kienu japprezzaw id-doni li kellna – imma dejjem urejna li moħħna kien ilaħħaq daqs tagħhom, u iżjed ukoll għax aħna konna nistudjaw u napprezzaw is-sagrifiċċji li konna nagħmlu biex noħorġu kuljum 'il bogħod mill-Mellieħa biex nitgħallmu skola, snajja' u għax-xogħol.

Nara differenza kbira fil-ħajja ta' kuljum, tal-poplu Mellieħi, minn meta sirt qassis, fis-17 ta' Marzu 1956, sal-festa tal-Vitorja 2013. Madankollu, dejjem ippruvajt naġġorna ruħi mat-tagħlim tal-knisja, biex inkun nista' niswa ta' ġid lill-poplu Mellieħi.



# Sena wara sena

Paul P. Borg

Il-banda tar-raħal hija karatteristika li ssibha fil-qalba tal-ħajja Maltija. Hija marbuta ma' kultura minsuġa ġmielha mat-twemmin tagħna. Bis-saħħa tagħha l-mużika daħlet sa minn żmien ilu fil-ħajja tar-raħal u trawmu mijiet ta' żgħażagħ li sabu l-isfog tagħhom fl-attivitajiet tagħha. Kien ukoll bis-saħħa ta' din il-kultura li twieldu tant u tant melodiji u li kienu jsiru aktar magħrufin u ta' preġju, huma u l-kompożituri li ħolquhom, kieku l-udjenza kienet akbar minn dik li toffri artna!

Imma l-bniedem jitwieled, jgħix, iqatta' jumejn fuq din l-art u jgħib mill-ġdid. Il-ħajja mimlija b'karattri li ġew u marru matul is-snin bħal teptip tal-kwiekeb issa jidhru, issa le. Issib nies ta' ħila kbira li minn żmien għal ieħor jiddu fil-qasam tagħhom u donnu ħadd ma jintebaħ bihom. Jgħibu u jintesew fl-umiltà li għexu fiha. Bħallikieku mistoħbijin miż-żmien u mit-tifkira. Jgħib isimhom għax f'ħajjithom qatt ma rsistew biex il-ħila tagħhom juruha lill-bqija b'wiċċhom minn quddiem. Hemm nies mimlija ħila li jagħmlulna ġieħ tgħidx kemm. Uliedna għad jibqgħu grati lejn xogħlijiethom. U tajjeb li minn żmien għal żmien, dawn in-nies insiru nafu min huma. Huma l-bnedmin li bla ma jafu jsaħħu dawk il-ħoloq tal-katina tal-identità tagħna.

Is-Surmast Ġanni Mamo ħa pjaċir jaqbad jirrakkonta bħalma jagħmlu x-xjuħ kollha, jitkellem b'entużjażmu fuq dak li għadda minnu. Ukoll jekk qiegħed insejjaħlu xiħ għax mgħobbi bis-snin, żgur li ħadd ma jagħtihomlu t-tmenin sena li għandu u fuqhom! Laqqagħni miegħu ħija Tony. Iżda malli ltqajna l-Qawra, u rajtu tiela' t-taraġ sa fuq nett u la jieqaf u lanqas jaqta' nifsu, lissint 'Alla jbierku!' f'qalbi, u xtaqtlu snin twal oħrajn.

U bla ma ridt erġajt rajtu fil-festa tal-Vitorja, il-Mellieħa, erġajt ftakartu bil-bakketta f'idu, tielgħa u nieżla, tixxejjer bħallikieku tferrex mal-pjazza noti u melodiji mill-isbaħ, in-nuċċali jaħbilu ħarstu soda iżda espressiva, mimlija fehma iżda serja fl-istess waqt, tiġġerra minn fuq bandist għal ieħor. U smajt l-Innu tal-Banda Imperial isaħħar il-miġemgħa ferħana u ssummata fil-pjazza, nhar it-tmienja ta' Settembru.

Sena wara sena...

# Is-Surmast Ġanni Mamo

Is-Surmast Ġanni Mamo ħalliena nhar is-16 ta' Lulju 2012. L-aħħar li rajtu kien lejlet il-Vittorja xi erba' snin ilu, jekk niftakar tajjeb. Dakinhar kien mistieden mis-surmast Anthony Borg biex iħabbat l-innu li jibqa' magħruf għalih. Fuq il-*podium* is-surmast Mamo deher raġel dgħajjef, mgħobbi bis-snin. In-nies baqgħet tħares tara x'sa jiġri. Meta qabad il-bakketta tas-surmast Borg, kulħadd stagħġeb jara x'sa jiġri. Imma f'daqqa waħda l-bniedem xwejjaħ inbidel. Taret kull għejja u wera l-ħeġġa qadima u attenzjoni kbira li jibqa' magħruf għaliha, biex mexxa l-Banda Imperial għall-aħħar darba. Ma nafx min ma ħassx it-tingiża

tas-snin dakinhar. Kien hemm ħafna li żammew biex ebda demgħa ma tixrief xfar għajnejhom. Ibda minni. Din li ġejja hi kitba msejsa fuq taħdita miegħu nhar is-7 ta' Jannar, 1999.

Is-Surmast John Mamo nqisu wieħed minn dawk il-Maltin, mimlijin ħila u talent, li matul it-tnejn u tmenin sena li għaddew minn fuqu ferraħ b'xogħlu mhux ftit lil sħabu fis-soċjetà. Il-ħila tiegħu bħala bandist, bħala surmast tal-banda u bħala kompożitur kienet il-mezz li bih ħa sehem attiv mhux ftit f'din il-karatteristika tal-ħajja tagħna l-Maltin. Bniedem ieħor f'dan il-qasam kulturali li t-talenti tiegħu ħallew il-frott.

## Tfulitu

Missieru kien negozjant tal-għamara, u jien niftakar sewwa l-ħanut tagħhom Birkirkara, fejn l-isqaq tas-sorijiet jiftaħ quddiem l-għassa f'tarf Triq Brared.

"Imma l-ħajja fqira kienet tafx," qalli s-surmast. "Fqira għall-aħħar! Missieri kellu ħwienet il-Belt u Bormla, jixtri l-għamara antika u jirranġaha u jbigħha. Imma qatt ma qalagħha tajjeb miskin! Kien hawn faqar wisq!"

Is-surmast insista li l-faqar kien tabilħaqq jeżisti. Ukoll biex tilbes żarbun kont trid tagħmel sagrifiċċju. U l-għamara kienet mill-inqas fid-djar, siġġijiet, sodda u mejda, u xejn aktar. In-nies ma kinux jafu xort'oħra, u ma setgħu qatt jitgħallmu xi jfisser tgħix aħjar. Ma kinux jeżistu l-għamliet ta' għamara bħalma wieħed jista' jsib illum, l-ewwel nett għaliex il-bniedem kien jaf joqgħod b'li għandu u trid tkun fula f'qargħa biex ifittex aktar kumdità milli kellhom ta' qablu, u t-tieni nett, lanqas kieku ried ikun aħjar minn ħaddieħor, flus f'idejh ma kellux! U jrid u ma jridx kien ikollu jibqa' b'xiber imnieħer. Lussu ma kinux jafu bih. Ħela lanqas. Kwalità ta' ħajja kiefra li għexu fiha l-biċċa l-kbira tal-Maltin ta' dan is-seklu li għadna kif ħriġna minnu. Mhux biss żewġ gwerer kbar, iżda bruda soċjali fost uħud mill-mexxejja u fost min ħakimna biex il-Maltin ifittxu l-ewwel nett l-interessi tagħhom qabel kull ħaġa oħra.

"Fi tfuliti la bajd u lanqas ġamm ma kien jeżisti għalina," qalli s-Surmast Mamo. "Mhux aħna biss tafx, imma l-biċċa l-kbira tagħna! Ftit kafè bil-ftiet u suq ħa mmorru kull filgħodu! Aħna konna noqogħdu fejn Tal-Bagri wara l-Knisja l-Kbira ta' Birkirkara. U missieri jqajjimna kull filgħodu għall-quddies, itajrilna l-friex u dejjem għall-quddiesa tas-sitta u nofs Tal-Ħerba! Imbagħad wara l-iskola, insomma, kien hemm waħda kienet tgħallimna xi ħaġa hi miskina, tagħtik siegħa taqra ktieb u aktarx torqod kienet! L-iskola li tgħallimt jiena għax kont fis-Servizz! Illum ħadd ma jista' jifhem il-qagħda kif kienet meta konna tfal aħna… "

Fil-Pjazza ta' San Franġisk fejn kien joqgħod fi tfulitu jiftakar saħansitra l-mogħoż jiġġerrew mal-bejjiegħa li kienu jinżlu minn Tal-Balal. Kienu jixtru xi sold ħalib sħun sħun ifexfex minn sider il-mogħża, joħduh għand Tal-Ħamra, li kien ħanut fil-pjazza, u jżidilhom ftit kafè miegħu għat-togħma.

"U għalhekk qbadt il-mużika kmieni jien," qalli. "Għax aħna konna noqogħdu ħdejn il-każin Tal-Bagri. Minn fejn twelidt jiena kont inħares 'l isfel fil-bitħa u narahom jagħmlu l-kunċerti. Il-Banda Sant'Elena. U dejjem ġol-każin imbagħad! Ta' seba' snin bdejt nitgħallem u ta' tmien snin ħriġt indoqq l-*althorn* mal-banda. L-*althorn* kien jiswa erba' liri biss! Imma missieri ma kellux minn fejn jixtrihuli! U kienu għamlu ġabra mingħand il-qraba u xtrawli wieħed. U bqajt sejjer ftit ftit, nitgħallem u kien hemm is-Surmast Costa, kien żiemel dan, u ħadni miegħu jgħallimni l-mużika. It-tifel tiegħu kien surmast ukoll, konna mmorru nitgħallmu għandu jiena u Ninu Sammut, wara kien sar surmast ukoll Ninu… konna ħbieb kbar jiena u hu. Ninu Sammut kien *iħabbat* tajjeb ukoll. Kien dam snin twal surmast tal-banda f'Ħal Lija, il-Mellieħa… kien surmast maħbub.

"Għax ġol-każin ma bqajniex nitgħallmu mbagħad. Ġol-każin iwasslek sa ċertu livell, imma mbagħad ħadna taħt idejh is-Surmast Costa. Ninu kien kurunetta… kienu bil-ħanut tal-inbid Ninu… u kien hemm ħuh Fredu kien tajjeb ukoll. Fredu tal-Pistulin… wieħed mill-kbar ta' Malta kien Fredu Sammut. Ċensu Costa miet fl-1950, kien ukoll surġent fl-*Army*…

"Sadanittant il-ħajja tax-xogħol riedet tibqa' għaddejja bla waqfien. It-tbatija, ix-xogħol, il-kultura, il-ħidma, il-mużika. Imma ħa ngħidlek, il-mużika kienet kollox tafx! Mela l-bniedem bix-xogħol biss se jgħix! Ikun kemm ikun imwiegħer fil-ħajja tiegħu, imnalla jkollu ħjiel ta' dawn il-ħwejjeġ akbar biex ikun jista' jgħix ta' bniedem!"

Bla ma kien jaf dak il-waqt, Ġanni Mamo kien għaqqad flimkien il-ħsibijiet li fil-fehma tiegħi jintgħasru fl-eżistenza tal-bniedem. Kien fehem li l-bniedem li hu bniedem u mhux annimal, ma jista' qatt jgħix biss bil-ħobż. Ta' bniedem li huwa jaf jaħseb u jaf jixtieq, u fuq kollox iħoss ix-xewqat, bilfors irid ifittex xi ħaġa ogħla mill-għajxien ċatt li jaf jgħix annimal. Dan hu l-għajxien uman fil-milja tiegħu kollha.

B'dak li qalli s-Surmast Mamo kien wera għal darb'oħra kemm il-bniedem fuq dawn il-gżejjer

kien għaddej sewwasew mill-istess proċess li minnu kienu għaddew ġnus oħrajn madwarna fl-oqsma tal-arti. Il-mixja kulturali tal-ġens tagħna ma qabditx ir-ritmu mgħaġġel bħalma ġara lil xi wħud oħrajn, imma l-ftit li kellna nqdejna bih kif stajna fil-limitazzjonijiet li joffri pajjiżna li ftit ftit l-arloġġ tiegħu tektek u dar ukoll!

Sa minn meta kien għadu daqsxejn ta' tifel, Ġanni Mamo baqa' dejjem jaħdem ma' missieru fin-negozju tal-għamara. In-nies kienu jiġu għandhom fil-ħwienet tagħhom. Din hija kwalità oħra tal-ambjent qadim tal-bniedem universali kien fejn kien. Ir-rabta bejn l-id u l-moħħ. U l-bniedem Malti ħa sehem ukoll f'din il-mixja biex kiseb il-progress li niftaħru bih illum: iż-żwieġ bejn il-kultura u x-xogħol, bejn il-qalb u l-id, f'ambjent ta' tbatija u faqar li, minkejja kollox, ma kienx jirnexxilu jsewwed qalb il-bniedem. Anzi! Kien donnu aktar jagħmlu ferħan u kuntent b'dak il-ftit li kellu u li Alla bagħatlu.

"Kien jinqala' xi ħadd u jistaqsina, 'Għandi gwardarrobba jew gradenza, tgħodd għalikom?' U li jkunu bil-ħsara nirranġawh. Kellna l-karozza u nġibuhom biha. U qabel kellna ż-żiemel imma, u konna mmorru anki l-Mellieħa biż-żiemel għal biċċa għamara! Kellna qisha remissa, garaxx kbir u kien jiġi Sultana tal-Mellieħa u jarahom, fejn l-*Imperial* kien, u nirranġawhom, niżbgħuhom u ntellgħuhom il-Mellieħa biż-żiemel stess! Hekk kien jaqla' sold missieri! U hekk għexna aħna…"

"Mużika, daqq u ħidma!" għedtlu jiena. "Is-sengħa riedet tkun imma!"

"Mhux riedet tkun!" ħatafni Ġanni. "Imma hi riedet tkun! Mela bil-banda biss se tiekol ibni! Bl-*umpappa umpappa* biss ma tagħmel xejn dak iż-żmien!"

## Id-demm tal-gwerra

Meta Ġanni kellu xi għoxrin sena, kien ġa magħruf bħala bandist mill-aħjar; is-Surmast Aquilina kien sema' bih, u bagħat għalih mal-banda tal-RMA. Fit-2 t'Awwissu tal-1939, daħal suldat, iżda ftit wara, fit-3 ta' Settembru, faqqgħet il-gwerra. Daqshekk jemmen li kellu xortih tajba! Ġanni daħal mill-ewwel bħala bandist, ukoll jekk kienet ħaġa tqila li jidħol bandist regolari. Matul il-gwerra kienu sfrattaw ftit għax bħala bandisti ma setgħux jibqgħu għaddejjin bħallikieku ma kien hemm gwerra xejn! Jiftakar li kienet ħajja iebsa ħafna u mimlija biża' u mewt.

Ġanni ħares lejja biex bħallikieku jara hux tassew ridt inkun naf il-ġrajja tiegħu fejn il-banda u l-mużika kienu jitħalltu b'mod hekk stramb mal-bombi u l-mewt, mad-demm u mal-ħajja tal-Maltin.

"Trid ngħidlek l-istorja tal-gwerra mela?" staqsieni. Kien ikun għalxejn li kelli ngħidlu le, għax moħħu kien ġa qabad dik it-triq tat-tifkira.

"Lill-banda, lill-bandisti kollha… kienu xerrduha fuq il-kanuni u fuq l-għases, u lili tefgħuni *postman*, nieħu l-ittri u nġib l-ittri minn Laskri… hemm taraġ hemm! Il-ħajja kienet ftit jew wisq għadha sejra bħal qabel. Imma fl-10 ta' Ġunju, l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra. Jien u xi oħrajn konna telgħin kunċert La Vallette għax kont indoqq magħhom jien. Imma kif wasalna ħdejn San Duminku qalulna li l-Italja kienet ħarġet kontra l-Ingilterra. U ma bqajniex telgħin lejn il-każin aħna. U morna lura Sant'Iermu.

"L-għada filgħodu ġie l-ewwel attakk mit-Taljani. Fis-sebgħa nieqsa kwart ta' filgħodu. Iwa, aħna konna… kienu jittrenjawna kontra l-paraxutisti. U kienu jibagħtuna fuq il-bjut ħalli nisparawlhom. U konna fuq il-bjut, is-suldati kollha mqassmin. U jiena kien imissni fuq bejt kbir, tond, bejt ta' sur kien dan. U kif qegħdin hemm, smajt l-ajruplan nieżel jien… u bżajt!

"Il-Madonna teħlisni! għedt f'qalbi u tlaqt niġri 'l isfel f'kamra tal-konkos! Xi stajt nagħmel bl-ixkubetta biss? U kien hemm raġel ieħor hemm isfel u dħalna taħt mejda. Fuq il-mejda niftakar kien hemm telefon… U Madonna taqa' bomba fuq il-bejt sewwa! Konna sebgħa hemm fuq u toqtol sitta minna! Erba' bandisti u tnejn tas-Servizz. Il-mejda għoliet! Ħoss itarrax! U meta waqa' s-skiet u l-ajruplani ma smajnihomx aktar, tlaqt 'il fuq mill-ġdid jien. U ridt nitla' xi tletin tarġa!

"Kieku bqajt hemm fuq, illum m'iniex qiegħed hawn!"

Is-Surmast Mamo ma tkellimx aktar għal ftit tal-ħin.

Jien ma tniffistx lanqas.

Kien qiegħed jerġa' jgħix dawk il-waqtiet koroh li żgur mhux lakemm imorrulu minn quddiem għajnejh. Kienu waqtiet li issa drajt kull meta niltaqa' ma' bniedem li għex il-gwerra. Kont tgħallimt nieqaf u ma nitkellimx meta jasal waqt bħal dak. Il-memorja tal-bniedem għandha ħabta kif tressaqlu quddiem moħħu rqaqat li kien ilu jaħseb li nesa. U fuq kollox kellha ħabta kif iġġiegħel lill-qalb u terġa' tibda ġġarrab imqar għal ftit ħin sewwasew l-istess emozzjonijiet.

"Imma lil sħabi ma rajthomx hemm!" qalli wara ftit. "Kien hemm Ċali s-Sibimoll mir-Rabat, ma rajtux! Kien hemm it-tifel tas-Surmast Busuttil… kien hemm straġi sħiħa. Demm u trab u tifrik! Sitta mejtin. Trab, duħħan, demm u kulħadd mejjet. Irmied, bċejjeċ… U kien hemm Philip, it-tifel tas-surmast u qlibtu, hekk, wiċċu 'l fuq… tifel kien għadu jaħasra… kien mejjet, minn qaddu 'l isfel imqatta' kien, kollu ħjut bix-xrapnels. Jiena stess

qlibtu biex narah. Jiena stess. Imbagħad kien hemm is-surġent, qlibtu wkoll… u sibtu żewġt imħuħ barra, rasu maqsuma fi tnejn, ix-xrapnel ħaditu ġo wiċċu. U jiena bdejt nibki kemm niflaħ… kont għadni żgħir jien…

"Imbagħad inżilt niġri isfel biex ngħid lil xi ħadd u bqajt dieħel fejn it-tabib Ċensu Tabone, li wara kien sar President ta' Malta: kien Kaptan magħna dak. U sibtu korrut hu wkoll. Wiċċu kollu demm.

"U Ċensu beda jgħajjat, 'X'ġara x'ġara Mamo, x'ġara? X'ġara?'

"U qalli nġiblu xugaman u msaħtlu wiċċu mid-demm.

"Imma l-oħrajn kienu mejtin imsieken! Kienu mqattgħin biċċiet!

"Issa s-Surmast Busuttil kien inzerta *Orderly Sergeant*. Kien irid jirrapporta x'ġara ġol-fortizza. Kien għadu ma jafx li ibnu mejjet! U qagħad fit-taraġ u jniżżel il-mejtin. Ċali Galea… u jniżżel Ċali Galea.

"U lit-tifel ħallewhulu għall-aħħar… kien hemm ċertu Micallef mill-Imsida, *saxaphone alto*, u kien hemm baxx ieħor… imma meta ġie biex jisma' li kien hemm ieħor mejjet u li kien it-tifel tiegħu… tista' taħseb. Waqa' fl-art miskin… Issa dak it-tifel mhux suppost kien hemm. It-tifel lanqas *rifle* ma kellu! It-tifel mat-telefon kien qiegħed u xejn aktar!

"Suppost kien hemm jiena fuq dik il-maduma fuq il-bejt. Għax lili fuqha qaluli li kelli noqgħod meta qassmulna x-xogħol. Imma jiena bżajt, jew il-Madonna ħebritni nitlaq u jien tirt minn hemm fuq u ma nafx kif inżilt dawk it-tletin tarġa 'l isfel! U ħlistha! Bdilna l-ħajja mal-mewt!"

Meta l-gwerra ndrat xi ftit, u meta l-poplu ntebaħ illi kien se jkollu jgħix f'dawk il-waqtiet tal-biża', inqala' uffiċjal Ingliż, ċertu CRA Becket, dilettant kbir tal-mużika u sejjaħ lil Aquilina u qallu jerġa' jgħaqqad il-banda. Matul il-gwerra kienu ta' kuljum imorru jdoqqu fil-fortizzi madwar Malta, daqqa Tignè, daqqa Delimara, Binġemma… l-aqwa li jtellgħu l-moral. Is-Surmast Aquilina għaqqad banda ta' sittin ruħ li wħud minnhom inġabru bil-lieva biex ikunu jistgħu jdoqqu u jferrħu lis-suldati. Ma kinux ikunu waqtiet ta' hena u ferħ waqt li l-banda qed iddoqq; kien biss l-għatu li jaħbi u jgħatti borma mimlija dwejjaq ibaqbqu. Il-biża' li kien jaħkem fuq dawk l-imsejkna suldati li ma jafux humiex se jisbħu ħajjin l-għada.

Is-Surmast Mamo jiftakar kemm ġera meta darba kienu qed idoqqu Tignè, f'nofs il-grawnd u raw Junker 88 ħiereġ mis-sħab, u jitfgħalhom bomba li spiċċat fil-baħar. Madankollu, is-CRA Becket ma kienx iċedi waħda! Ma kien jippermetti lil ħadd jiċċaqlaq mill-parata jew jieqaf mid-daqq, ukoll jekk jinqala' xi saram ta' errejd waqt li qed idoqqu! Darba waqt parata Kastilja, bil-bombi neżlin u ċ-ċaċċis tat-twieqi nieżel fuqhom u ħadd ma jista' jiċċaqlaq!

## Il-bqija tal-ħajja

Ta' dsatax-il sena, qabel ma daħal mal-RMA, is-Surmast Mamo kien ġa miżżewweġ. Iżda ma kellux igawdi lil martu għaliex ta' tlieta u għoxrin romol. Martu kien għad kellha dsatax-il sena. Il-laqgħa mat-tieni mara tiegħu kienet kumbinazzjoni kbira.

"Aħna kellna ħanut fejn l-għassa ta' Birkirkara, kif għedtlek," qalli. "Jien kont ilni armel xi ħdax-il sena sadanittant, u kelli l-bank tiegħi jħares 'il barra. Iwa, u kellu jiżżewweġ ħatni, jiġifieri ħu l-ewwel mara, u lanqas kien stedinni lili, għax kien tieġ tal-familja biss, u kif ħarist 'il barra narah fejn l-għassa. U sellimtlu u sellimli mill-bogħod. U mort sa ħdejh biex nitkellmu u qalli, 'X'biċċa ġratli Ġann! Kellu jiġi l-*foreman* biex jagħmilli xhud u naħseb nesa! Tagħmillix xhud inti, tagħmilli pjaċir!' U miskin kien ikkonfondut! Kien is-Sibt, l-agħar ġurnata tax-xitwa kienet. U f'xis-sagħtejn ġiet karozza u lbist u morna Ħal Lija. U hekk hu u malli wasalt rajt lil din u għedt 'X'mara din! Kemm hi sabiħa!' U qgħadna niġru wara xulxin fit-tieġ imbagħad! U qaltli nwassalha d-dar u tgħarrasna dak il-ħin! Issa ilna 47 sena miżżewġin!"

## Beda jħabbat

Xi żmien wara l-gwerra ħareġ minn mal-Banda tal-Militar, ukoll jekk il-Maġġur Aquilina għamel li seta' biex ma jħallihx jitlaq. Ġanni daħal jaħdem bħala messaġġier l-Università l-Qadima u jagħmel xi ħaġa barranija fuq il-bank tax-xogħol ta' missieru. Missieru kellu wkoll ħanut quddiem l-istess Università.

"Darba waħda, waqt li kont qiegħed il-ħanut, ġie wieħed mis-Siġġiewi, ċertu Karmenu Micallef, u qalli, 'X'ġaralna! Is-Siġġiewi spiċċajna bla surmast! M'għandniex min *iħabbtilna*!'

"Qatt ma kont rajtu qabel lil dal-bniedem!" qalli s-surmast. "Imma mbagħad sirna ħbieb sewwa. Jien għedtlu: 'Trid niġi *nħabbtilkom* jien?'"

"X'jiġifieri *tħabbat* surmast?" staqsejtu.

Is-Surmast Mamo tbissem. "Għandek raġun," qalli. "Għax aħna hekk ngħidu. Tħabbat ifisser tmexxi l-banda. Tidderieġi… Għedtlu li jien kont ħabbatt mal-Banda Sant'Elena, lil ta' La Vallette ġieli ħabbattilha wkoll… trid niġi nipprova jien? Issa dan ma kontx nafu u lanqas huwa ma kien jafni! U kellimna lill-kumitat, u rranġajt magħhom u issa ilni mal-Banda San Nikola 37 sena sħaħ direttur! Għamilt tletin sena sħaħ mal-La Vallette, u kienu jiġu wkoll kompożituri u surmastrijiet minn barra.

"Kienu jkunu awturi wkoll dawn, jiktbu

l-opri. Kien ikun hemm l-opri t-Teatru Rjal, jien kont indoqq hemm ukoll, ma tantx ilħaqtu għax imbagħad waqa' fil-gwerra. Kont għamilt xi erba' opri hemm. Imma niftakar lil Respighi, lil Zandonai, lil Refice… u kienu jiġu jħabbtu wkoll La Vallette, kienu jistednuhom jiġu…"

## Serjetà

Is-Surmast Mamo jemmen fid-dixxiplina u fis-serjetà waqt il-ħin ta' studju. Jemmen li l-ħila naturali waħidha mhix biżżejjed, iżda trid magħha preparazzjoni kbira u ma taqta' xejn biex wieħed jipprova jilħaq il-perfezzjoni. Kull xogħol irid jittieħed bl-akbar serjetà.

"Jiena aktar kont inħobb indoqq solo milli nħabbat," qalli Ġanni. "Imma la bdejt inħabbat beda jogħġobni. Niftakar lill-Maġġur Aquilina meta kellna l-banda tal-*jazz*, kien fitt u jibqa' jiffitta sakemm il-ħoss jiġi sewwa kif irid hu u jlaqqa' l-ħoss li jrid bi tliet biċċiet ramm mas-saksofoni, mal-kitarri, mal-pjanu, kien Jimmy Dowling tal-pjanu… ġieli għamilna nofs ta' nhar fuq biċċa battuta biss! U darbtejn fil-ġimgħa konna nagħmlu l-ballijiet, jien kont bit-trumbun… daqqa l-*Union Club*, il-Belt, Tas-Sliema, l-Imdina, u kien ikun hemm il-mistednin… Aħna ndoqqu l-banda lill-mistednin u barra l-bombi jfaqqgħu!

"Dan kollu fil-gwerra tafx! Balal nezlin u lilna kienu jħalluna hemmhekk u huma jiżfnu. Konna ħmistax-il bandist u kien fitt fuqna l-Maġġur…

"Is-serjetà tal-bandist trid tidher meta jmur għall-kunċerti," qalli Ġanni. "Jekk ma tmurx għall-kunċert, kif tista' titgħallem il-partitura sewwa? Jien meta nkun se ndoqq parti kont inkun irrid naraha minn qabel u nistudjaha sewwa! U mmur għall-kunċerti. Illum il-baned jidher li għandhom futur tajjeb. Hemm aktar baned ġodda. Imma xi bandisti jippretendu li jdoqqu bla ma jmorru għall-kunċerti. Din mhix serjetà."

## L-imħabba fil-mużika

Is-Surmast Mamo kkompona madwar mija u ħamsin marċ li ħafna minnhom jindaqqu mill-baned madwar Malta u Għawdex kollha. Il-ħajja tas-surmast direttur dedikat għal xogħlu hi ħajja impenjattiva ħafna. Il-mara tas-surmast għadha sa llum dik il-mara sabiħa li fasslet ħajjitha fuq l-istil ta' ħajja li kellu jgħaddi minnha żewġha. Ma kinitx ħajja ħafifa għaliha, għaliex filgħaxijiet aktarx dejjem waħidha waqt li huwa qiegħed għall-kunċerti jew mal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi jew mal-*Imperial* tal-Mellieħa, jew idoqq f'xi opra.

"Jiena dejjem kontlu ta' spalla fix-xogħol tiegħu," qaltli martu. "U naħseb li mara, jekk tifhem lil żewġha u ma tgergirx, diġà biżżejjed! U jekk tara li xi ħaġa ġejja ħażina tipprova tberridha flok iżżidilha hux… Allaħares ma kellniex xi ħaġa żejda mill-banda għaliex mix-xogħol biss ma konniex inkunu nistgħu ngħixu. Il-familja dejjem trid. Il-banda kienet ħajja għalina. Imma fiha ħafna xogħol. Il-kompożizzjonijiet jiena nismagħhom l-ewwel… Jiena mużika ma nafx… imma meta nisimgħu jdoqq il-pjanu, wara ftit għid li se nkantah jien.

"Il-marċ *tal-Iljun* tal-*Imperial* dak, tagħhom dak issa, imma meta kitbu, l-ewwel saffru, imbagħad qalli, 'Imxi ndoqquh fuq il-pjanu' u morna l-garaxx, f'nofs il-faċendi… kelli x'nagħmel dakinhar! Imma morna! Għax il-melodija ma tiġix meta trid inti! U ħariġlu tajjeb dak il-marċ. Kulħadd irid idoqqu! U dak il-marċ l-ieħor li semma *In Memory of Joseph Borg*, meta daqq il-melodija… kienet tant sabiħa u bkejt bla naf għaliex… tbikkik, imma tant hi sabiħa… "

Is-Surmast Mamo kien kiteb dan il-marċ bħala tifkira ta' missieri Ġużeppi Borg, meta ħija Tony qallu bil-mewt tiegħu. U tabilħaqq, sewwa qalet mart is-surmast, huwa tabilħaqq marċ mogħni b'melodija mill-isbaħ li tidħol bil-kwiet fil-qalb ta' kull min jismagħha.

"Imbagħad ħaġa oħra," kompliet. "Jiena nammirah lilu u dejjem nistagħġeb kif ma jibżax ikun fejn jidher u fejn irid jagħmel kollox sewwa u perfett għaliex kulħadd ikun qiegħed għajnejh fuqu. Meta kien ikun idoqq prim kont nieħu r-ruħ meta jispiċċa jdoqq hu! Għax biex tieħu xi żball ma trid xejn! Imma trid tkun ippreparat sewwa. U hu dejjem ikun studja l-biċċa tiegħu sewwa. U hekk ngħidlu, 'Imma kif ma tibżax!'

"U issa qiegħed jikber, jew kiber, u għadu xorta waħda sejjer bil-banda tas-Siġġiewi… U kellu jitlaq lill-*Imperial* tal-Mellieħa, l-ewwel nett jaf li qiegħda f'idejn tajbin, u kien ikunlu strapazz kbir ġej u sejjer, u jkollhom il-programmi Għawdex ukoll. U ta' tnejn u tmenin sena… Imma ara, jiena qed nieħu kors tal-*First Aid*, dalwaqt għandi l-eżamijiet… u hekk inkun aktar ippreparata jekk allaħares qatt jinqalagħlu xi ħaġa… "

U ħarset lejh.

Qbadt ħarstu lejha.

U għajnejhom tbissmu lil xulxin.

# 75 sena ta' ħidma fil-Parroċċa tal-Mellieħa

## Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù



**Sr Pauline Farrugia**

Kull pass fil-ħajja jibda b'ħolma. Kienet il-ħolma ta' Dun Franġisk Debono li għamel ħiltu biex jara s-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa tal-Mellieħa. B'ferħ kbir u b'entużjażmu s-sorijiet bdew il-missjoni tagħhom fil-Mellieħa fl-10 ta' Mejju 1938.

Kienet Madre Dolores Maistre, is-Superjura Ġenerali ta' dak iż-żmien li aċċettat din l-istedina. L-ewwel komunità kienet immexxija minn Madre Angelika Compagna. Kien dakinhar li bdiet l-ewwel komunità meta Dun Paul Cauchi, il-vigarju tar-reliġjuzi, qaddes u bierek id-dar u dak inhar stess beda jinżamm is-Santissimu sagrament. Min jaf kemm ħin għaddew is-sorijiet quddiem l-Ewkaristija jitolbu għall-Melleħin.

Is-sorijiet mill-ewwel mimlijin biż-żelu u bl-Ispirtu tal-fundatriċi, il-Qaddejja t'Alla Madre Maria Teresa Nuzzo, ingħataw għat-tagħlim u formazzjoni lill-bniet u tfajliet. Beda jingħata tagħlim lit-tfal bejn it-tlieta u l-ħames snin bi preparazzjoni għall-iskola primarja. It-tfajliet kienu jiġu ppreparati u ffurmati b'mod ħolistiku kemm fil-ħajja spiritwali kif ukoll f'tagħlim ieħor bħal rakkmu eċċ. Barra dan tliet sorijiet bdew jgħallmu fl-iskola elementari tal-Gvern.

Is-Sorijiet ġew mitluba mill-Kappillan biex ikun hemm preżenza tas-sorijiet fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Il-preżenza tagħhom fis-Santwarju kienet mezz fejn ħafna nies sabu l-faraġ permezz tas-sorijiet. Is-soru kienet dejjem lesta tisma' lil dawk il-persuni li kienu għaddejien minn xi problema għax il-Melleħin dejjem emmnu li s-sorijiet jitolbu għalihom. Il-preżenza tas-soru fis-Santwarju kienet u għadha s'issa mezz ta' konsolazzjoni għal ħafna.

Is-sorijiet dejjem poġġew f'qalbhom u fil-manjieri tagħhom l-ispirtu tal-Fundatriċi tagħhom fix-xogħol li jieħdu ħsieb tat-tfal u tfajliet. Kienet Sr Elena Xuereb (is-superjura ta' dak iż-żmien) li bdiet it-tagħlim tal-katekiżmu lil kbar u ta' kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar kienet torganizza siegħa Adorazzjoni fil-kappella tas-sorijiet iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù. Kienu wkoll jiġu organizzati rtiri għax-xebbiet. Barra l-appostolat li diġa' semmejna, is-sorijiet bdew jagħtu l-lezzjonijiet tal-pjanu lit-tfal u liż-żgħażagħ.

Sitt snin wara, fl-1 t'Awwissu 1944 is-sorijiet marru minn dar nru 142 għad-dar nru 143 fi Triq il-Kbira. Fi żmien il-gwerra din kienet tintuza bħala klinika fejn anke suldati ġew ikkurati. Kien fid-29 ta' Jannar 1947 meta Madre Scolastica Dimech saret is-Superjura Ġenerali rat kemm ġid qiegħed jagħmlu s-sorijiet kemm bl-eżempju kif ukoll bl-appostolat li qed jagħmlu. Dan ifisser li d-dar kellha tikber għal komunità ta' 10 sorijiet.

Madre Scolastica bagħtet petizzjoni lill-Arċisqof Gonzi permezz ta' applikazzjoni biex tingħatalhom biċċa mill-art imsejħa "Il-Wied ta' Santa Marija" fi Triq il-Kbira. F'parti mid-dar inbniet skola għat-tfal bejn it-tliet snin u sitt snin. Id-dar tlestiet fl-1973 u Sor Kurċifissa Bonnici kienet l-ewwel superjura ta' din id-dar il-ġdida. Id-dar ġiet mogħtija l-isem ta' Dar Santa Tereza.

Il-lum f'din id-dar isiru seminars għall-adoloxxenti bejn l-għaxra u ħmistax-il sena biex nagħtuhom valuri morali. Kull xahrejn isir irtir għall-adulti. Barra minn hekk kull l-ewwel Erbgħa ta' kull xahar isiru laqgħat għax-xebbiet u n-nisa. Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar Ġesù Sagramentat ikun espost għall-Adorazzjoni bejn id-9:00am u l-11:30am. Bejn l-10:30am u l-11:30am l-Adorazzjoni tkun organizzata, ħafna drabi mill-lajċi li qed jgħixu l-ispiritwalità tagħna.

Il-lum minflok *Nursery School* nagħtu servizz ta' *Day Care* għat-tfal iż-żgħar ta' bejn tmien xhur u tliet snin. B'dan is-servizz qed ngħinu l-ommijiet li jkomplu jaħdmu. Dan is-servizz huwa ferm utli u apprezzat ħafna, bih jintlaħqu diversi familji żgħażagħ li jafdaw lil uliedhom b'fiduċja sħiħa fis-soru li ser tagħti formazzjoni ħolistika barra mill-

edukazzjoni akkademika li soru tifforma l-qalb b'valuri sodi. Dan iċ-ċentru jismu "Child Jesus Edu-Care Centre". Dawn it-tfal tant jieħdu gost fiċ-ċentru li ħafna minnhom meta jmorru fl-iskola formali jibqgħu jiġu fil-vaganzi. Dan iċ-ċentru jgħinhom biex ikunu preparati għall-iskola regolari u jgħinhom jissoċjalizzaw ruħhom.

Is-Sorijiet illum għadhom jgħallmu d-duttrina flimkien ma' katekisti oħra fiċ-Ċentru Parrokkjali. Barra mill-attivitajiet li semmejna l-lum id-dar tal-Mellieħa tintuża wkoll għal gruppi li jixtiequ jagħmlu esperjenza ta' talb, jew għal seminars għaż-żgħażagħ jew adulti. Din id-dar għal dawn l-aħħar tmintax-il sena żiedet funzjoni oħra, dik ta' "Dar Generalizia", dan ifisser li f'din id-dar toqgħod il-Madre Ġenerali flimkien mal-kunsill tagħha. Din id-dar permezz ta' benefatturi tieħu ħsieb tgħin lil ħafna tfal biex imorru l-iskola fil-missjonijiet tal-Kongregazzjoni tagħna fl-Indja, il-Kenja, fit-Tanzanija, u l-Filippini. Grazzi lil ħafna Maltin u Għawdxin li b'ġenerożità kbira qed jibdlu l-kundizzjoni tal-ħajja ta' ħafna tfal għax qed jagħtuhom l-opportunità li jmorru l-iskola.

Grazzi mill-qalb lin-nies kollha Melliħin ta' kemm dejjem apprezzajtu u ħabbejtu dak li s-sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" jagħmlu bil-preżenza tagħna fostkom. Grazzi ta' kemm dejjem ħsibtu fina. Grazzi mill-qalb f'isem kull soru li ħadmet fil-Mellieħa dejjem ħassitha waħda minnkom.

Inroddu ħajr lil Alla li tana l-grazzja li għal 75 sena ħdimna magħkom bħala familja waħda. Il-kliem mhux biżżejjed biex ngħidu grazzi lil Mulej għal ġid kollu li għamel magħna permezz tagħkom. Aħna nwegħdukom li nitolbu ħafna għalikom. Nitolbukom titolbu għalina u għal ħafna żgħażagħ biex jekk il-Mulej isejħilhom għal ħajja reliġjuża jwieġbu b'ġenerożità kbira. Permezz ta' vokazzjonijiet ġodda, ix-xogħol li qed nagħmlu jkun jista' jitkompla.

Il-qalb ta' Ġesù tkompli timla lil qalbkom bl-imħabba u l-ġenerożità.




SPORTS EXPERIENCE

Trophies & Awards

Pitkali Road, Attard

Tel:
(00356) 21 438877
Fax:
(00356) 21 438876
Email:
sportexp@maltanet.net








# Wiġi Pisani
## 1916–2012

**The Pisani Family**



Wiġi (Dad) had a long connection with the Imperial Club from the 1940's to 1963, when the family migrated to Australia.

Dad enjoyed his involvement with the club especially running the bar. Dad looked forward every year to the 8th of September for the Festa tal-Vitorija.

Thanks to technology he would listen to the band and the mass on the internet. He would tell us how the bandalora came to the Imperial Club. He was very proud that he was the one who delivered it to the club.

Sadly Wiġi (dad's) journey here on earth came to an end on the 31st August 2012.



Fil-Bitħa tal-Każin

Greystone
Bar & Restaurant
Mellieħa

153, Triq Ġorġ Borg Olivier,
Mellieħa
MLĦ 1020

Tel: +356 2152 3499
Mob: +356 9944 6621
Email: greystonepub@hotmail.com

# Attard Skip Hire

**Skip Hire & Hi-Up Service**

**John Attard**




Mellieħa

**Skips Kbar u Żgħar**

***Ġbir ta' Karozzi Skrappjati***

Mobile: 99460397 • 99820454

# J & G Discount

Detergent Shop

Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948

**Opening Hours**

Mon-Fri:
9.00 – 1:00
4:00 – 7.00
Sat: 8.30 – 2:00

***Free Delivery***

# Evergreen

*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma naghlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet



# V. Debono

*Ironmongery*

Colour Tinting
and
Hardware Store

Tel: 21523892

**No.8,**
**Triq l-Għoljiet,**
**il-Mellieħa**





# Il-Mellieħa

**Jimmy Muscat**

## Jannar 1942

Żgur li, meta wieħed jara data bħal din ta' hawn fuq, f'moħħu mill-ewwel jibdew ġejjin għexieren ta' ħsibijiet, nostalġiji u dwejjaq, però forsi wkoll imżewqin b'xi tbissima. Il-Melliħin, bħal kumplament tal-Maltin u Għawdxin kollha, issa kienu daqu sew u draw xi ftit xi tfisser tkun kontinwament taħt assedju, speċjalment mill-ajru. It-tajjeb malajr jindara u ma tibqax tinduna bih u tapprezzah, iżda l-ħażin jibqa' jsus warajk u, lejl u nhar, jittantak. Żmien ta' gwerra jġib miegħu ħafna tensjonijiet u ħsibijiet li jibqgħu, ħafna taqtigħ il-qalb għax ma tafx x'se jiġri għada u l-bniedem jibda jgħix għal dak il-mument biss, bla ma jkun jista' jaħseb fil-futur jew jippjana xi ħaġa għal li ġej.

Veru li fuq il-Mellieħa ma kellniex dawk l-attakki mill-ajru li kellhom il-bliet madwar il-Port il-Kbir u l-Ajruport ta' Ħal Luqa, għax ma kienx hawn fortizzi, kanuni ta' kontra l-ajruplani jew xi stazzjonijiet ta' difiża fir-raħal proprju. Veru wkoll li n-nuqqas ta' dqiq, ħalib u ħwejjeġ oħra tal-ikel kien ikkumpensat b'dak kollu li Alla l-Imbierek kien jipprovdi lill-bdiewa Melliħin fl-għelieqi tagħhom u allura anqas tant kien jinħass daqshekk il-ġuħ. Ma jfissirx li ma sarux sagrifiċċji kbar minħabba n-nuqqasijiet li ġabet magħha l-gwerra, iżda dejjem kienu jittaffew xi ftit b'dak li semmejna. Però fost il-Melliħin kien hawn għadu psikoloġiku li kien il-ħin kollu jtambar fuq il-moħħ ta' kull wieħed u waħda minn missirijietna u ommijietna, u dan kien il-biża' kbir ta' xi invażjoni mill-għadu.

Sqallija kienet fil-qrib u post ideali ħafna minn fejn setgħet titlaq forza qawwija bil-baħar kif ukoll bl-ajru li tniżżel eluf ta' suldati fuq xtutna. Il-kosta madwar il-Mellieħa, u iżjed u iżjed il-Bajja tal-Mellieħa, kienet perfetta biex seta' jsir dan l-iżbark, għalkemm f'kull roqgħa tagħha kont issib *beach posts* u *pillboxes* armati sa snienhom b'suldati, b'*machine guns* u armi oħra. Kienu kollha mdawrin bil-*barbed wire* u mini moħbija u żgur li kienu kapaċi jilqgħu kwalunkwe attakk. Il-kamp tal-Għadira kien mgħammar b'riġmenti ta' suldati Ingliżi u Maltin u dawn żgur li kienu ta' xi ftit serħan il-moħħ għall-Melliħin.

Dwar din l-invażjoni, min-naħa tal-għadu kienu qed isiru pjanijiet biex issir l-operazzjoni kontra Malta. Dan kien għall-ħabta ta' April 1941. Hitler kien jaqbel perfettament mal-Kmand Taljan li ssir operazzjoni bħal din fuq il-gżira tagħna, però wissa li din kellha tiġi ppjanata sal-anqas dettal għax jekk ma tirnexxix kienet tkun fjask kbir. Din l-operazzjoni fuq Malta ġiet mogħtija l-isem ta' 'Herkules' u kellha tkun invażjoni kemm mill-ajru kif ukoll mill-baħar. Kien hemm maħsuba 1506 ajruplan, 666 minnhom mill-qawwa tal-ajru





Ġermaniża, il-forzi navali tal-Ammirall Iachino, it-12-il Diviżjoni navali tal-Ammirall Tur u 14-il grupp ta' sottomarini. Bħala forza mill-ajru kien hemm id-Diviżjoni XI ta' paraxutisti tal-Fliegerkorps Ġermaniża, kif ukoll id-diviżjonijiet Taljani tal-paraxutisti tal-'Folgore' u 'Spezia'. Ma' dawn irridu nżidu l-Korpi XVI u XXX u d-Diviżjonijiet 'Assieta', 'Napoli', 'Superga', Livorno' u 'Friuli', kollha Taljani. Dan kollu kien ifisser li l-għadu kellu 8 Diviżjonijiet b'madwar 160,000 suldat b'kollox biex jinvadi lil Malta li kellha biss bejn 30,000 u 35,000 suldat biex jiddefenduha, taħt it-Tenent Ġeneral Sir William Dobbie.[1] Wara ftit bdew jidhru xquq ta' inċertezza fil-pjanijiet tal-għadu, kif ukoll biża' li setgħet tirriżulta f'telfa kbira u allura Alla l-Imbierek ried li miet kollox fuq ommu u l-Melliħin ħelsu minn ħafna nkwiet serju.

Issa ħa nerġgħu nidħlu ftit fil-qlub u l-imħuħ tal-Melliħin, li żgur ma kinux jafu b'dan kollu li kien qiegħed jinħema kontrihom ftit mili 'l bogħod minnhom fi Sqallija. Huma kienu mehdijin bil-problemi li kienu jiffaċċjaw ta' kuljum. Il-Kumitat tal-Air Raid Precaution, bit-Tabib Caruana bħala Viċi Chairman, Jos Wettinger bħala Segretarju, flimkien ma' diversi sinjuri Melliħin bħala membri, kienu jiltaqgħu biex jaraw kif jistgħu jtejbu xi ftit is-sitwazzjonijiet, nuqqasijiet u problemi li kienu jinqalgħu.


MALTA
NATIONAL SERVICE REGISTRATION
IDENTITY CARD.
BILJETT TA' IDENTIFIKAZZJONI.
Reg. No. 14151
Surname / Kunjom: MUSCAT
Name / Isem:
Address / Indirizz:
Age / Żmien: 41
Trade / Sengħa: Labourer

This Card is to be carried by the registered person and shown on demand to any police officer.
Dan il-Biljett għandek iżżommu fuqek u turih lill-Pulizija meta jitlobulek.
The loss of this Card should be immediately reported to the police.
Jekk jintilef għandek minnufih tgħarraf lill-Pulizija.

Dik il-ħabta, madwar Diċembru 1941 u Jannar 1942, kienet se tibda ssir ir-reġistrazzjoni tal-ħaddiema u dawk Melliħin kienu qed isibuha diffiċli ħafna biex imorru jirreġistraw f'San Pawl il-Baħar. Kienu se jaħlu ħafna ħin, jitilfu x-xogħol, jidħlu fi spejjeż biex jinżlu San Pawl il-Baħar u jitilgħu u jissograw li jiltaqgħu ma' xi ajruplan tal-għadu. Għaldaqstant, il-Kumitat tal-ARP issuġġerixxa li, jekk l-Uffiċjal Reġistratur jitla' l-Mellieħa, f'ħamest ijiem ikun jista' jikteb lill-ħaddiema kollha u mbagħad jagħmel l-istess għal San Pawl il-Baħar u l-Imġarr. Suġġeriment ieħor kien dwar il-ħin tar-reġistrazzjoni, fejn intqal li l-aħjar kieku dan ikun bejn l-4 u t-8 ta' filgħaxija, naturalment wara li l-ħaddiema jkunu spiċċaw mix-xogħol. Dwar dan kellu jiġi nfurmat ir-R.P.O. jew Regional Protection Officer.[2]

Kien jidher ukoll li kien hemm tgergir fost ħafna min-nies dwar id-daqq tas-sirena qabel u wara l-attakki mill-ajruplani tal-għadu. Xi membri tal-Kumitat stqarrew li huma stess ma kinux jisimgħuha, allavolja fil-ħemda tal-lejl meta kienu għadhom imqajmin.[3]

Fl-istess żmien issemma wkoll li kien hemm nuqqas ta' trasport motorizzat biex iġorr l-ikel, kemm għan-nies kif ukoll għall-bhejjem, mill-Marina sal-Mellieħa. Il-ġarr bil-karettuni taż-żwiemel seta' jgħin xi ftit, iżda l-kundizzjonijiet tal-gwerra u l-istat tat-toroq kienu jagħmluh impossibbli. Kien jidher li dan kollu kien riżultat tan-nuqqas ta' ftit galluni ta' petrol, għax it-trakk imqabbad biex jagħmel dan ix-xogħol kien qiegħed jingħata biss erba' galluni petrol fil-ġimgħa, li bilkemm kienu jservu għal żewġ vjaġġi. Ikel għall-annimali maħruġ fil-Marina fl-ewwel tax-xahar kien qed jasal il-Mellieħa ġimgħatejn wara. Sar suġġeriment li jista' jittieħed petrol allokat għat-trakkijiet ta' dawk il-postijiet li huma qrib il-Marina, li jistgħu wkoll faċilment jużaw il-karettuni biż-żwiemel peress li huma qrib.[4] Dan is-suġġeriment ġie mgħoddi lill-*Protection Officer*.

Fil-laqgħa tal-Kumitat tal-ARP tad-9 ta' Jannar 1942 issemma n-nuqqas serju ta' ħobż u dqiq u deher li dan kien ġej min-nuqqas ta' dqiq li kien qed jingħata lill-furnara u lill-bdiewa li kienu jagħmlu l-ħobż huma stess, minħabba l-kwantità konsiderevoli ta' ħobż li kien jinxtara u jiġi kkunsmat mis-suldati tal-KOMR u minħabba n-nuqqas ta' faħam għand il-furnara. Xi membri semmew li matul dawk l-aħħar xahrejn kien hemm familji li ġew rifjutati l-permess biex jixtru d-dqiq ħalli jagħmlu l-ħobż huma u allura żdiedu n-nies li riedu jixtru l-ħobż lest ta' kuljum.[5] Dwar dan kollu kellu jiġi nfurmat il-*Protection Officer* biex is-sitwazzjoni titranġa.

Mal-ħobż tissemma wkoll il-kunserva jew *paste*. Jidher li fil-Mellieħa kien hawn biss minn wieħed sa tnejn ħwienet tal-merċa li kienu jbiegħu kunserva ta' sekonda kwalità u kien hemm dubju jekk dik mibjugħa bid-9 soldi u nofs kull ratal kinitx verament ta' kwalità prima. Wieħed mill-membri qal li min kellu l-permess speċjali li jbigħ kunserva ta' prima kwalità ma setax ibigħ ukoll kunserva tat-tieni kwalità waqt li membru ieħor qal li dak li jbigħ bl-imnut qallu li kien hemm biss permess wieħed għat-tnejn.[6] L-istess hawnhekk kellu jsir rapport lill-*Protection Officer* għal azzjoni meħtieġa.

Ilment ieħor komuni fost ħafna nies kien li r-razzjon ta' kull ġimgħatejn kien qiegħed idum iżżejjed ħafna biex jinħareġ, ħafna drabi erbat ijiem tard. Infatti l-aħħar razzjon ta' Jannar 1942 ingħata bejn it-8 u l-10 minflok fl-1 tax-xahar, u dan kellu kemm il-ħut kif ukoll it-te nieqes. Veru li l-gwerra






kienet ġabet ħafna diżgwid, iżda kien hemm lok ta' ħafna titjib fis-sistema, għalkemm il-*Protection Officer* kien mgħobbi b'ħafna xogħol. Il-Kumitat innota wkoll li kien hemm bżonn li jsir aktar kontroll fuq il-ħwienet tal-merċa malajr kemm jista' jkun.[7]

Il-Melliħin kienu jiddependu ħafna fuq l-annimali, kemm biex ikunu jistgħu jaħdmu l-għelieqi tagħhom kif ukoll biex jipprovdu lill-familji tagħhom bil-bajd, ħalib, ġbejniet, laħam u oġġetti oħra tal-ikel. Allura kellek tgergir qawwi minn ħafna nies dwar l-għoti tal-ikel għall-annimali, li kien irregolari u nieqes. Ħafna kapijiet ta' familji kienu qed jippreferu joqtlu l-annimali tagħhom milli jħalluhom imutu bil-ġuħ waqt li xi nisa kellhom jew joqtlu jew ibigħu t-tiġieġ għall-istess raġuni. Jidher li dawn ir-rapporti kienu qrib ħafna tal-verità u ssemma li dan l-ikel tal-annimali ma kienx għadu jiġi mqassam ġustament fost il-bejjiegħa bl-imnut, waqt li min-naħa l-oħra kien hemm mill-istess bejjiegħa li ma kinux ġeddu l-permess tagħhom qabel għalaq. Hawnhekk ukoll il-Kumitat tal-ARP bagħat dan l-ilment lill-*Protection Officer*.[8]

Parti minn dan li rajna hawn fuq huwa meħud mill-minuti tal-Kumitat tal-ARP tal-Mellieħa, kumitat li kien jiltaqa' regolarment darba jew tnejn fix-xahar biex jiddiskuti l-ilmenti li l-membri kienu jisimgħu jew jiġu mgħarrfa dwarhom mingħand in-nies. Kollox kien jittieħed bl-ikbar serjetà u ma kien jitħalla xejn għaddej biex forsi titranġa s-sitwazzjoni. Irridu nżidu li wħud mill-ilmenti mressqa mill-Kumitat kienu jiġu rranġati. Trid tammetti li kien żmien ta' gwerra, żmien ta' nuqqas kbir. Il-biċċa l-kbira tal-ikel u provvisti riedu jaslu Malta permezz ta' vapuri u kif ħafna jafu l-konvojs kienu jiġu attakkati mill-ajruplani, vapuri u sottomarini tal-għadu. Mhux l-ewwel darba li minn xi 20 vapur mimlijin provvisti għal Malta ma kien jasal l-ebda wieħed.

Il-Kumitat tal-ARP tal-Mellieħa kien jagħmel ħiltu kollha biex jaqdi lil kulħadd, iżda ma kienx jiddependi minnu biss. Il-membri ta' dan il-Kumitat kienu f'pożizzjoni delikata ħafna meta tqis li kellek sitwazzjoni ta' gwerra, ta' nuqqas, ta' tgergir u qajla ta' ringrazzjament. Nagħlqu billi nsemmu każ żgħir biex nuru l-għanijiet u l-fini proprji għalfejn kien imwaqqaf dan il-Kumitat. Dik il-ħabta stess dan il-Kumitat ġie mitlub biex jirrapporta każi ta' ksur tal-liġi dwar l-iskarsezza tal-ħobż u l-Kumitat kollu unanimament deherlu li kellu jwieġeb hekk: 'L-għan u l-iskop ta' dan il-Kumitat mhuwiex li jirraporta każi individwali ta' ksur ta' liġijiet, iżda biex iwassal bil-qawwa kollha l-bżonnijiet u l-ilmenti tal-pubbliku tal-Mellieħa lill-*Protection Officer*'[9] u mbagħad kien hemm ħaddieħor biex jara li ma jsirux abbużi.

**Referenzi**


1 Bauer E. Lt. Colonel, *The History of World War II,* 2000. pp.304-308.
2 ANM. LGO, 1941/4343. 18.11.1941. Sitting No.17.f.17a.
3 Ibid. 16.12.1941. Sitting No.18.
4 Ibid.
5 Ibid. 9.1.1942. Sitting No.19.f.19a.
6 Ibid.
7 Ibid. ff.19a-19b.
8 Ibid. ff.19b.
9 Ibid. 6.2.1942. Sitting No.20.f.20.



# Sr Emma Camilleri C.F.C.J.

**Ġanni Camilleri**



Nhar it-30 t'April, 2013, il-Mellieħa tilfet waħda minn uliedha – persuna kkonsagrata. Qed ngħid għal Sr Emma Camilleri D.S.H. Twieldet il-Mellieħa nhar l-14 t'Awwissu 1928 minn ġenituri wkoll Melleħin, Toni u Karmena Camilleri.

Connie, kif kien jisimha qabel ma daħlet mas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù, kienet il-kbira fost tnax aħwa ħajjin u tlieta mejtin. Sa minn ċkunita Connie kienet turi li kienet waħda fuq tagħha, avventuruża u paċpaċa. Missieha Toni kien iħobbha wisq għax kienet l-ewwel wild iżda l-aktar għax kienet fuq ruħha u ferreħija.

Fl-iskola primarja kienet intelliġenti, u għalkemm qatt ma marret skola sekondarja kienet kapaċi titħallat ma' kull klassi ta' nies. Fil-fatt, kellha ħafna kuntatti ma' nies ta' klassi għolja, bħal Profs Aquilina, is-Surmast Pace, u oħrajn. Kienet titkellem tajjeb bl-Ingliż kif ukoll bit-Taljan, għalkemm dan tal-aħħar kienet tgħallmitu meta kienet fil-kunvent mas-sorijiet.

Meta kellha għoxrin sena, semgħet lil Ġesù jsejħilha għall-ħajja kkonsagrata. Fil-Mellieħa kien għadu kif twaqqaf il-kunvent tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù u li din is-sena qed ifakkru l-75 sena mit-twaqqif tiegħu. Sr Emma, kif bdiet tissejjaħ wara li għamlet il-professjoni tagħha mas-sorijiet, kienet kważi minn tal-ewwel li daħlu fil-Mellieħa. Missierha Toni kien ferħan se jtir dakinhar li pprofessat.

Il-ħidma tas-sorijiet kienet it-tagħlim tad-duttrina u Sr Emma wettqet ukoll dan ix-xogħol ta' għalliema. Billi s-sorijiet kienu wkoll jgħallmu l-pjanu, Emma kienet imħajra titgħallem il-pjanu għax kellha l-kapaċitajiet u t-talent għal mużika. Fil-fatt tgħallmitu u bdiet tgħallem il-pjanu wkoll. Hawn fil-Mellieħa ħafna ggradwaw f'dan l-istrument.

Nistgħu ngħidu li l-Mulej lil Sr Emma taha ħames talenti li ħaddmet tul ħajjitha kollha sal-aħħar għall-ġid tal-Kongregazzjoni u tal-proxxmu kollu. Kull ħaġa li kienu jaraw għajnejha, kienu jagħmlu jdejha. Kull fejn kienet, Sr Emma kienet tpaxxi l-widnejn bil-mużika u l-kant armonjuż li kienet iddoqq u tikkomponi hi stess. Kienet kreattiva għall-aħħar, u, fejn jidħol ix-xogħol tal-idejn bil-labra jew ganċ, kienet esperta u x-xogħol kien joħroġ perfett minn idejha. B'dan kollu, Emma ma kinetx imkabbra bit-talenti li Alla żejjinha bihom.

Il-missjoni dejjem kienet għal qalbha, iżda għalkemm marret l-Indja, l-Afrika u postijiet oħra, il-Mulej riedha tkompli l-missjoni tagħha hawn f'Malta. Kemm damet barra minn Malta, kitbet l-esperjenzi tagħha f'dawk il-postijiet li kienet, f'kotba differenti. Kellha d-don tal-kitba mexxejja li mhux kull min jikteb jippossedih. Wieħed mhux biss jieħu gost jaqrahom bl-istil spontanju li kienet tikteb bih, iżda wkoll għax jitgħallem ukoll dwar drawwiet u kulturi ta' postijiet barra minn Malta.

Dan l-aħħar snin, saħħitha bdiet tmur lura, iżda minkejja dan, Emma kienet kuraġġuża u fuq kollox ottimista għall-aħħar. Baqgħet tagħmel ix-xogħol tagħha kważi sal-aħħar ftit ġimgħat ta' ħajjitha, għax kienet spiss tgħidilhom lis-sorijiet, "inkella mmut qabel iż-żmien!"

Il-mużika u d-daqq tal-orgni, kienu l-hena tagħha u kitbet ħafna xogħlijiet għall-orgni u l-kor – quddies, innijiet, antifoni, eċċ. Il-pinna, kif għidna, kienet ukoll il-passatemp tagħha u ta' kull sena kienet tikteb kitbiet ta' interess għall-programmi tal-festa tal-Vitorja, fil-programmi tal-Knisja, tal-baned

lokali, La Vittoria u l-Imperial. L-ex President tal-Każin Imperial, is-Sur Jos. Bartolo, kien ħabib kbir tagħha u mhux darba jew tnejn, kien jistedinha fil-każin biex jixorbu xi *soft drink* fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja.

Emma kienet persuna li kull fejn kienet tmur, kienet tagħmel lil kulħadd ferħan u timlieh b'ottimiżmu kbir. Kienet kuraġġuża u ma tibżax tidħol għal xi biċċa xogħol iebsa. Sr Emma kienet ħabiba ma' kulħadd u fuq kollox, ta' eżempju kbir għal ħutha s-sorijiet u għal kull min kien jafha. Kienet taf tieħu kollox bis-sabar u kellha mħabba speċjali għall-annimali, l-aktar għall-qtates li fil-kunvent kellha kemm-il wieħed u ma kienet tħallihom neqsin minn xejn.

Jgħidu, li kif tgħix tmut! Dan nistgħu ngħiduh bla tlaqliq dwar Sr Emma. Kellha wkoll spirtu żagħżugħ sal-aħħar minkejja l-mard li dam jinkwetaha għal ħafna snin.

Wara xi ġranet ma tiflaħx, kemm f'Mater Dei u kemm fil-Kunvent fi Fleur de Lys, Emma tat l-aħħar nifs ta' ħajjitha fil-Kunvent tagħhom nhar it-30 t'April 2013, fis-7.00pm fl-età ta' 85 sena.

Niftakru fiha u fis-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù li din is-sena qed ifakkru l-75 sena mit-twaqqif tagħhom hawn fir-raħal tal-Mellieħa.


SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE



Ġo Ġo
MINI MARKET

Opening hours:
Mon – Tues 07.00 – 18.00
Wed 07.00 – 13.00
Thurs - Fri 07.00 – 18.00
Sat 07.00 – 14.00
Sun Closed

**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445

**Free Deliveries**



# J. Vella

**Għal kull xogħol ta' kisi, żebgħa u tikħil fuq il-fil.**

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**

# IR-RAZZETT

## Fresh Fruit & Vegetables

244, Main Street, Mellieħa - Malta
Tel: 21 521473
Mobile: 9944 6545

**FREE DELIVERIES**






# *Abela Norbert Joiners*

*Craftmanship furniture for clients' special requirements!*

59, Taraġ il-Baqquniera,
Triq in-Naħal, Il-Mellieħa - Malta
Tel: 2152 3853, 9947 6620

*Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd*



# Tradition Something To Be Cherished



Brian Roberts

I know I might seem old fashioned but I am a traditionalist at heart. I strongly believe in upholding the age old traditions in any country or community. If we don't learn from the past how can we teach future generations?

Music has played a part in forming traditions. Cave men found that by blowing into sea shells or hollowed out wood they could produce a sound and it was not long that dance and music became part of local traditions.

This year Kate and I attended another great British tradition. The Whit Friday Brass Bands Marches on the very edge of Saddleworth Moor on the borders of Yorkshire and Lancashire. Brass Bands from all over the UK and abroad gather to perform not only their musical skills but their individual discipline and stamina. The weather up on the moors can be very daunting and this year was no exception. Driving rain and very low temperatures failed to dampen the spirits of competitors and spectators alike. Bands travel from village to village by coach and perform a march where they are judged on their deportment and appearance as well as their music We were privileged to hear 67 bands pass through the small village of Greenfield in just six hours.



Brighouse and Rastrick Brass Band

The tradition dates back to 1884 when following the normal Whit Friday Church March two bands decided to have a small competition. It has now grown into one of the greatest cultural events of the year attracting thousands of people young and old. Another great tradition which must not only be preserved but cherished.

Even the youngsters did their bit to make it a memorable occasion. They are made of hardy stuff up in that part of the world. There is no doubt that the musical tradition will go on for many more years if these youngsters have anything to do with it.




So we are now approaching our feast and yet another great tradition. Yes things have had to change over the years. The tragic deaths in the fireworks factories are testimony for the need to find alternative means of lighting the beautiful sky but we should never forget why we celebrate the 8th September each year. We remember all those brave souls who lost their lives during two great sieges on the islands but it is also a time of great happiness and joy. That is the legacy of this great tradition which has been handed down to us. A time for families and friends to get together to share one of our greatest traditions – our feast here in Mellieħa.

**I WISH EVERYONE A VERY HAPPY FESTA.**



# Nifirħu għax waslet il-festa

**Christopher Bartolo**

Min jaf kemm hawn nies li ta' kull sena jkunu qegħdin jistennew il-festa tagħna b'ħeġġa kbira. Kif jaf kulħadd, kull belt u raħal f'Malta u Għawdex, il-biċċa l-kbira minnhom fl-istaġun tas-sajf, jagħmlu l-festa f'ġieħ il-patrun jew il-patruna tagħhom. Ħafna minn dawn il-festi jiġu dejjem fl-istess tmiem il-ġimgħa ta' kull sena; oħrajn ikunu ffesteġġjati fil-ġurnata liturġika tagħhom. Il-komunitajiet fl-irħula ta' Malta u Għawdex tarahom jgħixu dan iż-żmien tal-festa bl-iktar mod ferrieħi.

Il-festi tagħna huma wirt li writtna mingħand missirijietna. Minkejja opinjonijiet differenti fuq il-festi tagħna, dawn għadhom ikunu mistennija u mfittxija minn kull komunità parrokkjali fi gżiritna.

Nistgħu ngħidu li matul is-sena jkunu organizzati mijiet ta' festi u okkażjonijiet differenti, nibdew minn twelid ta' tarbija u nistgħu nsemmu kull okkażjoni oħra li tnissel fina xi forma ta' ferħ u sodisfazzjon. Kull festa fiha sinifikat, valur u messaġġ għal kull min ikun qiegħed jorganizzaha u l-iżjed lil kull min ikun qiegħed jgħixha u jieħu sehem fiha.

Bla dubju ta' xejn, kull festa tirrikjedi ħafna ħsieb u xogħol għal ħafna nies – l-iktar għal dawk li jkunu verament dilettanti tal-festa li ssibhom f'kull raħal. Għalihom il-festa hi kollox. Dawn in-nies jagħtu l-kontribut tagħhom b'mod volontarju u mingħajr ebda ħsieb ta' ħlas. Ħafna drabi, jagħmlu ħafna sagrifiċċji u anke jiċċaħdu minn ħafna affarijiet. Moħħhom ikun kif il-festa tkun suċċess. Hawnhekk nixtieq insellem lil dawn in-nies kollha li jaħdmu u jagħtu s-sehem tagħhom matul is-sena kollha b'mod partikulari matul il-ġranet tal-festa. Għall-grazzja t'Alla, fil-parroċċa tagħna għandna ħafna għaqdiet u kumitati għal kull tip ta' attività li tagħmel parti mill-festa. Għal dawn l-għaqdiet jien għandi kull rispett.

Bħala sagristan, mill-bidu tal-ħidma tiegħi fl-1976, lil kull għaqda li hawn fil-Mellieħa, minn qalbi offrejtilhom kull għajnuna li jista' jkollhom bżonn. Fuq dawn l-għaqdiet jiena ma nistax nikteb dwarhom għaliex żgur m'iniex daqshekk aġġornat u nfurmat fuq kull ħaġa li jorganizzaw. Jiena nieħu ħsieb żewġ gruppi li jaħdmu mill-qrib miegħi u mas-sagristana tas-Santwarju, Suor Manwela Grixti. Qiegħed nirreferi l-ewwel nett għall-Grupp Santa Marta li fih insibu grupp ta' nisa li darba fil-ġimgħa, flimkien miegħi u mas-sagristana tas-Santwarju, nieħdu ħsieb it-tindif ġenerali taż-żewġ knejjes tagħna.

Jidher ċar li dan il-grupp huwa għall-qalb il-komunità Mellieħija għaliex nirċievi ħafna kummenti pożittivi ta' ringrazzjament sabiex inwassalhom lil dawn in-nisa dedikati. Għan-nom ta' ħafna nies, nixtieq nirringrazzja lil dawk in-nisa li għadhom attivi fi ħdan dan il-grupp kif ukoll lil dawk li m'għadhomx jagħtu s-servizz tagħhom minħabba diversi raġunijiet. Nixtieq insellem ukoll lill-membri ta' dan il-grupp li tant ħadmu u li llum m'għadhomx magħna. It-tieni grupp huwa dak tad-daqq tal-qniepen. Il-membri rġiel ta' dan il-grupp fil-festi tagħna jiddedikaw ħafna ħin sabiex isemmgħulna dawk il-moti ferrieħa li tant huma għall-qalb il-Mellieħin.

Ma nistax ma nsemmix il-kontribut li tant jagħtu minn qalbhom iż-żewġ baned li għandna fir-raħal tagħna. Kif dejjem ktibt u għedt, minn tfuliti dejjem kelli imħabba speċjali għaż-żewġ baned tagħna. Dejjem apprezzajt is-sehem tagħhom fl-attivitajiet li jieħdu sehem fihom kemm fir-raħal tagħna u anke barra mir-raħal. Minn meta ġejt maħtur sagristan, nistqarr li r-rispett lejn dawn iż-żewġ għaqdiet mużikali żdied għaliex dejjem sibt ir-rispett reċiproku u l-għajnuna fil-ħidma tiegħi. Barra minn hekk, jien dejjem offrejtilhom kull għajnuna li jkollhom bżonn, mhux biss fi żmien il-festa titulari, iżda wkoll meta jkollhom xi okkażjoni jew xi anniversarju speċjali.

L-aspett reliġjuż f'kull festa titulari għandu jkun il-qofol u l-iskop ewlieni, l-ewwel u qabel kollox, il-funzjonijiet fil-knisja għandhom jieħdu preċedenza

fuq l-attivitajiet esterni. Tieħu gost tara ħafna nies jieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet li jibdew bin-noveni. Dawn huma disat ijiem ta' preparazzjoni għall-festa fejn fihom, kull jum ikun iddedikat lil xi sezzjoni mill-komunità fosthom il-kleru, it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani, il-miżżewġin, l-għaqdiet reliġjużi u l-għaqdiet ċivili. B'hekk, il-komunità kollha tkun qiegħda tiġi mistiedna biex tieħu sehem f'dawn il-funzjonijiet tant sbieħ.

Il-qofol tal-festa jintlaħaq lejlet u nhar il-festa. Lejlet il-festa tibda bit-translazzjoni – funzjoni qasira però sabiħa u sinifikanti. Imbagħad il-funzjoni titkompla bil-kant tal-għasar fejn fih jitkantaw is-Salmi, l-Antifoni u l-Magnificat. Nhar il-festa filgħodu tiġi ċċelebrata l-Quddiesa Solenni fejn fiha jiġi minsuġ il-paniġierku f'ġieħ il-patrun jew il-patruna. Fil-każ tagħna l-Mellieħa, il-paniġierku jkun imfassal u ppreparat sabiex jingħata ħafna tagħlim fuq it-twelid, il-virtujiet u l-ħajja tal-Madonna. Imbagħad filgħaxija, kulħadd ikun qiegħed jistenna bil-ħerqa l-ħruġ tal-purċissjoni li, tista' tgħid, iġġib fi tmiemha l-festa li l-għan prinċipali tagħha huwa li tressaqna iżjed lejn il-Madonna u binha Ġesù li huwa s-sors prinċipali tal-ferħ u l-paċi f'ħajjitna.

Dawn l-attivitajiet reliġjużi kollha li jiġu organizzati matul il-jiem tal-festa jirrikjedu ħafna ħsieb, preparazzjonijet u ħidma li, ħafna drabi, ma jidhirx. Hawnhekk nixtieq li nsellmu u nuru l-apprezzament tagħna lill-kappillani, lis-saċerdoti, lill-Kunsill Pastorali Parrokkjali, lis-sagristani u dawk li jgħinuhom biex jintramaw il-knejjes u ħafna nies oħra li jaħdmu bla waqfien sabiex il-knejjes tagħna jinżammu nodfa. Hemm nies oħra li jagħtu s-sehem tagħhom għas-suċċess tal-festa fosthom dawk li jdoqqu l-qniepen, il-fratelli, l-abbatini, il-korijiet u dawk li janimaw il-funzjonijiet. Hemm oħrajn li jagħtu s-sehem tagħhom li ma jkunux iridu li jissemmew u wisq inqas jidhru.

It-tieni parti tal-festa li hija konnessa sew mal-festa reliġjuża. Qiegħed nirreferi għall-attivitajiet esterni li jiġu organizzati fil-pjazez u t-toroq tagħna. Hawnhekk jiġini f'moħħi l-Grupp tal-Armar – grupp ta' rġiel u nisa li matul is-sena kollha jieħdu ħsieb l-armar kollu li jintrama matul il-ġranet tal-festa. Dawn jieħdu ħsieb mhux biss jarmaw il-pjazez u t-toroq tagħna matul il-ġranet tal-festa, iżda jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tiegħu u anke jagħmlu armar ġdid.

Nerġa' għal darb'oħra nsemmi s-sehem tal-baned u l-orkestri mużikali li tant iferrħuna b'dawk il-marċi u programmi sbieħ li jesegwixxu fit-toroq u l-pjazez prinċipali tagħna. L-għaqdiet piroteknići wkoll jagħtu sehem importanti ħafna matul il-festa. Dawn jaħdmu matul is-sena kollha sabiex matul il-ġranet tal-festa jkollna nar tal-art u tal-ajru li jkompli jżid mal-atmosfera ferriħija li tkun qiegħda tirrenja matul il-festa.

Jiena dejjem emmint li l-ftit minn ta' kulħadd dejjem iħalli riżultati tajbin. Meta jkollok nies li lesti jaħdmu u jgħinu f'kull ħaġa konnessa mal-festa tagħna, kull sena jkollna festa sabiħa, u fuq kollox, festa nisranija u dinjituża kif għandha tkun u kif dejjem tkun mistennija minn nies tal-affari tagħhom. Jalla nibqgħu nsibu nies li lesti jgħinu sabiex jibqa' jkollna festi nsara kif dejjem kienu fi żminijiet missirijietna.

Fl-aħħar nett, irrid inrodd ħajr lill-President u l-kumitat tal-Banda Imperial tas-sehem li tagħti matul il-ġranet tal-festa. Irrid għal darb'oħra nirringrazzjahom tal-għajnuna u r-rispett li wrewni matul dawn is-37 sena li ilni sagristan. Jalla nibqgħu naħdmu flimkien ħalli kull meta tasal il-festa nifirħu flimkien kif tixtieq li jsir il-patruna tagħna Marija Bambina u lkoll flimkien b'vuċi u b'qalb waħda ngħidu: It-twelid tiegħek, Verġni Marija, ferraħ mhux biss lilna iżda lid-dinja kollha.

Viva Marija Bambina!

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*

# NEW ON THE MARKET

your living at home



FIRST FLOOR



GROUND FLOOR



BASEMENT

**dbproperties**

Office: 28, St. Helen Street, Mellieha, MLH 1012
Tel: +356 2152 0636
Mob: +356 9949 3487

www.dbpropertiesmalta.com

email: info@dbpropetiesmalta.com

# fieldsports

## IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF MAJOR BRANDS

HAND GUNS • AMMUNITION • RIFLES • ACCESSORIES • SHOT GUNS • SCOPES • HUNTING CARTRIDGES • CLOTHING APPAREL • FOOTWEAR • EYEWEAR • SOUND EQUIPMENT

Browning • Breda • Remington • Winchester Rifles and Shotguns • Accuracy International • Taurus
Leupold • Federal Premium Ammunition • Zoli • Aimpoint • SureFire • Cheddite
EOTech • Miroku • Perazzi • Bushnell • Steyr
Marlin • Buck Knives • Glock Perfection • B&P • Fiocchi Ammunition
Meopta • Tasco • Benelli always a step ahead • Schmidt Bender • Para-Ordnance • Baikal

21/22, Parish Square, Mellieha MLH1070 | T: + 356 2152 2602 | E: info@fieldsportsmalta.com | www.fieldsportsmalta.com

# P&C CAUCHI

*All Types of Demolishion & Excavation Work*

Mob: 9989 9839, 7925 9208

Email: crs.cauchi@gmail.com












Competitive Prices



# Il-Banda u l-Komunità Melliħija



**Jikteb Philip Borg**
President Onor. tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti u tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia (Birkirkara)

**L-eżistenza u l-ħidma ta' banda f'kull belt jew raħal hija biċċa mill-ħajja u l-istorja tal-post. Hija dejjem waħda min-niċeċ ewlenin fil-monument sħiħ tal-kwadru soċjali kollu. Aktarx li fl-imgħoddi aktar mil-lum, il-każin kien it-tokk fejn jiltaqgħu n-nies jirrakkuntaw u jiddiskutu, jitgħallmu u jibnu ħbiberiji kbar. U jekk snin twal ilu l-każin kien il-benniena tad-dilettanti, maż-żmien kiber għal arena ta' ħidma professjonali, għalkemm il-bieraħ u llum, is-sens ta' volontarjat huwa l-pern ta' kollox.**

Għal ħafna familji, il-banda u l-każin kienu u jibqgħu tifkira ħajja tan-nanniet jew bużnanniet li isimhom u laqamhom jibqgħu marbutin b'għożża kbira mad-diriġenti u l-membri għal ġenerazzjonijiet sħaħ. Kull pass li tmidd il-banda sena wara sena, u kull anniversarju li jitfakkar, huma wkoll waqtiet għall-familji tal-membri u ammiraturi kif ukoll għall-qraba ta' dawk li ħallewna meta għalihom il-banda u l-każin kienu t-tieni dar tagħhom. In-nisġa b'saħħitha bejn il-banda u l-familji tal-lokal hija tali li ħafna mill-familji tal-lum jafu jsibu għeruqhom fl-istorja tal-banda jew f'xi opra li żżejjen il-każin.

Il-każin tal-banda u ta' għaqdiet oħra ewlenin, kien u għadu s'issa l-mekka ta' ħafna qlub ġenerużi li b'dedikazzjoni u passjoni kbira jagħtu ħinhom u ħilithom "għall-ġieħ u glorja tal-patruna tagħna" – kif sikwit tismagħhom itennu! Ma jistennewx ħlas għax l-għaxqa tagħhom jaraw xogħolhom jitgawda l-iktar fil-jiem tal-festa. Aktarx li minbarra t-tagħlim tal-mużika – li hi l-qofol tal-banda – fil-każini jew fl-imħażen tagħhom kienu u għadhom ukoll jitgħallmu u jitħarrġu f'ħafna snajja', kollha marbutin mal-armar u t-tiżjin tal-post u t-triqat madwaru.

## Il-Mellieħa, raħal u belt

Il-Mellieħa kibret mas-snin minn raħal qadim, aktarx rurali, għal belt minħabba d-daqs tal-popolazzjoni u l-importanza turistika u kummerċjali tagħha. Mhux għax imdawra bis-swar jew għax xi Gran Mastru kellu grazzja magħha jew kellu xi ħajra partikulari li tissejjaħ għalih! Huma n-nies li jagħmlu raħal u belt. Huma l-Melliħin infushom u eluf oħra – Maltin u barranin - li żdiedu u komplew kabbru r-raħal il-qadim f'komunità relattivament kosmopolitana. Naħseb li fil-Mellieħa hawn l-ikbar konċentrazzjoni ta' residenti barranin, l-aktar Ingliżi. Kull sena fil-festa nifhem iktar kemm addattaw irwieħhom mad-drawwiet Melliħin, l-iktar fejn jidħlu l-baned. Biex tħossu dan biżżejjed żjara fil-każin tal-Banda Imperial.

Waqt li tifraħ tara din l-emanċipazzjoni multi-kulturali, ta' min jgħid li l-ħerqa għall-progress u t-tiġdid, kif ukoll il-kilba għall-flus m'għandhom qatt iħassru u jtellfu l-preġji endemiċi ta' poplu ħawtiel bi snajja' kbar.

L-istorja tal-għaqdiet u tal-baned hi ħolqa fin-nisġa tal-epoki kronoloġiċi li sawru l-aħħar seklu u nofs fl-istorja tal-Mellieħa. Fiha nnifisha din in-nisġa tfisser ħafna mill-bidliet soċjali li seħħew jew żviluppaw mas-snin fid-djar tal-mijiet ta' familji u lil hinn minnhom. Aspett tipiku u b'saħħtu hija r-rabta tal-banda mal-ħajja reliġjuża tal-poplu u ma' dak li emmen. Dak li emmnu missirijietna u dak li writna aħna mingħandhom, kif żviluppajnieh, kif saħħaħnieh jew kif tajnieh sura tal-lum iktar milli tal-bieraħ. Fl-imgħoddi, illum u sakemm jibqa' s-sens kreattiv fil-bniedem, il-ħidma tal-banda u kif titwettaq, tirrifletti l-istil tal-ħajja f'dak jew f'dan iż-żmien.

Mil-lenti antropoloġika u dik soċjoloġika, kollox juri li hemm rabta qawwija bejn il-banda u l-ħajja fil-belt jew raħal. Jinħassu influwenzi reċiproċi, il-waħda tagħġen, iżżid u torqom lill-oħra. Nasal ngħid li f'ħafna waqtiet qishom mera ta' xulxin. Mhux biss fid-drawwiet u fl-istil tal-ħajja, iżda wkoll fil-livell tal-għajxien tal-familji u fl-istil tal-ħajja. Is-sehem tal-Banda Imperial fil-festa kull sena jixhed

l-iżvilupp tad-drawwiet kif ukoll l-istil tal-ħajja tal-komunità lokali. Il-biża' tiegħi hi biss jekk il-ħsieb kummerċjali jitħalla jikber iżżejjed u joħnoq jew imewwet dak li sal-bieraħ kien espressjoni spontanja tal-poplu fil-mod kif jixtieq jiċċelebra!

## Il-volontarjat

Il-ħidma tal-banda kienet dejjem essenzjalment volontarja. Mas-snin iddaħħal l-element tal-ħlasijiet għal servizzi ta' kull xorta, inkluż it-tmexxija tal-bottegin li llum iktar jissejjaħ ristorant. Hawnhekk ukoll jinħassu l-iżviluppi soċjali u ekonomiċi fil-pajjiż fejn bosta kienu u għad jeħtieġilhom dħul addizzjonali ma' dak li jaqilgħu bix-xogħol ewlieni tagħhom. Iżda kieku kellek tiżen u tgħodd kollox, ma tista' toħlom b'ebda ħlas biżżejjed għall-ħafna xogħol volontarju li jitwettaq tul is-sena kollha – ħafna minnu mmirat li jkun hemm fondi biex jitħallsu dawk li jagħtu servizz! L-istess jgħodd għall-Banda Imperial li, flimkien mal-banda l-oħra, mal-grupp tal-armar u dak tan-nar, kull sena jsebbħu l-festa bl-arti mużikali kif ukoll b'tiżjin sabiħ u ħdim tan-nar tal-art u tal-ajru.

Irridu nqisu dawn il-fatturi kollha kull sena kif ukoll meta niġu biex infakkru xi anniversarji. Iktar u iktar meta minbarra l-baned, tul is-snin ikunu twieldu u trawmu sew bosta għaqdiet oħra.

Fi rħula jew bliet bħall-Mellieħa, fejn hemm iktar minn banda waħda marbutin mal-patruna titulari, xi drabi dik li ħafna jixtiequ li tkun kompetizzjoni ġenwina tista' tisfuma f'pika li ma tħallix il-moħħ jaħdem kif jixraq. Nazzarda ngħid ukoll li l-kelma 'partitarji' mhix deskrizzjoni għal kollox f'postha tal-mijiet jew eluf li jammiraw lill-banda, wisq inqas meta flok ngħidu jammirawha u jsostnuha, nużaw il-frażi 'iżommu magħha'.

Hija ħasra li għal xi mħuħ żgħar, li tammira waħda tfisser li ma taħmilx lill-oħra! B'xorti tajba dan ma jinħassx wisq fil-Mellieħa li ma laħqitx iddakkret mill-piki bla sens f'irħula qodma oħra. Dan grazzi għal diriġenti għaqlin li dejjem kellna u nawguraw li dejjem jibqa' jkollna!

## Kompetizzjoni?

Minkejja dan, irridu nammettu li ħafna mill-iżvilupp u t-tkabbir tal-baned kien frott tal-kompetizzjoni li kabbret il-ħeġġa fost ġenerazzjonijiet sħaħ. Għad li din ukoll hija parti essenzjali mill-iżvilupp soċjali tul is-snin, hija ħasra li xi waqtiet tiddeġenera għal livelli li ma jagħmlux ġieħ lid-dinjità tal-ħsieb uman. Huwa għajb meta jibdew jintużaw superlattivi li jesaġeraw kull ħidma li titwettaq… l-aqwa, l-ogħla, l-ikbar, l-itwal, l-ifjen… u estremi oħrajn. Biex ma nsemmux ukoll l-użu tal-aġġettivi bombastiċi u eżorbitanti bħal 'meraviljuża', 'spettakolari', 'monumentali' u oħrajn. Bosta drabi kliem bħal dan mhux għajr tilqima għall-pika bla sens, pika li tnaqqas sew mill-ħeġġa ġusta, l-aktar fil-jiem tal-festa. Kliem bħal dan jaf iġiegħel lin-nies jiskru aktar mill-ħafna birer!

Lill-banda Imperial dejjem ħabbejtha u kompla jħabbibni magħha l-ex-president Joe Bartolo. Jien nemmen li f'kull banda, f'kull każin, f'kull soċjetà hemm nies ta' għaqal kbir. Nies li mhux biss jaqdu dmirhom b'responsabbilità sħiħa fil-karigi li jokkupaw, imma dejjem jaraw kif ifittxu f'kollox sens ta' kooperazzjoni. L-istess kif f'irħula oħrajn jifirxu iktar il-komunikazzjoni bejn il-banda jew soċjetà mal-bqija tal-poplu fil-belt jew raħal. Mhux biss rivisti jew annwali b'kitbiet u tagħrif siewi, iżda wkoll ir-radjijiet tal-komunità. Hawn ukoll tinħass il-qawwa tal-volontarjat b'nies ferm dedikati li jwasslu kull xorta ta' tagħrif siewi kif ukoll mużika għall-gosti tal-ħafna.

Illum li kibret it-teknoloġija, meta l-każin m'għadux dak li kien snin twal ilu – it-tokk fejn kulħadd kien iħobb iqatta' siegħa, jara, jidher u jisma' – uħud fost l-aktar baned stabbiliti, daħlu għal dawn il-mezzi moderni b'ruħhom u ġisimhom. L-istess nistgħu ngħidu għall-ħidma kbira mwettqa minn qtajjiet ta' żgħażagħ li minn qaddishom idaħħlu aktar enerġija u sens ta' tiġdid u dinamiżmu.

## Il-bieraħ u llum

B'ebda mod ma jitwarrab jew jintesa l-valur storiku uniku li ngabar tul mijiet jew għexieren ta' snin. Dak jibqa' l-wirt għani li jfakkar l-essenza tat-twelid tal-banda jew tas-soċjetà. Kulma jsir illum, fil-forom avvanzati kollha ta' żmienna, għandu jirrispetta dak il-wirt uniku. Anzi għandu jużah u jesponih b'aktar ħeġġa biex dak li hemm imħares fl-arkivji-teżori jkun dejjem aktar magħruf u apprezzat. Kull folja għandha storja unika li ma nsibuha mkien iktar. Kull strument qadim għandu valur daqs kull apparat teknoloġiku ta' żmienna – wieħed ifakkar mnejn tlaqna u l-ieħor juri fejn wasalna!

In-nisġa storika tagħmel il-pezza soċjali u kulturali. Il-baned tagħna, l-għaqdiet impenjati bħas-Soċjetà Filarmonika Imperial, huma fihom infushom meded sħaħ minn dawn il-pezez li jifirxu quddiemna llum ħjiel ċar tal-evoluzzjoni ta' kif għexu, kif ferħu u kif bkew ta' qabilna.

Ħasra jekk inħallu l-pika għamja tnessina dan il-wirt. Għajb jekk il-ġdid jarmi u jiknes il-qadim. Tajjeb li jkun hemm tiġdid, tajjeb li nimxu maż-żminijiet… iżda qatt u qatt m'għandna narmu l-kobor ta' kulma sar qabilna! Inkunu qed naqtgħu l-ħoloq tal-katina tal-Istorja tagħna stess! Inkunu qed ninqatgħu min-nisel tagħna stess…

# E'CASA

**...we furnish your dreams**





kitchens ■ sofas ■ bedrooms ■ dining rooms ■ wall units ■ occasional furniture ■ home accessories

E'CASA

www.ecasa.com.mt

**Please call for an appointment**

E'casa Limited, 47, Triq l-Gherien, Mellieha, Malta MLH 2282

**T** (+356) **2152 4262** **F** (+356) **2152 2762** **M** (+356) **7900 8002** **E** **info@ecasa.com.mt**

## Highly Finished Upmarket Apartments in Mellieha





...at fantastic prices

ASPEN LIMITED

Please call for an appointment: Aspen Limited, 47, Triq l-Gherien, Mellieha MLH 2282

Tel: (+356) 2152 2761 Fax: (+356) 2152 2762 E-mail: aspen@onvol.net








Marfa Road, Cirkewwa, MLH 9068, Malta
**T.** (+356) 2152 1166 **F.** (+356) 2152 1153
**E.** events@paradise-bay.com

www.paradise-bay.com

Find us on: facebook



**Modern Multicultural Cuisine**

*A la Carte • Pizzeria • Daily Specialities*

**Casual Dining with a difference**

**Open Air Dining**

*Opening Hours: Lunch: 11.00am till 3.00pm*
*Dinner: 6.00pm till 10.30pm (closed Wednesday)*

**The Hilltop Restaurant**

G. Borg Olivier Street, Mellieħa

For reservatrions call
2152 1101 or 9944 5484

E-mail:
reservations@thehilltopmellieha.com
Website:
www.thehilltopmellieha.com





# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb*
*jew għal ikla ġenwina*
*(tistgħu tordnaw fniek u laħam taż-żiemel)*

***7, Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa***
***Tel: 2152 3467***

*Il-familja Gauci*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.*



# Baned Norveġiżi fil-Mellieħa







**Kunċert mill-Baned Skjold Skoles Musikkorps u Kampen Skolekorps min-Norveġja li sar bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial u tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa nhar is-26 ta' Ġunju 2013, fil-Pjazza tal-Mellieħa**



# Il-Madonna tal-Mellieħa



**Ralph Micallef**

Id-devozzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa għandha għeruq qodma. Huwa Santwarju antik ta' xbieha mpittra fuq ħajt ta' għar ta' knisja troglodita. Hemm tradizzjoni li tgħid li l-Patrijiet Agostinjani kienu bdew jieħdu ħsieb din il-knisja, dan kien fis-seklu V. Dan is-Santwarju kien isarraf f'diversi pellegrinaġġi, saħansitra mill-barranin, fosthom kapijiet kbar bħar-Re Federiku III ta' Sqallija u r-Re Martin ta' Aragona, il-Kard. Chigi li wara sar il-Papa Alessandru VIII. Fis-sena 1990, il-Papa Ġwanni Pawlu II kien irrefera għalih bħala Santwarju qaddis kif ukoll fl-aħħar żjara li kien għamel f'Malta.



Kien il-Kappillan Franġisk M. Magri li għamel talba lill-Isqof Pietru Pace biex din ix-xbieha tiġi uffiċjalment inkurunata. Fis-sena 1895, il-Papa Ljun XIII ħareġ digriet biex il-Madonna tiġi inkurunata. Kien fl-24 ta' Settembru 1899, il-jum speċjali tal-inkurunazzjoni. Din ix-xbieha sar fuqha restawr minn Samwel Bugeja u waqt dan ix-xogħol instab li kien hemm oħra. Dan seħħ f'Jannar 1973. F'din l-ikona jidhru b'mod ċar l-uċuh tal-Madonna u sew tal-Bambin li qed tħares lejn min qed jara x-xbieha. L-istil ta' dan ix-xogħol artistiku huwa Biżantin/Sqalli. Hemm tradizzjoni li tgħid li din il-Madonna kienet oriġinalment impittra minn San Luqa li kien il-kompann ma' San Pawl fin-Nawfraġju f'Malta fis-sena 60.

Hemm tradizzjoni li l-ewwel saċerdoti li wżaw din il-knisja kienu Agostinjani, iżda ntemm dan minħabba l-attakki tal-pirati. Diversi żaru dan is-Santwarju devot fosthom ir-Re Federiku III ta' Sqallija fl-1373, ir-Re Martino ta' Aragona I fl-1408, ir-Re Alfonsu I fl-1432, il-Viċi Re L. Limenes fl-1460 u fl-1990 Ġwanni Pawlu II, l-Isqof Balaguer, diversi Gran Mastri u Inkwiżituri.

## Ma Ninsa Qatt

Fl-1994 kelli x-xorti nagħmel żjara fl-Art Mqaddsa f'pellegrinaġġ immexxi mill-Patrijiet Franġiskani Minuri tat-Terra Santa u nista' ngħid li dan kien vjaġġ spiritwali u ta' tifkiriet sbieħ fejn Sidna Ġesù twieled, għex u miet. F'din l-art qaddisa hemm ukoll tifkiriet tal-familja ta' Nazaret ta' Marija u Ġużeppi. Fosthom hemm ukoll magħrufa fl-arti s-Santwarji Marjani tad-dinja, naturalment u ma ninsa qatt nilmaħ is-Santwarju għażiż tal-Mellieħa mpitter fost l-oħrajn. Bosta kienu diversi turisti li saru jafu issa dwar dan is-Santwarju li qiegħed fil-gżira tagħna. Huwa għalhekk unur li s-Santwarju Marjan tal-Mellieħa huwa vuċi ta' Marija fost arti oħra tad-dinja u jirrappreżenta lil Malta.

Kull min jidħol fil-kappella ta' taħt il-Knisja Parrokkjali għandu jibqa' immeraviljat bid-devozjoni lejn il-Madonna waqt li jara kwadri ta' ġrajjiet u grazzji li l-Madonna matul is-sekli għamlet magħna l-Maltin.

Tifħir u Glorja lill-Madonna tal-Mellieħa.



# Fortifikazzjonijiet Melleħin



**Clifford Galea**
M.A Baroque Architectural Studies

**Insellem lill-għeżież Melleħin permezz ta' din il-kitba tiegħi għat-tieni darba. Iddeċidejt li nikteb ftit dwar fortifikazzjonijiet ħelwin u uniċi li nsibu f'dan ir-raħal pittoresk. Nibdew bis-Sur tal-Aħrax.**

## Is-Sur tal-Aħrax

Fuq il-peniżola li hemm bejn din ir-ramla u r-ramla tat-Torri l-Abjad insibu sur, bl-isem tas-Sur tal-Aħrax. Dan is-sur ġie mibni fl-1759. Dan is-sur fih madwar 9 meddiet kontinwi. Il-ġebel għal dan is-sur inqata' mill-post stess. Is-sur għandu wisgħa ta' żewġ metri u t-tul eżatt tiegħu hu ta' 670 metru, l-għoli tal-ħajt ivarja bejn 4 u 16-il filata. Kien Bourlamaque li ħeġġeġ l-Ordni tibni dan is-sur wara li fl-1715 Vendom kellu fi ħsiebu dan it-torri.

Is-sur jinsab fi stat mhux ħazin apparti n-naħa tal-bajja tat-torri (Little Armier) minħabba li l-ġebel ta' taħt, u jekk ma nieħdux ħsiebu din il-parti nitilfuha.

## Il-Batterija tal-Aħrax u t-Torri l-Abjad (Despinasse)

Wieħed mit-torrijiet li ġew mibnija madwar il-kosta ta' Malta mill-Gran Mastru De Redin (1657-1660). It-Torri tal-Aħrax sewa 590 skud u kien wieħed minn ħamsa oħra li kienu lesti sa Novembru 1658. L-ispejjeż ta' dan it-Torri tħallsu mill-Gran Mastru stess, waqt li l-ħlas fis-sena ta' 30 skud lill-bumbardier u l-24 skud kull wieħed lil tliet suldati tad-Dejma kellhom jitħallsu mill-Università.

L-arma li kienet twaħħlet fuq il-bieb prinċipali m'għadhiex hemm iżda l-iskrizzjoni bil-Latin fuq l-irħama ta' taħtha għandha miktub hekk "FRA DON MARTINO DE REDIN MAGNO S.R.I.F. MAGISTRO SEXTAM SPECULAM PRO CARINARUM AC IN COLARUM TUTIORI STAT ILERIGENTI, MELITEN POPULUS PRINCIPI SUO CLEMENTI PROUT IN CORDE, SIC IN L DE GRA TES DEBIT AS REDDEBA T. AN. 1658." Dan it-Torri għandu l-istess forma tat-torrijiet l-oħra tal-kosta, żewġ sulari għoli, t'isfel bit-talut u ta' fuq perpendikulari, turretta waħda f'kantuniera u parapett mad-dawra tal-bejt.

Dan it-torri kien armat b'żewġ kanuni u t-tieqa li llum tidher fil-faċċata fit-tieni sular kienet oriġinarjament il-bieb prinċipali. Fuq ġewwa, s-sular t'isfel hu msaqqaf bil-ħnejjiet waqt li ta' fuq ġej sħiħ fit-tond biex ikun jiflaħ għall-piż tal-kanuni u tas-suldati.

## Il-Batterija tal-Aħrax

Din il-batterija li tmiss eżatt mat-torri min-naħa ta' quddiem inbniet fl-1715 mill-kavallier Despinasse. Hija tmiss mat-torri bil-kamra prinċipali. Mill-ġnub tal-kamra joħorġu żewġ ħitan fuq in-naħa ta' quddiem hija armata bi tmien kanuni u għandha foss quddiemha ta' sitt metri.

## Il-Batterija ta' Vendom

Din il-batterija ġiet mibnija fl-1715 fuq l-insistenza tal-Gran Prijur Philippe de Vendom. Vendom kien dak li ħallas għal dan ir-ridott sabiħ. Fil-fatt din hija l-ikbar batterija li qatt inbniet mill-kavallieri. Kienet armata b'sittax-il kanun. Fuq quddiem din il-batterija għandha 16-il lamberżuna (fetħiet għall-kanuni). Fil-kamra tan-nofs magħrufa iktar bħala l-*Block House* insibu ċumnija li x'aktarx kienet tintuża biex issaħħan il-kamra.

Nieqaf hawn u nawguralkom minn qalbi l-festa t-tajba. Viva Marija Bambina.



# The Mellieħa Chocolate Artist

By Jamie Anthony Cini

Andrew Farrugia from Mellieħa is a full time lecturer at the Institute of Tourism Studies, and he has a world-wide reputation as an extraordinary *chocolatier,* who can turn a slab of chocolate into a glorious and attractive art.



When Michelangelo worked on a block of marble or stone he chiseled off the extra pieces and ended up with his famous masterpiece. When Andrew Farrugia is given a giant block of chocolate, ice or butter he quickly gets to work to uncover the shape which lies deep within the slab and the end result is always astonishing. Andrew has sculpted away with all these materials to create a variety of shapes, sculptures and memorable items that have become world hits.

A few months ago, Andrew hit the international news in a big way – he was featured in endless TV shows, newspapers and magazines, from Belgian TV to BBC and even as far away as China and Mexico. People flocked to interview him and learn more about his amazing feats with chocolate. He was captured into the limelight by being chosen by a leading Belgian chocolate firm – Belcolade – to design, sculpt and exhibit a train made out of chocolate.

Dreams of Roald Dahl and his amazing chocolate factory come to mind and with Andrew's attention to detail, conscientious patience and craftsmanship he made it a truly impressive train which sparked and attracted everyone's attention. The train wasn't given locomotion but a piano he had built out of chocolate could be played by any pianist whose audience would be assured of sweet tunes wafting out of the *chocolatier's* piece. People gathered to see the piano and loved it.



Andrew put in a few weeks of arduous work and meticulous attention to detail for his train to be accepted and lauded as a world record. The previous record was of 15 metres, while this Maltese train was more than double at 34 metres.

The train was assembled in Malta and shipped in its entirety to Brussels where it became an immediate media hit, with a multitude of journalists thronging to get a glimpse of the train and a clip of the Maltese *chocolatier*.

Belcolade is a leading Belgian chocolate which is used extensively by the best confectioners and professional *chocolatiers* all over the world, including Malta. It gives the finished a finer better taste. I asked Mike Conway, MD Maltos Ltd, for a few comments about our own chocolate artist. He told me: "We are extremely proud to be associated with Andrew. He is truly a professional and knows his chocolate better than most people I've ever met. He is really respected abroad and is thought of as something of a legend."





Whenever Andrew exhibits abroad he is naturally proud of his work and even prouder of Malta. When he is back home he enjoys imparting his craftsmanship to his young but passionate ITS students.

At this moment Andrew is working on another Guinness World Record. He, accompanied by his loyal team, are building a scale replica of the Burj Khalifa, the tallest building on earth which is situated in Dubai. This is going to be about 50 feet tall, 5 storeys high and as he has done with the train, he is building it in Malta and then exporting it to Dubai. Finally it will be assembled in the Dubai Shopping Mall in February. We wish him the best of luck.



Farmer's Fresh Green Grocer



Fresh Fruit & Vegetables Daily

Opening Hours

| | | |
|---|---|---|
| May - September | Mon - Sat | 7.00am - 8.00pm |
| | Sunday | 8.00am - 8.00pm |
| Oct - April | Mon - Sat | 7.00am - 8.00pm |
| | Sunday | 8.00am - 1.00pm |

78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599

Free Deliveries

HB MOTORS



Vehicle Repairs & Services
Tel: 21 520429
Mob: 9986 8092

20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa

Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha

Il Bagno

We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes, starting from €7.50 per meter. We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers & fittings, water heaters, etc... Clearance sale on various bathrooms accessories like, shower cubicles, cabinets, mirrors & more...

For more information visit our showroom at
37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292





# A Letter from Australia

Sam Vella

## The Coronation Of Queen Elizabeth II 2nd June 1953, as I remember it 60 years ago



I, Sam Vella was born in Mellieħa Malta in 1938. I was almost 15 years old when Queen Elizabeth II was crowned as Queen. I remember it as if it has happened yesterday, that the Imperial Band Club of Mellieħa celebrated the Queen's Coronation in a big way. They took part in the celebration by building a float, designed by two of Mellieħa's best artists, the late George Fenech and the late Anthony Fenech together with many volunteers. I used to go and watch them assembling the float.

The float consisted of two Big Lions, a tall Column, with a Crown on top of it, together with other decorations as shown in this photo. The Imperial Band took part as well, dressed in elegant white uniforms with gold laces. That was the Band's uniform in those days.

I went to Valetta on that day of the Coronation to watch the celebrations. As I could remember, 52 band clubs from all over Malta and Gozo partecipated in the celebrations.

I was watching near the ruins of The Royal Opera House, when the Imperial Band dressed in elegant white uniform came around the corner and the big croud applauded them in a big way. I still vividly recall that someone said ' *look at this band, they are dressed like the Duke of Edinburgh'*.

For this special occasion, a National Competition was held for the best float and for the best band and our band, The Imperial Band of Mellieħa placed second.

I hope that you enjoyed reading this letter, as I enjoyed sharing it with you.

Yours Faithfully

Sam Vella
Sydney Australia.

# Marianna Stationery

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

# SANTA MARIA
## Service Station
Prop. B. & O. Farrugia

Car wash
Valeting
Internal Steam
Vulcanising & Wheel Balancing
Batteries & Car Accessories
Car Repairs & Servicing







# Kristinu Grech - Ta' Żamżam

**Paul P. Borg**

# In-Naħal, Ix-Xehda u l-Ġbir Tal-Għasel

(Taħdita miegħu l-Mellieħa, nhar id-19 ta' Jannar, 2011. Għal din il-kitba dwar l-għasel tkellimt ukoll ma' Ninu Bonanno matul is-snin kemm ilni nafu, ma' Karmnu Vella, Ċisju Camilleri u Pankrazju Camilleri f'Mejju tal-2006, u ma' Charlie Psaila nhar id-29 ta' Lulju 2011)

## Il-Malti u l-Għasel

Minn dejjem ridt inkun naf sewwa kif il-bniedem jirnexxilu jlaqqat dawk il-fliexken kollha għasel magħmul min-naħla bieżla. Min jaf kemm konna nieklu u nomogħdu biċċiet ta' *xehda* kollha għasel li kien iġib Anġlu taz-zija Lonza lil nannti Ġużeppa! U min jaf kemm naħal konna naraw jirgħu u jħufu fuq sagħtar fix-xagħri miftuħin!

Kristinu ta' Żamzam hu Mellieħi li qatta' ħajtu kollha jieħu ħsieb in-naħal jirgħa fuq ix-xagħri u kellimtu l-aktar biex insir naf mingħandu din is-sengħa qadima li l-bniedem ilu jaf minn *żmien żemżem*. Kont tkellimt ma' ħafna bdiewa dwar dan kollu, kemm minn Ħal Safi, minn Għajn Tuffieħa, miż-Żebbiegħ, mill-Imġarr u anki minn Għawdex u kollha qaluli bejn wieħed u ieħor l-istess ħwejjeġ. Mill-Imġarr kellimt lil Karmnu Vella ta' Luqa, lil Ċisju Camilleri, lil Pankrazju Camilleri Tas-Saqqafija, u lil xi oħrajn. Mill-Mellieħa kellimt ukoll lil Ninu Bonanno Tan-Nezz. Mill-Mellieħa ltqajt ukoll ma' Charlie Psaila jgħidulu Ta' Żwaff.

Fil-kitba li ġejja slitt tagħrif miġbur minn għandhom ilkoll dwar ħidmiethom fl-imġiebaħ biex jieħdu l-għasel tan-naħla Maltija. Min qalli ħaġa u min oħra, imma kollha tawni tagħrif mimli dettalji mhux biss ta' dis-sengħa qadima, imma wkoll ta' kelmiet u frażijiet li llum ma jintużawx aktar. Qiegħed indaħħal dak li tkellimna dwaru kollu fl-istess kitba dwar Kristinu Ta' Żamżam mill-Mellieħa għax hu l-ixjeħ wieħed bit-tagħrif li wiret minn kemm-il ġenerazzjoni qablu. Fuq kollox kollha qaluli bis-seħer tas-sagħtar b'dik il-fjura ċkejkna vjola kollha fwieħa li ġġennen lin-naħla. Mhux ta' b'xejn artna kienet magħrufa sewwasew għal dan l-għasel! U wara kull taħdita dejjem nieqaf issummat, mistagħġeb kif aħna l-Maltin ħalqna mgħaddas fil-għasel miraklu tal-flora u l-fawna tax-xagħri, u xorta dejjem naraw kif nagħmlu u neqirduhom!

Kemm-il darba nsibu xhieda miktuba ta' nies illi żaru lil Malta matul is-sekli u sabu li l-għasel tan-naħla tagħha m'hemm ebda għasel ieħor li jħabbatha miegħu. Insibu nies bħal wieħed Hieronymus Welsch li żaru lil artna fl-1633 u li maqdar lill-Maltin u kif kienu jgħixu, sejħulna nies mhux ta' min jafdahom u li l-kavallieri kien ikollhom jagħtuna bil-frosta biex naħdmu. William Lithgow fl-1612 ma tantx kellu kliem ta' tifħir għal missirijietna, u kien jistħajjel l-ilsien Malti bħala lsien barbaru għall-aħħar. Imma kien hemm ukoll min faħħarna bis-sħiħ, u stagħġeb mhux ftit bil-ħila tal-Maltin li lanqas art suret in-nies bil-ħamrija ma kellhom, faħħarhom għall-mirakli li jagħmlu biex ikollhom ftit qamħ u ftit ikel kemm jgħaddu bih. Dan kollu juri fatt li ftit s'issa għadhom aċċettawh, li l-barranin u l-kbarat li għexu Malta u li setgħu, għaddsu rashom u ħadmu għal rashom waqt li l-bidwi u l-gabillott Malti li ma setgħux, imxew triqthom kemm jista' jkun 'il bogħod minn dawk li

setgħu. It-tnejn li huma għexu fuq l-istess art imma qatt ma kielu flimkien! Il-bniedem li għex qrib l-art u mill-art, kien imħolli għal riħu għal kollox, jara dejjem kif jista' jraqqa' l-eżistenza tiegħu minn dak li jibgħat Alla u minn dak li tfaċċa mill-art jew mill-bhejjem jew mill-ħlejjaq li wżaw ukoll din l-art.

Minkejja l-insistenza ta' xi wħud anki llum stess li jiċħdu l-eżistenza tal-qasma bejn il-klassijiet fuq din ir-roqgħa art, nies li tkellimna magħhom matul is-snin kollha ddikjaraw il-faqar, l-injuranza, il-ġuħ u l-għaks kbir li kien hawn f'pajjiżna għal klassi ta' nies. Il-klassi għolja kienet klassi kolta, mgħallma sewwa, u ma batietx ġuħ u għaks. Il-bidwi u r-raħħal għexu f'taqbida kontinwa biex dejjem isibu x'jieklu. Wieħed jistenna li xi darba jitwieġbu mistoqsijiet bħal ngħidu aħna, x'żamm lill-klassi għolja u istruwita, kolta u komda, milli tgħin biex titbiddel il-qagħda tal-batut? U jekk kien hemm min għen, sa fejn kienet twassal l-għajnuna tiegħu? Kif kien iqis din l-għajnuna dak il-fqir? Għaliex strutturi edukattivi għal kulħadd damu sekli sħaħ ma nbnew f'Malta meta f'pajjiżi oħrajn kienu ilhom sekli sħaħ u popli barranin kienu mxew sewwa 'l quddiem f'kull qasam? Liema parti kellha l-Knisja f'dan kollu? Għaliex barranin li żaruna għajruna ħżiena u mhux ta' min jafdana? Għaliex din il-qasma bejn il-klassi ta' dawk mgħallma, kolti u għonja u bejn il-bqija bla skola, injuranti u foqra kienet rappreżentata bl-ilsien li kienu jitħaddtu bih u li fuq kollox kellu jkun l-ilsien tal-injurant bħala l-għelm ewlieni tal-identità tagħhom? Għaliex il-fqir u l-batut biss tkellmu bil-Malti? Għaliex għad hemm fdal ta' sens ta' nuqqas saħansitra sal-lum dwar min ileħħen il-ħsejjes djalettali waqt it-taħdit? Għaliex faħħrulna l-ħidma tagħna fir-raba' fqir tagħna? Għaliex f'dan il-qafas ta' ħajja għal sekli fittxew lil artna u lil niesna xorta waħda biex jieħdu l-frott bħalma hu l-larinġ Malti u biex jieħdu l-għasel Malti?

Dawn u tant u tant oħrajn huma mistoqsijiet li wieħed jista' jarahom 'il bogħod mill-ħtieġa ta' analiżi soċjali xierqa. Imma wieħed irid janalizzahom bil-kwiet biex ikollu tagħrif oġġettiv fuq Malta matul is-sekli. Dan hu tagħrif li ta' min jifhmu u jiżnu tajjeb għaliex hu f'dan il-kuntest li jinftiehem sabiħ it-tifħir li jingħata lill-bidwi jew raħħal qadim li kien tgħallem u pperfezzjona l-modi tiegħu biex jaħżen kulma jagħtih il-ħolqien, fuq kollox l-għasel. Jekk il-kliem ta' tifħir ma ġiex dejjem għall-Maltin, il-kliem ta' tifħir għall-ħidma tagħhom u għal dak kollu li ħadu mill-ħolqien bħalma kien l-għasel tal-art tagħhom, ma naqas qatt. Barranin faħħruna jew maqdruna għax beżlin jew għax lura jew għax rasna iebsa jew għal raġunijiet oħrajn.

U hawn u f'dan is-sens jinftiehem aħjar xogħol il-bidwi u xogħol min irabbi naħal, nagħaġ u l-bqija: il-ħila tagħna bħala nies marbutin mal-art li nifhmuha tajjeb, inqimuha u ngħixu minn dak kollu li tagħtina hi u l-bqija tal-ħolqien naturali. Fuq kollox juri l-armonija tal-għaġeb li kienet teżisti bejn il-bniedem u l-ħolqien fl-ambjent fiżiku tiegħu, bejn il-bniedem u l-ambjent naturali madwaru.

F'dan is-sens ukoll il-ħidma flimkien tal-bniedem u tan-naħla kien wieħed mill-aktar importanti u meqjus ta' ħtieġa għal dawn il-blatiet f'nofs il-baħar Mediterran. Saħansitra l-isem Malta stess ilu jfakkar f'għasel in-naħla sa minn żmien ir-Rumani. U madwar Malta għadna sal-lum insibu mġiebaħ li juru kemm kull bniedem li għex Malta gawda minn dan frott in-naħla. Lejn ix-Xemxija, u lejn il-Mellieħa, lejn San Pawl il-Baħar hemm miġbħa qodma mijiet u mijiet ta' snin, u madwar Malta kollha nsibu lokalitajiet imsemmijin għall-għasel jew għan-naħla, Wied il-Għasel, in-Naħħalija lil hemm minn Għajn Tuffieħa u l-bqija. Dawn kollha huma tifkira ta' kemm niesna kienu jagħtu importanza lil din is-sengħa.

Din l-attività turi wkoll kemm l-abitanti ta' dawn il-Gżejjer kienu minn kmieni f'ħajjithom sabu tarf is-sigrieti tal-ambjent madwarhom, turi kif tgħallmu jisiltu l-ħajja u s-saħħa mill-art niexfa u salvaġġa ta' fuq ix-xagħri kollha blat salvaġġ u jniggeż u xtieli kollha ward ċkejken, kollha xemx qalila u xita tlanġas bla ħniena, u riħ isfel idellek u majjistral kiesaħ u feroċi.

Fuq kollox il-kisba tal-għasel mix-xehda tan-naħal fil-*qolla* turi kemm il-bniedem qadim fehem minn kmieni tal-eżistenza tiegħu fuq dawn l-iskolli, is-sigrieti tan-natura u tal-ħolqien li n-natura fasslet għalina madwarna fuq din in-nitfa art.

In-naħla tgħallimna bosta ħwejjeġ, mhux biss l-organizzazzjoni u l-ħidma għalenija, lanqas il-bżulija u l-intellett għas-sopravivenza; lanqas 'il fejn jonfoħ ir-riħ jew ir-riħa ta' saram fil-qrib. Imma aktar minn jekk tgħallimna n-naħla: il-fjura ma teqridhiex, ma tkissirhiex. In-naħla tieħu biss dak il-ftit li tinħtieġ u xejn aktar. Għandniex nitgħallmu sewwa minn dan kollu aħna li nuru l-intellett tagħna kollu biex naraw il-ħin kollu kif u fejn inkissru mill-aħjar li nistgħu?

## Kristinu

"Lilek ta' min jgħidulek allura?" staqsieni Kristinu malli dħalt id-dar tiegħu.

Kristinu jitkellem bil-mod u jimxi wkoll bil-mod bl-għajnuna ta' gaġġa tal-aluminju. Imma dħuli f'bixrietu, jilqgħek b'ħarstu u bit-tbissima fuq fommu, troffa xagħar abjad tiżżerżaq sikwit fuq xbinu minkejja l-età li għandu.

"Imxi noqogħdu bilqiegħda ġewwa," qalli bla ma

tani ħin inwieġeb. "Hemm aħjar fejn noqogħdu… hemm aktar dawl mill-intrata."

Minkejja li konna ġewwa kien hemm dawl daqs li kieku għadek barra. U ntbaħt li l-kamra ta' ġewwa, aktarx li qabel setgħet kienet bitħa, kienet miksija b'saqaf tal-ħġieġ.

"Dak jien għamiltu," qalli meta rani nħares lejn is-saqaf. "Dak il-ħġieġ kollu tal-karozzi. Ġibtu minn karozzi mormijin! Ikun ħġieġ b'saħħtu dak, u ma jispiċċa qatt!"

Għall-ewwel ftit stajt nifhem għaliex Kristinu kien fettillu jagħmel il-ħġieġ saħansitra fis-saqaf. Qatt ma kont rajtha din il-biċċa. Waqt it-taħdita tagħna, madankollu, stajt nintebaħ għaliex. Ukoll waqt li qiegħed jitkellem fuq xi ħaġa oħra, ħarstu kienet sikwit tintilef 'il fuq lejn is-sema, jaraha tiddallam jew tissaħħab. U waqtiet oħra jaraha tiddawwal u jara s-sħab jiġri u jogħla. Kristinu kien irid li ħarstu mid-dehra tas-sema ma tinqata' qatt, ukoll meta xjaħ u qiegħed ġewwa ma jistax jiċċaqlaq daqskemm forsi jixtieq.

"Allura ta' min jgħidulkom lilkom?" reġa' staqsa. "Minn ta' min int?"

"Jien minn tal-*Qantara*," weġibtu. "Alla jaħfirlu missieri kien Ġużepp ta' Pawlu tal-*Qantara* minn Selmun… Issa sirt jien *Pawlu tal-Qantara*…"

Malli għidtlu dan intbaħt li issa kien aktar komdu; Kristinu kien jaf sewwa liema bniedem jew liema nies li hu ġa jaf li jrid jorbot miegħi. Bħallikieku jiena bħala jien ma kont xejn, kont barrani għal kollox; imma issa li jaf minn liema familja ġej, jien kont għandu bħala wieħed min-nies tal-*Qantara* li hu ġa jaf u allura issa ma kontx għadni l-barrani għalih, imma sirt midħla tiegħu. Lil tal-Qantara kien jafhom, kien jaf lin-nannu jew forsi kien ukoll jaf lil missieri jew lil xi ziju, jew kien sema' lil min isemmigħhom fis-sewwa.

Ftit tista' tinftiehem din il-biċċa, imma l-laqam flirħula tagħna kien ikollu dan l-effett ta' rabta soċjali li llum inqatgħet kważi għalkollox minkejja l-ħtieġa li xorta waħda jħoss il-bniedem li jorbot lil min ikun qiegħed jitkellem miegħu ma' forom soċjali ġa stabbiliti jew magħrufin. Illum il-bniedem jieħdok talli inti, ukoll jekk qatt ma rak. Irid jinbena l-pont soċjali biex ikun hemm il-komunikazzjoni xierqa. Dari s-seħer u l-ħtieġa tal-laqam kien biex jinfirex mill-ewwel u bla telf ta' żmien il-kuntatt soċjali bejn il-bnedmin li jkollhom bżonn jikkumnikaw flimkien.

"U inti kemm għandek żmien Kristinu?" staqsejtu. U wieġeb kif soltu nwieġbu bil-Malti.

"Daqs ħarruba għandi!" qalli bi tbissima.

Karmnu raġel ta' tmenin sena, jgħidulu *Ta' Żamżam*, ommu kienet minn *Taz-Zekkin*. Zikkin kienu flus ta' dari, qalli Karmnu bi tbissima. Imma mhux għax huma kienu tal-flus!

"Skola mort," qalli bi tbissima, "imma xorta kien ikolli papoċċa waħda biss għax l-oħra kienet tkun fil-but ħalli sservi aktar! U ħa ngħidlek, kif kienet Malta kienet id-dinja kollha."

Missier Kristinu kien bidwi, jaqla x'jiekol mhux billi jaħdem ir-raba' tiegħu biss, imma billi wkoll jaħdem lil ħaddieħor li kien iqabbdu jgħinu matul is-sena. Missieru kien jaħdem lejn l-Aħrax, lejn Għajn Tuffieħa jew 'il fejn iqabbduh jaħdem bdiewa oħrajn.

"Aħna kellna r-raba' lejn ix-Xifer, kien hemm *plier*… minnu lil hawn, lejn ix-Xifer kien tagħna kollu, taħt il-furtizza Campbell. Kien hemm xatba konna ngħidulha x-xatba taz-Zekkin."

Dak il-waqt ġiet quddiem għajnejja praspura li kien jirrakkonta missieri Ġużepp meta fi tfulitu kien ma' sħabu jirgħa l-merħla u kien fettillu jrid italla' mogħża jew nagħġa fuq il-*plier*! Il-plier kien bħal binja wieqfa b'fuq nett ġebla mdaqqsa b'toqba kbira fejn kienet iddur ix-xatba tal-injam. Ix-xatba kienet tkun dari tagħti għal oqsma ta' raba' jew għal xi razzett, u kienet tkun magħluqa biss b'firroll tal-ħadid li jista' jinfetaħ xħin wieħed irid. Imma kien hemm ftehim ta' etika u ta' rispett bejn il-gabillotti illi ħadd ma jista' jaqbad u jiftaħ xatba jew bieba bla permess ta' sidha. Li taqbad u mqar iġġerri l-firroll mingħajr il-kunsens tas-sid kien ifisser skass daqslikieku dħalt tisraq.

## Malta Qadima

"Jiena hawn il-Mellieħa għixt, u fi ċkunitna lanqas dawl ma kien hawn. Konna kullimkien lampi tal-pitrolju jew bix-xema'. Imma fi żmien Boffa, f'xi l-1958 jew hekk, ġabulna d-dawl imbagħad. Kien prim ministru hu. Qabel meta jidlam… aħna konna erba' aħwa… imma kien jiġi billejl meta jibda jidlam wieħed bis-sellum u bil-pitrolju u jixgħel il-fanali. Kien ikun hawn qisu wieħed f'kull kantuniera…

"Lanqas dranaġġ ma kien hawn meta kont tifel jien hawn il-Mellieħa. Kien jiġi wieħed bit-tank fuq it-trakk. Qabel kien ikun hawn wieħed bil-bagħal u kien ikollu bettijja fuq il-karettun. Jiena trakk bit-tank niftakar… kien jiġi kuljum kull filgħodu tafx u kulħadd inewwillu min il-barmil u min is-*slopp*. Niftakar lil wieħed jismu Kola kien jiġi u jieqaf kull passejn u jbattal kull filgħodu."

Id-drenaġġ, mhux fil-Mellieħa biss imma madwar Malta kollha, kien dam ma daħal sewwa. Mas-snin il-karettuni jew it-trakkijiet għaddejjin kull filgħodu bir-raġel fuqhom miskin ibattal il-bramel tal-jum ta' qabel, ma dehrux aktar. Ftit ftit l-ewwel bdew deħlin il-fosos imħaffrin fid-djar privati għand dawk li kienu jkunu jistgħu, u wara

bdew il-fosos pubbliċi, fossa kull tant toroq biex kulħadd ibattal fiha matul il-jum. Il-fossa kienet titbattal darba fil-ġimgħa jew kull meta kien ikun hemm bżonn. Li jfisser li ma kinitx dehra rari tara lil nies għaddejjin sejrin ibattlu s-slopp wara l-lejl jew ukoll matul il-jum. Wieħed ħabib tiegħi qalli li kienet dehra ta' kull jum tara lin-nies sejrin il-quddies kmieni kmieni lebsin għonnella u bis-slopp f'idejhom u jħalluh ħdejn il-fossa biex ibattluh qabel il-quddies. Huma u telgħin lura d-dar jgħaddu jieħdu s-slopp tagħhom minn qalb ħafna oħrajn li jkunu qiegħdin fejn il-fossa. Ma nafx kien ikun il-lok fejn wieħed jieqaf jgħid kelma…

Huma dehriet li nqatgħu minn Malta ilhom issa snin twal. Imma tajjeb li wieħed ikun jaf bihom sewwa u jkun jaf kif kienu jgħixu ta' qabilna ħalli nkunu aktar nistgħu napprezzaw fejn wasalna. Mhux biss, imma dan it-tagħrif ikun utli biex wieħed jista' jifhem l-għax u l-għaliex pajjiżna kien jgħaddi minn ċertu mard minn żmien għal żmien.

"Laqqas ilma ma kellna aħna, imma niftakar l-għajn u fl-aħħar kellna l-vit id-dar imma," qalli Kristinu. "Rużarju kuljum, fix-xitwa ġewwa madwar il-lampa tal-pitrolju u fis-sajf barra… kien ikun hemm xi wieħed jgħajjat ftit u kulħadd jgħidu miegħu barra… imma r-rużarju kuljum ma jaqta' xejn dak! Imbagħad iparlaw naqra fuq l-inkwiet li jinqala'. Indabbru rasna lil hemm imbagħad…

"Jiena kont naħdem ma' missieri fir-raba' wkoll," kien qiegħed jgħidli. "Dari kulħadd kien jaħdem ma' missieru fir-raba'. Jiena qbadt ma' wieħed kuntrattur jgħidulu l-*Gażżu* u mbagħad mort mal-Ingliżi Għajn Tuffieħa, mal-*commandoes* kienu jgħidulhom. Kont inkun *mess cleaner* jien, u mbagħad mort naħdem ukoll l-i*stores*, jew niżbgħu jew li jqabbduk insomma."

## Il-*Miġbħa* (il-*Mixbħa*)

Kien wasal il-waqt li nitkellmu dwar l-għasel u n-naħal. Kristinu beda biex qalli li missieru kien daħħalhom fil-biċċa meta kienu għadhom żgħar. Mhux biss imma kienet sengħa li l-missier daħħal fiha lill-bqija tal-familja u għamel din l-attività bħala waħda ta' kulħadd bħallikieku qishom huma stess qolla mimlija enerġija u mimlija bżulija.

"L-ewwel kien ikollna l-*qolla*," qalli Kristinu. "Il-qolla kienet tkun qisha važun kbir jew ġarra dejqa tal-fuħħar fl-imgħoddi, iżda llum saru jagħmluha tal-injam biex tkun tiflaħ aktar għall-meltemp u saħansitra anki għas-silġ. Din il-qolla kienet titqiegħed qrib l-art fejn irid jirgħa n-naħal, jiġifieri li trid tkun qiegħda xi mkien qrib ix-xagħri miftuħin fejn in-naħal jista' jsib l-ikel tiegħu."

Il-qolla kienet titqiegħed xi mkien għall-kenn, ngħidu aħna f'xi għar, jew inkella kienu jpaspru huma stess xi għamla ta' kenn tas-sejjieħ ħalli jitqegħdu l-qolliet fihom. L-aħjar għerien huma dawk li jħarsu lejn nofsinhar u jitkennu mill-majjistral. Miġbħa tkun bħal għeluq bil-ġebel fejn titqiegħed il-qolla. Skont kemm tkun kbira l-*miġbħa*, jistgħu jitqegħdu qolliet, tnejn, għaxra, tletin, jew kemm ikun hemm bżonn.

"Minn Busewdien sal-Wardija naf b'mill-inqas tmien imxiebaħ kbar," qalli Karmenu ta' Luqa mill-Imġarr. "Il-miġbħa kienet tkunu kamra tas-sejjieħ b'armarju ġewwa li fihom iqiegħdu l-qolla… kull waħda kienet tieħu anki sa mitt qolla. Dawn l-imxiebaħ kienu jkunu baxxi, m'għola bniedem jew inqas. Hawn minnhom imsaqqfin bix-xriek, oħrajn bil-ħnejjiet, ħnejja wara ħnejja aħna ngħidulu *tordebomb* saqaf bi ħnejja wara ħnejja… kamra baxxa… wiesa' qisu tmien piedi u xi ħamsin sittin pied u magħluqa u kien ikun hemm nifs, toqob in-naħa l-oħra tal-bieb. Il-bieb ikun jingħalaq normali. Imbagħad kien ikun hemm toqob in-naħa tax-xemx, kollha lejn nofsinhar. Dawn it-toqob ikunu xi nofs pulzier minn barra għal ġewwa biex tgħaddi n-naħla minnhom. Quddiem il-qolla kien ikun hemm bħala kenn. Li naf jien ma kienx ikollhom siġar bħala kenn, imma xi ħajt biex jilqagħlhom anki mill-ġenb.

"Kienet tkun mibnija tħares lejn ix-xagħra għax in-naħal ikun irid jiekol… silla, fjuri, sagħtar… Hawn imxiebaħ ikunu fl-għerien, jagħlqulu quddiem l-għar… anzi biex ma jaħlux il-ġebel kienu jaqtgħu mill-blat stess u jibnulu quddiem. Imma dejjem lejn ix-xemx u fil-kenn tal-majjistral u tar-riħ fuq.

## Il-qolla

"Issa minn ġewwa kien ikun hemm armarju tal-ġebel stess, bix-xriek fejn isserraħ il-qolla. Il-qolla kienet tal-fuħħar, speċi ta' ġarra min-naħa miftuħa kollha u mill-oħra miftuħa *żennuna*, tagħlaq għal tliet pulzieri. Imbagħad dawk it-tliet pulzieri tagħmilhom faċċata fejn dik it-toqba ta' nofs pulzier fil-mixbħa, u tkun miftuħa n-naħa ta' wara minn fejn inti tkun tista' tidħol taħdem.

"Imbagħad il-ferħ tan-naħal jew issibu barra, imma ġew li daħlu waħidhom għax ixommu li kien hemm in-naħal u jidħlu ġol-qolla u jabita hemmhekk. Meta l-qolla timtela jkollok *iż-żjidiet*. Kull armarju tnejn tnejn. Iż-żjieda kienet tkun qisha qolla tal-fuħħar ukoll tidħol fuq wara tal-qolla. Tkun miftuħa mill-ġiex naħat u bla żennuna. Jekk in-naħal ma jkollux fejn iżid fil-qolla fejn beda jaħdem, aktarx jaħrablek. Iż-żjieda ntuhielu qisu fl-ewwel ta' Frar, iżżidlu l-qolla biex ikollu fejn jaħdem u mbagħad intuħ oħra qisu għal nofs April u jekk tkun sena tajba u jkun hawn x'jiekol in-naħal, jibqa' jżid iżid. Ġieli anki wasal sa tlieta jew erba' żjidiet. Imbagħad ittih nofs żjieda, qisu ċirku jkun… għalli jista' jkun…

U fil-każ tal-kaxxi jibdew b'kaxxa bħala miġbaħ u jibdew iżidulu l-għoli…

## *Ferħ* li *Jofroħ*, jew *fergħ* li *jofrogħ*

"Mela biex tibda trabbi n-naħal," qalli bil-lajma Kristinu, "tista' jew issibu l-*ferħ* tan-naħal… ikun imdendel ma' xi siġra jew ma' xewka jew ma' sagħtra… ma tistax tgħid ma xiex ikun… ikun gozz, hekk, naħal ikun kollu fuq xulxin ikun… imbagħad tagħmel il-ġarra maġenbu u xi mkien ikun irid imur hu! U jkun irid jidħol ġewwa. Dak ikun inqata' biċċa minn ma' ommu, aħna ngħidulu *jofroħ*, allura hu jkun irid isib dar ġdida u jrid jidħol xi mkien."

Dan ifisser li waqt il-ħajja bieżla tan-naħal madwar ir-reġina tagħhom, xi wħud minnhom donnhom jikkonfoffaw bejniethom, isibu reġina oħra u jinxteħtu magħha u jkollhom jitilqu lil hemm isibu darhom! Kull ferħ irid ikollu reġina waħda biss u hi biss tbid il-bajd.

"In-naħal *jofrogħ* għal Marzu, April," qalli Ninu. Ninu Bonanno tan-Nezz, hu Mellieħi ħabib kbir tiegħi li laqqagħni ma' Kristinu. "Għax ix-xagħri jibdew ikunu kollha ward u mimlijin *pollen* u *nectar*. Meta ngħidu jofrogħ iġifieri jkun hemm xi żewġ jew tlitt irġejjen u jitilqu u jieħdu magħhom għad ta' naħal biex jibdew ħidma għal rashom. Jivjaġġaw fit-tul tafx! Min jaf sa fejn jaslu biex isibu fejn joqogħdu!"

Ninu jħobbu wisq l-ambjent naturali, u jifhem ukoll kemm kliem ta' għerf missirijietna ntilef f'kull qasam tal-ħajja marbuta man-natura u mistrieħa magħha. Semmieli dan l-aħħar li kien jisma' lil missieru jgħid li nannuh Pawlu kien ikun jaf bla ma jfallilu l-ħin billejl billi jħares lejn fejn tkun waslet it-*trajja,* għadd ta' kwiekeb forma ta' vjolin, waqt li Vanew ix-xiħ li kien mill-Miżieb, il-Manikata, u li wara mar jgħix Kemmuna, ma kienx ifallilu ħames minuti meta jgħid il-ħin skont il-qagħda tax-xemx.

"Meta ssib ferħ," qalli Karmenu, "ikun fejn jiftillu dak! U ddaħħlu lejn il-kaxxa… qabda naħal u jkollu r-reġina u jkun xeba' mal-oħrajn. Imma jkun ix-xiħ li telaq u mhux ix-xiħ li baqa' hemm. Ir-raġuni ttik li telaq iż-żgħir, imma jkun ix-xiħ li telaq! Tgħid x'tgħid, il-Maltin nibqgħu ngħidulu ferħ naħal! Bl-Ingliż jgħidulu kolonja, jew *swarm* fil-fatt. Ikun hemm reġina li taf lin-naħal u meta jikbru tippreparalu reġina oħra ħalli jibdew jieħdu ħsieb huma."

Meta r-reġina tkun għadha żagħżugħa n-naħal ma jofrogħx imma meta tixjieħ u ma tbidx bajd biżżejjed jintebaħ li m'għadhiex tajba u jkun irid ibiddilha. Allura jibda jaħseb biex ikollu reġina ġdida. Aktarx, mela, li l-ewwel ferħ li jitlaq mill-qolla, ikollu miegħu lir-reġina x-xiħa li titkeċċa 'l barra u magħha tieħu għadd ta' naħal biex tibda taħdem f'qolla ġdida xi mkien ieħor. Il-fergħ irid dejjem jara li miegħu għandu r-reġina.

"Fil-qolla dejjem ikun hemm reġina għadha mhix mifsuqa," qalli Charlie. "In-naħal idur magħha biex dejjem jipproteġiha minn xi reġina oħra. Meta tufsoq ikun il-waqt li titlaq hi fil-ferħ magħha. In-naħal ikun jaf għalxiex dieħel meta jofrogħ, għaliex qabel jitlaq jitkebbeb sewwa u jimtela sewwa bil-għasel ħalli malli jasal ikollu biżżejjed ħalli jibda jaħdem ix-xehda f'xi qolla ġdida.

"Imma meta nkun naf liema hi r-reġina t-tajba, nimmarkaha fuq darha b'qatra ċkejkna ta' żebgħa, dabra ċkejkna ħalli nkun nista' nagħrafha meta tmur ma' xi ferħ 'il quddiem. Kull sena jkolli lewn differenti… nuża l-abjad dis-sena u 'l quddiem inkun naf meta kienet ġdida r-reġina.

"Naqtalha wkoll biċċa ġewnaħ ħalli ma ġewwa tkun tista' tmur fejn trid… ir-reġina qatt ma toħroġ. Imma dejjem ġewwa tbid. Iżda meta tofrogħ malli tixjieħ, ma tkunx tista' ttir sewwa u taqa' mill-ewwel fejn il-qolla. X'jiġri allura? Il-ferħ jerġa' jidħol u jieħu miegħu reġina ġdida. Jiena nsib lill-qadima u nara mbagħad x'nagħmel biha mbagħad.

"Malli jkolli l-ferħ ġdid nara liema hi r-reġina l-qadima u nneħħiha, jekk tkun għadha hemm. Malli l-ferħ jofrogħ nara b'attenzjoni kbira liema reġina bdiet tbid. Dik li tkun bdiet tbid tkun il-qadima għax l-oħra la aktar żagħżugħa jkun fadlilha ftit oħra qabel tbid. Ir-reġina tieħu erbatax-il jum minn meta tufsoq qabel tista' tibda tbid… sakemm tikber, timmatura, tieħu ftit saħħitha, titgħammar…"

Ikun liema naħal ikun li jitlaq jew li jibqa', il-fatt hu li għadd ta' naħal bir-reġina miegħu jrid issa jibda familja ġdida. Ma' kull ferħ li joħroġ jista'jkun hemm aktar minn reġina waħda biex jekk xi waħda tinstaram, ikun hemm l-oħrajn. Naħal ikun hemm ħafna; jekk tmut xi waħda ma jkun ġara xejn li jxekkel il-ħidma tal-ferħ. Iżda r-reġina hi importanti bil-bosta għax jekk ikun hemm waħda u tmut hi, il-ferħ jispiċċa fix-xejn. Malli jaslu u jsibu xi post tajjeb biex ikunilhom qolla, u jkun hemm xi toqba mnejn jgħaddu, in-naħal jibdew il-ħidma tagħhom mill-ewwel u bla telf ta' żmien. Imma jibda wkoll il-gwaj! Għax ma jistax ikun hemm aktar minn reġina waħda ma' kull ferħ. Allura ssir ġlieda u min jirbaħ isaltan u l-oħra tmut!

"Meta dan il-ferħ il-ġdid jidħol kollu fil-qolla," qalli Ninu, "tagħlqu u tagħmillu njama jew ġebla biex ma joħroġx għax hu hekk ikun irid u tagħmillu toqba biss biex ikun jista' joħroġ meta jrid imma… Imbagħad tieħdu fejn trid… u jista' jkollok aktar minn qolla waħda mbagħad… tlieta jew erbgħa jew kemm trid."

"Jien naf li min jaqbad u jaqsam lin-naħal hu flok iħallih waħdu," kien qiegħed jgħidli Karmenu.

"Aħna ngħidulu *xxettel* il-ferħ u jkompli jaħdem bħal qabel imma jkun hemm ġiext iqliel."

"In-naħal hu dejjem l-istess naħal, imma n-naħla jkollha fażijiet differenti. L-ewwel tibda tnaddaf il-kaxxa jew il-qolla, imbagħad xħin tikber iżjed tieħu ħsieb il-kaxxa, imbagħad xħin tikber iżjed tispiċċa ġġib il-*pollen* u hemm tmut. L-istess sistema li kienu jgħidu l-antiki.

"Tkun qolla antika... dak ikollu *ż-żiftur*, jew *żiftar*, jgħidulu *propolis* għandikun bl-Ingliż... u fix-xemx... iż-żiftur hu dak li jkaħħalha bejn qolla u oħra u jissiġillaha, ikun materjal stess tiegħu, qisu qatran tat-toroq! U xħin din il-qolla antika tħalliha fix-xemx tagħmel ċertu riħa u l-ferħ li jkun għaddej ixommha u jmur lejha u jidħollok fiha u jibda hemm. U tkun attent biex jekk tarah taqbad tieħdu fil-qolla tiegħek. Għax hu anki ma' ħajt jeħel... u dejjem għal għajn ix-xemx."

Skont Charlie taż-Żwaff, meta l-pjanti tax-xagħri tagħna jkunu għadhom bil-blanzun għadu jrid jiftaħ fi fjura, ikollu fuqu sustanza biex ma tintmessx mill-insetti ħalli ma tinqeridx. Il-blanzun tari inkella jittiekel mill-insetti. Imma n-naħla għandha ħabta tieħu minn din is-sustanza bla ma tagħmel ħsara lil blanzun u tużaha biex taħdem dan iż-żiftur iswed. Bih in-naħla tkaħħal sewwa x-xquq li jkun hemm fil-kaxxa. Tużah ukoll biex tissiġilla jew tiftaħ bħal ventilaturi ħalli trewwaħ il-qolla. Din il-ventilazzjoni n-naħla toħloqha anki biċ-ċaqliq ta' ġwenħajha.

Iż-żiftur ikun sustanza twaħħal qisha kolla u jekk tħollha fl-alkoħol tipproduċi qtar tajjeb ferm jekk wieħed jieħdu meta jkollu gerżumtu tuġgħu.

## Ix-Xehda

"Ix-xehda jaħdem kollox fiha hu, in-naħal..." qalli Karmenu. "Ix-xehda tal-kaxxi tkun artifiċjali jew inkella jżidha hu, imma tal-qolla kollox in-naħal jagħmel... jibda jagħmel ix-xehda, u jekk ikun bikri, jibda *jimla* mill-ewwel. Fix-xitwa jkun rieqed in-naħal, ma jaħdem xejn. Imma meta tibda riesqa r-rebbiegħa, taf inti n-natura, jibda jaħdem mill-ewwel, jibda jarma u jibda jimla... u dejjem toqgħod attent għal xi ferħ biex jekk jaħrablek xi wieħed tkun pront tagħmillu l-qolla tiegħu.

"Malli jidħol fil-qolla l-ġdida jibda jagħmel ix-xema'. Ix-xehda! F'nofstanhar jagħmel xehda daqs idi! Ix-xema' tinħadem bl-għasel li tiekol in-naħla, kemm hu hekk, għal kull xi erbatax-il kilo għasel li tiekol, tagħmel, tibni kilo xehda. Ma jkunx hemm miljun ta' naħal! Minn jaf kemm ikun hemm! Ġieli qolla mliha.

"Ikollok ċappa naħal. Imbagħad jibda jagħmillek *qażwet*, iġifieri l-ferħ daqs qanfud kien fih! Hekk konna ngħidu. Għax il-qanfud issibu kobba u n-naħal issibu kobba l-istess ħaġa. Għax hi... jkun forogħ u mbagħad tispiċċa... aktarx li dik is-sena l-qolla *għakset* ħafna għax ħarbulha ħafna naħal u aktarx li tmutlek...tibqa' sejra lura u tmutlek.

"Fix-xehda tibda l-produzzjoni, ġot-toqob tax-xehda jbidu l-bajd għad-duqqajs, tkun ċertu parti tax-xeħda, parti oħra għall-għasel... Hawn min jgħid li ddum xahar u nofs, min jgħid tliet xhur... imma jien qatt ma rajt gzuz ta' naħal mejjet... imutu ftit ftit għaxra qodma u jitilgħu għoxrin ġodda imma ma tarahomx.

"Mill-mergħa jiġi bil-*pollen* ma' saqajh u l-*meraq tal-warda* jgħidulu, u jkun f'post merfugħ sewwa fin-naħla. L-għasel prinċipalment hu ikel għad-duqqajsa. U għan-naħal ukoll matul ix-xitwa. U aħna noħduhulha, aktarx għal Sant'Anna, għas-sitta u għoxrin ta' Lulju. Voldieri jikkalkulaw meta jaqtgħuh, għax wara jibda jiekol minnu hu stess. In-naħal irid jgħix. Issibu jgħix u jaħdem anki fis-sajf, imma mhux daqs ir-rebbiegħa, minn Marzu... hekk ir-rebbiegħa... fi żmien il-ward. U f'Ġunju jkun hawn is-sagħtar...

"U ħaġ'oħra, meta jkun fil-qolla x-*xehed* taqtgħu, inti u taqtgħu tkun tista' tinnota xi żmien ikun ħa minnu. Hekk, fi żmien is-silla jkun magħmul iktar *ratbi* u iktar kulur ħamrani, u l-għasel joħroġ samrani, iswed, u meta taqta' x-xehed tas-sagħtar joħroġ deheb hux, anki x-xema' tkun safranija ħafna. Kull perjodu jkun jidher minn fejn ikun qed jirgħa.

"Issa jidher li tal-kaxxi jaqtgħu fil-perjodu li jkun, tal-ħarrub għalih, ta' żmien is-silla għalih u dejjem joħduhulu. U t-togħma tal-għasel tkun tvarja... ta' żmien is-sagħtar tkun fina iżjed. Tas-silla tkun togħma oħra. U ddubbajt ftit m'għand Salvu minn Kemmuna dis-sena, u itjeb żgur t'hemmhekk!"

## Organizzazzjoni Soċjali

"Għar-rebbiegħa jibda x-xogħol il-kbir," komplieli Kristinu. "In-naħal jikber u jibda jagħmel ix-*xehda* u hu stess jagħmilha ġewwa u mhux barra għax inkella tinħall bix-xemx, hux. Hu stess jibniha u jagħmilhom issetjati hekk waħda wara l-oħra fil-qolla.

"Meta jasal il-waqt hu jbid fihom dawk, u meta jasal il-waqt tal-għasel jibda jieħu minn fuq il-fjuri, jibda mill-ġarġir u mill-fidloqqom... is-sagħtar iħallih għall-aħħar għal Ġunju... imma qabel ikollu l-kappar, il-berwil... il-fjuri kollha tax-xagħri jdurhom. Hu anki fuq l-għansar jirgħa aktar tard... u fuq is-silla... il-fjuri li jsib kollha jirgħa fuqhom."

In-naħla ma tibqax biss fuq il-fjuri tax-xagħri, imma donnha l-ward li naraw biex iżejnu u jfewħu 'l djarna xejn mhuma għal qalbhom, għax ma jħobbx iddur fuqhom. In-naħla tirgħa wkoll fuq ir-ranċiż,

fuq il-pepprin kollu, fuq il-ħarrub, fuq il-lewż, fuq il-ħannewija u fuq xi oħrajn.

"Għasel tas-sagħtar ikun għax il-fidloqqom u l-ġarġir jispiċċa kollu u jibda s-sagħtar u jkun l-aħjar għasel dak. Hu l-aħjar ikun. Meta jispiċċaw il-fjuri kollha jibqa' s-sagħtar u jibqa' jirgħa fuqu biss."

Fid-dinja hemm naħal li hu daqs nitfa, żewġ millimetri kollox, u hemm oħrajn jikbru daqs 4 ċentimetri. Il-ħidma soċjali hi bbażata kemm fuq ħidma kollettiva, trobbija u tkabbir tal-familja, kif ukoll fid-difiża. In-naħal għandu s-saħħa tat-tingiża qawwija tiegħu, u kapaċi jdawru lill-għadu li ried jagħmlilhom ħsara, jagħlquh qaqoċċa u bis-sħana kbira li jiġġeneraw biċ-ċaqliq tagħhom, joqtluh. Kristinu fehemni li hemm tliet kwalitajiet prinċipali ta' naħal fl-istess ferħ.

Hemm in-naħla fattiga, jew in-*ners* li dejjem ġewwa, u hemm naħla ħaddiema li dejjem tittajjar fuq ix-xagħri. L-ewwel waħda ma toħroġ qatt u ddur ġewwa tnaddaf u tindokra u żżoqq lin-naħal iż-żgħir jew lid-duqqajs, għadu lanqas sura ta' naħla ttir ma għandu, għadu dud mkebbeb ġol-fosdqa fiċ-ċella li biditu fiha r-reġina. Meta d-duqqajs isir naħal bil-ġwienaħ, ikun għadu ferħ, u ma joħroġx barra. Isir ftit ftit hu stess naħla ners. Din in-naħla ta' ġewwa, tagħmel l-għasel, bħallikieku kienet qed trabbi lill-frieħ hi, tagħmel ix-xogħol ta' fattiga u tibqa' ġewwa sakemm jgħaddu tliet ġimgħat sħaħ tagħmel dan ix-xogħol. Il-ferħ jikber u jiżviluppa sewwa bħala naħla għal tliet ġimgħat sħaħ u ma joħroġ barra qatt għax ikollu xogħol ġewwa xi jwettaq.

"Bl-ikel li jkun ħa mill-fjura, in-naħal ħaddiem imur jagħlef lill-frieħ li jkun in-naħal għadu żgħir fil-fosdqa tiegħu. Imma l-għalf isaffih in-naħal li jkun hemm ġewwa, ineħħilu l-ilma minn ġo fih u jsir għasel. In-naħal li jkun fuq ix-xagħri jkollu l-*pollen* ma' saqajh u l-ikel mill-fjuri, ikollu n-nektar u jdaħħlu kollu ġewwa fil-qolla. Imbagħad ikun xogħol in-naħla l-oħra li tagħmel ix-xogħol fil-qolla ħalli dak li ġab in-naħal ħaddiem jinbidel f'ikel għan-naħal li jkun għadu qisu dud żgħir."

"In-naħal ta' ġewwa jieħu l-ikel biex iżoqq liż-żgħar u jżoqq ukoll lir-reġina, għax ir-reġina ma tikolx waħidha. Mela n-naħal ħaddiem idaħħal il-*pollen* u l-ħelu mill-fjuri, ikun qisu fi xkora taħt żaqqha, imbagħad jieħduh in-naħal ners biex isaffuh u jaħdmuh ħalli jżoqqu bih lid-duqqajs u jżoqqu wkoll lir-reġina. L-għasel in-naħal ners jagħmluh.

"Meta jgħaddu tliet ġimgħat in-naħla ners issir naħla ħaddiema u n-naħla ħaddiema tmut għax tkun ilha taħdem matul rebbiegħa sħiħa. Jiġifieri d-duqqajs issir naħla ners jieħu ħsieb iż-żgħar u jagħmel l-għasel, in-naħla ners issir naħla ħaddiema tiġri lil hemm u lil hawn tfittex l-ikel, imbagħad tmut."

## Ir-Reġina u d-Duqqajs

"In-naħal kollu jiġi mir-reġina, kollu kemm hu! Kollu hi tbidu!" qalli Kristinu. Ġieli jkun hemm xi darba reġina mhix tajba u ma tirrokka u n-naħal imbagħad jibda jbid hu stess. Għax propjament in-naħla hi dejjem mara. In-ners u n-naħla ħaddiema huma kollha nisa u kollha jistgħu jbidu. Imma jekk ma jkunx hemm reġina n-naħal stess jibda jbid hu, imma n-naħal li joħroġ ma jkunx tajjeb u l-qolla tispiċċa mbagħad. Jekk tkorri r-reġina imma… in-naħal li jfaqqas ikun bagħal għax ma jkunx tajjeb.

"Biex tiġi reġina oħra hi stess trid tieħu ħsieb tbid ġo fosdqa kbira, ikun hemm fosdqa apposta kbira fit-tarf tax-xehda jkun hemm postijiet, fosdqa akbar imma, aktar twila, tkun fit-tarf, fit-truf, ikun hemm kemm il-waħda, imma tbid ġo fihom u joħorġu rġejjen! Issa kif joħorġu rġejjen hi taf; hi u l-ħolqien! Lir-reġina jgħammarha raġel apposta, ikun dejjem idur fis-sema tiela' u nieżel, sejjer lil hemm u lil hawn, biex tara min minnhom hu l-aħjar ħalli jgħammarha! Ir-reġina m'għandhiex x'tagħmel ħlief tbid, lejl u nhar, u xħin jgħammarha jaqa' u jmut. U fix-xehda jkun hemm ukoll ċella fejn tbid il-bagħal, ikun ir-raġel dan, bl-ingliż jgħidulu *drone*, ikollu ċella akbar minn tan-naħal nisa. Imma ċ-ċelel ikunu kollha l-istess għamla, ikunu kollha b'sitt iġnieb. Imma min ikun għall-irġejjen, min għall-bgħula biex jgħammruha u min għall-bqija tan-naħal."

"Fil-qolla ma tara xejn, imma fit-tilar tara kollox," qalli Ċisju. "Jekk min irabbi n-naħal ikollu kaxxi flok qliel, tista' tgħolli t-tilar u tara li trid. U tara lir-reġina, lill-bagħal, lid-*drones*, lill-bajd tan-naħal… id-duqqajs ġieli *jufqos*. Fil-bidu hu, in-naħal jibda *jneffaħ* ix-xehda, imbagħad tbid għalxiex trid hi, ir-reġina. Għal bgħula tbidhom fuq naħa, għall-ħaddiema tbidhom fuq oħra… u skont ma trid hi jufqos… Jekk trid tagħmlu bagħal u jekk trid ittih *royal jelly* tagħmlu rġejjen, u tqassam hi…

"In-natura min jaf kif taħdem! Imma n-natura ma tagħmel xejn għal xejn. Kulma tagħmel tagħmlu b'għan. Issa dan il-bagħal ma jagħmel xejn ħlief jgħammar lir-reġina. U la jirgħa u xejn, dejjem ġewwa hu wkoll, u jekk ma jmutx hu wara li jgħammarha, in-naħal stess idur għalih u joqtluh."

## Ġbir l-Għasel

Karmenu ta' Luqa tani wkoll xi tagħrif dwar kif isir ġbir l-għasel.

"Jien dan it-tagħrif li naf dwar l-għasel," qalli, "ġibtu mingħand missieri u mingħand iz-ziju, li kieku għadu ħaj għandu xi mija u għoxrin sena… imma nħobbu wisq in-naħal… avolja jien allerġiku, u nilbes dak il-kappell il-kbir, ngħidulu *mustaxija,* u l-ingwanti għax jekk taħbat għalija naħla, nintefaħ

jien! Fl-antik kienu jagħmlu ftit mustaxija kemm joqgħod wiċċek. U malli miet missieri miet in-naħal miegħu kollu. U malli nidħol ikolli d-duħħan miegħi, ikun ħmieġ niexef taż-żiemel jew tal-bagħal u n-naħal l-aktar li jibża' l-aktar mid-duħħan. Anki mill-pipa jew mis-sigarett jibża'. U hawn min jindilek bil-basal. Imbagħad malli tidħol, jagħmlu ftit duħħan fuq pala tal-bajtar, tressqu lejn il-qolla, in-naħal jibża' minnu u joħroġ barra u inti taħdem fin-nadif u mhux bin-naħal idur migħek. U tibda min-naħa ta' ġewwa u tfarfru 'l barra u tagħmel l-għasel fil-barmil jew fil-banju li jkollok. Ix-xehda fejn ikun hemm id-doqqajs u l-bajd ikun issiġillat.

"Ix-xehda tkun xi pulzier u nofs ħoxna, u jkunu waħda wara l-oħra. It-tonda ma tkunx tqila biex taqtagħha, kemm iddawwar is-sikkina hekk… tiġi forma ta' platt. Imma dawk li jkunu tul żewġ żjidiet ġieli allura jkollok tqattagħha… u allura titlef xi għasel. Jekk tkun tonda l-qolla jista' jkun hemm xi sitt, u ġieli… qatt rajt balla tafal? Hekk tkun, ġieli x-xehda mimlija għasel! Imbagħad ġieli jkollok naqra għasel fin-nofs u l-bqija jkun għadu vojt. Ma nafx x'inhi r-raġuni… jew tinzerta xehda ftit għasel u l-bqija jkun duqqajs. U tirranġa… u dejjem taqta' u tħalli l-qolla xi pulzier u nofs nieqsa.

"L-għasel konna nħalluh fid-dlam għal xi siegħa, fil-barmil…imbagħad konna nagħsruh bejn idejna… l-ewwel għal ġol-bramel, inħallu x-xehda toqtor mal-lejl… u tiġbor kollox. U l-għada trid taħsel u tnaddaf kollox għax inkella n-naħal jerġa' jdur għalik! U x-xema' ngħalluhom fl-ilma u noħorġu x-*xema' verġni* minnhom u dak l-ilma li joħroġ mit-tgħolija kienu jagħmlu l-*qagħak tal-qastanija*. Kienu jżidulu s-smid, ikun ilma ħelu u x-xema' jbiegħu għall-quddiesa, kienet tiġi blokka daqshekk… imma l-ilma meta jitgħalla bix-xehda fih konna ngħadduh minn ġo xkora ħalli nsaffuh, inneħħu n-naħal il-mejjet u hekk. Ikun fih xi ħmieġ fil-qolla, xi tiben jew xi ħuxlief… anki l-wiża tiġi għal sehemha!"

## Tilari

Bil-qolla ta' dari mqiegħda fil-miġbħa jew bil-kaxxi u t-tilari tal-lum, il-ħidma baqgħet ftit jew wisq l-istess. L-istess problemi llum ġew iffaċċjati b'sistema aktar mgħarrfa wara studji xjentifiċi li saru.

"Illum bit-tilari naħdmu," kien qiegħed jgħidli Kristinu. "Naqalgħu t-tilari mill-kaxxa, ejja ngħidu taqla' x-xehda mill-qolla, tfarfar dawn it-tilari min-naħal u tpoġġihom ġo kaxxa oħra. U ġġibhom id-dar, tqaxxarhom sewwa, għax l-għasel ikun issiġillat sewwa tafx, imbagħad tieħdu biex tagħsru. Jew tuża l-*iżmellatur* biex tieħu l-għasel… flok tagħsru t-tilar taqbad u ddaħħlu f'magna apposta u tibda ddur u tbattal l-għasel minnu bid-dawrien tagħha.

"It-tilar trid tnaddfu tajjeb jekk trid terġa' tużah. Jekk ma jkollux tilar in-naħal ikun irid jagħmel ix-xehda hu stess. Imma jekk isib ix-xehda lesta jkun jista' jinxteħet aktar fuq l-għasel għax isib ix-xogħol lest. U ma jitgħażżinx tafx billi ma jagħmilx ix-xehda xorta waħda jinxteħet jaħdem aktar. Tista' tqiegħdlu xehda apposta, qisha xehda mibdija minn xi naħa jew oħra u hu jkompli jibniha waħdu u jibda jibni ċella ċella. U r-reġina tbid bajda waħda f'kull ċella, dejjem iddur u tbid. Ara kemm ikun għaddejjin u kemm huma sbieħ biex trabbihom u kemm titgħallem minnhom.

"U n-naħla ners iddur magħhom. Imma mbagħad minn nitfa ta' bajda ssir dudu u pupa u jsir duqqajs. Imma mbagħad wara xi ħamest ijiem tissiġillaha lit-toqba, tkun għalfitha biżżejjed in-ners u tħalliha mbagħad għal xi wieħed u għoxrin ġurnata sħaħ. Imbagħad id-duqqajsa stess tibda ċċarrat is-siġill u tkun trid toħroġ. U n-ners tgħinha tqatta' s-siġill biex toħroġ.

"L-għasel ma jkunx fl-istess naħa fejn ikun hemm id-duqqajs, ikun xi mkien ieħor, jista' jkun mal-istess xehda tad-duqqajs. Imma meta niġbru l-għasel naraw li ma jkunx fiha duqqajs ix-xehda. Imma l-biċċa l-kbira jkunu tilari differenti. Inti hekk trid tagħmel, jekk tara li x-xehda fiha d-duqqajs, ma trid teħodhielhom. Il-biċċa l-kbira jkun magħżul sewwa. Fix-xehda jkun hemm post ukoll għal bagħal, imma dan ikun bagħal apposta biex jgħammar ir-reġina."

Ninu qalli li malli jaslu n-naħal ta' ferħ ġdid jasal fil-qolla, jinbeda x-xogħol minnufih. Min jibda jibni x-xehda u min imur fuq il-mergħa għall-ikel. Ir-reġina tibda tbid mal-elf u ħames mitt bajda kuljum u jsiru duqqajs f'dawk it-toqbiet tax-xehda. Issa l-ikel li jġibu n-naħal ħaddiema jkun iridu jagħmlu minnu kemm ix-xehda kif ukoll l-għasel. U għalhekk min ikollu l-kaxxi jkollu aktar għasel, għax ma jkunx hemm bżonn issir ix-xehda u b'hekk isir aktar għasel.

"In-naħla aktarx tagħmel l-għasel naħa u jkun hemm duqqajs naħa oħra," kompla Ninu. "Imma ġieli jkunu nofs u nofs. Ara jekk ikollok il-kaxxi bit-tilari, li hu l-metodu modern, ikun hemm xibka biex ir-reġina ma tkunx tista' tgħaddi tbid fejn trid hi. Ikollha biżżejjed fejn tbid f'tilari apposta u n-naħal jgħaddi min-naħa għall-oħra bla tfixkil."

Meta t-tilar kollu għasel jinqala' mill-kaxxa, ikun bix-xehda kollu għasel. Il-qxur tax-xehda, li fil-fatt ikun is-siġill magħmul ukoll mix-xema', jitqaxxar u jitqiegħed f'banju kbir apposta. Dawn il-biċċiet tax-xema' jitqiegħdu f'kaxxi apposta għal għajn ix-xemx. Il-kaxxi jkunu suwed minn ġewwa u mgħottijijn bil-ħġieġ ħalli jiġbdu aktar is-sħana tax-

xemx. Bis-sħana fil-kaxxa ix-xema' ddub, u meta tinħall sewwa, ssir xagħma verġni li tista' tintuża għal ħafna prodotti.

"Dawk il-qxur li naqta' mit-tilar, ikun xemgħa pura,"qalli Charlie. "Jiena ndewbu bis-sħana tax-xemx… niffiltraha xi darbtjen ix-xema' u tiġi pura u sabiħa, tkun tajba biex jagħmlu l-bambini jew pasturi tax-xema', jiġu għaliha għal-lostru… jużawha għall-*make up* li jużaw in-nisa… Fil-kaxxa ma ddubx ix-xema' tax-xehed, għaliex l-ewwel nett għandu qisu sustanza sewda biex ma tħallihx idub mill-ewwel, kif ukoll minħabba t-trewwieħ tan-naħal fil-kaxxa."

Ma' Charlie taż-Żwaff rajt it-tilari tax-xehed fil-kaxxi kollha duqqajs jew għasel jew għadhom nofshom battala. Malli jqaxxar is-siġill jibqa' biss ix-xehda mimlija għasel u din titqiegħed fl-iżmellatur li jdur jew b'mod mekkaniku jew manwali, ma' għadd ta' tilari oħrajn. Ix-xehda fit-tilar bid-dawrien titbattal sewwa mill-għasel li jinżel f'post wieħed. It-tilar jitqiegħed mill-ġdid fil-kaxxa ħalli jerġa' jibda x-xogħol fuqu min-naħal. L-għasel jitqiegħed f'post apposta fejn jiġi mnaddaf, iffiltrat sewwa u maħżun lest għall-konsum tal-bniedem.

## Naħla Għalliema

"Imma dak l-għasel kollu mela għalfejn jagħmluh?" staqsejt jien.

"In-naħla ma tagħmilx l-għasel għall-bniedem!" qalli Kristinu. "L-għasel tagħmlu għaliha biss u għal ħadd aktar. Imma tħobb taħżen, għax jekk tiġi xita fl-imwaħħar, idaħħal aktar għasel ukoll. Imma l-bniedem jeħodhulu. L-għasel jieklu n-naħal stess, għalf għalih kollu kemm hu. Imma meta inti qiegħed tgħinu billi tpoġġieh fejn hemm l-għalf u billi tagħmillu l-qolla, jew il-bidu tax-xehda bit-tilari bħal-lum, aktar qed tgħinu u aktar sa jagħmel għasel hux. Iż-żmien tifrankahulu inti u tgawdih inti mbagħad."

"L-għasel tan-naħla hu miraklu," qalli Ninu. "In-naħla kollha hi meravilja anzi. Minn kull miraklu li jagħmel Alla fin-natura, dan hu l-aktar wieħed meraviljuż!

"Il-bżulija u s-sens kbir ta' ħidma u tqassim tax-xogħol hu ħaġa tal-għaġeb fin-naħla. Ix-xehda hi biċċa inġinerija tal-għaġeb! Kull kaxxa tax-xehda fejn ikun hemm id-duqqajs, fiha sitt ġniebi u kull waħda tkun sewwa sew daqs l-oħra! "Mhux biss!" kompla, "imma jekk taqbad xehda u timliha bl-ilma, tgħaddasha mimduda biex timtela bl-ilma, u wara twaqqafha lanqas qatra ilma ma toħroġ minnha!"

Ninu Tan-Nezz issa ġmielu wkoll jitgħabba bis-snin għax qalibhom sewwa s-sebgħin, u ilu biċċa li żarma mix-xogħol. Baqagħlu biss it-tifkiriet tar-relazzjoni kbira li kellu mal-ambjent tax-xagħri u tal-irdumijiet u tal-ħidmna fir-raba'. Ninu bniedem sensittiv għal kull ħsara ambjentali jew storika jew li b'xi mod tista' ċċajpar l-identità tagħna l-Maltin. Għandu kilba kbira li dak li hu tal-ħolqien bħala wirt naturali jeħtieġ wieħed iqimu u jitgħallem iħobbu, u hu wieħed minn dawk il-ftit nies li naf jien illi jaf jiddispjaċih sewwa meta jara li qegħdin nagħmlu ħsara lill-ambjent naturali għax jaf li nkunu qegħdin neqirdu l-wirt ambjentali li messna ngawdu aħna u nħallu lil ta' warajna.

Kristinu wkoll ilu sewwa li żarma mix-xogħol. Kellu bosta mġiebaħ madwar ix-xagħri tal-Mellieħa, imma issa li kiber m'għadux jiflaħ idur mal-qolol li kien ikollu. Ix-xogħol kien iħobbu, kien jogħxa jara lin-naħla bieżla tgħix ħajjitha bla waqfien ta' xejn, ħolqien hekk importanti għall-bqija tal-ħolqien biex jitkompla dan iċ-ċirku meraviljuż tal-ħajja. Kien jara kemm il-ħajja tagħha hi hekk qasira u hekk intensa fil-ħsieb u fl-għan biex tibqa' titkattar u tibqa' titrabba u tgħix ferħ wara ferħ matul jiem u snin sħaħ. Saħansitra matul sekli sħaħ.

Ħaġa waħda kienet issewwidlu qalbu lil Kristinu. Għaliex il-bniedem ma jitgħallimx minn din il-ħlejqa umli b'rasha dejjem baxxuta sejra għax-xogħol? Għaliex il-bniedem jeqirdilha l-ambjent tagħha? Għaliex il-bniedem jeqridha billi jkisser il-qolliet li jsib waqt il-passiġġati li jkun qiegħed jagħmel fix-xagħri? Għaliex il-bniedem iħammeġ ix-xagħri?

"Għaliex neqirdu s-sagħtar?" staqsieni Ninu tan-Nezz.

"Għaliex naħarqu l-ħarrub?" staqsewni Karmenu u Ċisju.

Għaliex il-bniedem ma jridx aktar din ir-rabta man-natura?

Għaliex il-bniedem irid jeqred dan il-wirt naturali fl-ambjent tiegħu?

In-naħla turi lill-bniedem kif iddawwar permezz tal-ħidma organizzata tagħha l-frott tal-ħamrija f'ikel bnin li l-bniedem tgħallem jużah bħala ikel li jfejjaq mard u li jagħti s-saħħa lil kull min jieklu.

Minkejja l-għerf kollu tiegħu fl-iskejjel u fl-universitajiet, għaliex il-bniedem ma jitgħallimx mill-ħidma tan-naħla, hekk bieżla, hekk naturali, hekk umli biex ifejjaq il-mard soċjali u ambjentali li marad bih?

**bottles & bottles**

www.bottlesandbottles.com

“your wholesale beverage store”

**Visit Us**

7, Triq L-Etna, Mellieha, Malta




**LIKE us on Facebook**

**Contact Us**

99474524

FREE DELIVERY





# Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.

# Festa 2012



Il-Banda waqt il-provi



Briju organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ waqt Pasta Night



Tombla speċjali



Riċeviment għall-Emigranti



Il-Banda tallegra
lil dawk preżenti
b'daqq ta' marċi
waqt il-Festa 2012

*Kathleen Buttigieg*

*Beauty Therapist*

53, Triq tal-Brag, Mellieħa MLH 2471
Tel: 2152 1196
Mob: 9984 0472
Email: butkat@gmail.com



**Bartolo/Joe & Sons**

**TILE LAYER**

Il-Germudi

**Specialist Tiler,**
**Complete Installations,**
**Bathroom, including plumbing works,**
**Floorings**

29, Selmun Road, Mellieħa
Il-Germudi.com
Tel: 21 433 378 Mob: 7943 3378, 9942 8725

# Tal-Wardija

## GREENGROCER

*Free Delivery Service*

Mosta Road, St. Paul's Bay, Malta
Tel: 2158 5024
Mob: 9944 2193

# TEMPUS FUGIT

Ġanni Camilleri

*Tempus Fugit,** kienu jiktbu
Fuq kwadrant t'arloġġ antik
Biex ifakkar li ż-żmien jgħaddi,
B'ħeffa jtir, jispiċċa għalik.

U t-taħbit tal-pendlu jfakkar
Fit-taħbit meqjus tal-qalb
Li sakemm din tibqa' tħabbat,
Dejjem jibqa' ħin għat-talb.

Għax ħajjitna trid tkun talba
Lill-Missier, Sid ta' kulħadd
Li ħalaqna għax iħobbna
U li bħalu żgur m'hawn ħadd.

Għax kun af, li x-xogħol hu talba
Jekk nagħmluh bil-qies, fil-ħin.
Jagħti ġieħ lill-ħajja tagħna.
U bix-xogħol ngħinu 'l xulxin.

*Tempus Fugit,* il-ħin jaħrab.
Dnub jekk aħna dan naħluh!
Dak li għandu jsir, fis nagħmlu.
U d-dejn qisu li nħallsuh!

U jekk aħna 'l bogħod minn Alla,
Għax għamilna ħbieb mad-dnub,
Ma nħallux żmien aktar jgħaddi!
Għax fil-qrar jistrieħu l-qlub.

Salm 90 (89) v3 – 11.

Int traġġa' l-bniedem lejn it-trab
U tgħidilhom, "Erġgħu lura, intom bnedmin!"

Elf sena huma għalik bħal jum ta' lbieraħ li
Għadda, jew bħal sahra tal-lejl.
Int taħsadhom u jsiru ħolma.

Huwa bħal ħaxix li jinbet filgħodu,
Filgħodu jwarrad u jħaddar,
Filgħaxija jitbiel u jinxef.....

Għalhekk, għallimna ngħoddu jiem ħajjitna,
Sabiex aħna nimxu bil-għaqal.

***Anulus Persius Flaccus (34-62)** kien poeta satiriku Ruman u moralista.
F'satirika li kiteb (Sat. V, v151) kiteb hekk – *"Nostrum est quod vivis, cinis et manes et fabula fies. Vive memor leti."*
Bil-Malti - "Ħajjitna hi tagħna llum, l-għada tista' tkun trab, ombra jew ħrafa li ntqalet. Għix mela, iżda ftakar fil-mewt – iż-żmien itir!"



# Rinnovazzjoni








SURMASTRIJIET







# Il-Mellieħa u l-għar ta' Kalypso

**Jeffrey Sammut**
B.Ed (Hons) History & E.M.Y.

Ħafna minna qraw jew raw fuq it-televiżjoni l-ġrajja ta' Ulisse u l-Gwerra ta' Trojja. Din l-istorja tinsab fl-Odissea, li nkitbet xi seba' mitt sena qabel Kristu minn Omeru. Għal għaxar snin sħaħ, il-Griegi assedjaw il-belt ta' Trojja mingħajr suċċess, sakemm Ulisse ħareġ bl-idea ġenjali li jinbena żiemel tal-injam u fih jinħbew xi ġellieda Griegi. It-Trojjani daħħlu dan iż-żiemel ġewwa l-belt tagħhom u mal-lejl, is-suldati Griegi ħarġu bil-moħbi minn ġoż-żiemel u fetħu l-bibien ta' Trojja fejn sabu lil sħabhom bil-lest biex jidħlu u jirbħu l-belt. B'hekk, fl-aħħar, il-Griegi bdew jaħsbu biex imorru lura lejn pajjiżhom.

Imma mhux hekk l-imsejken Ulisse. Dan kellu jdum għaxar snin oħra sakemm jasal fil-gżira ta' Ithaca, art twelidu. F'dawn l-għaxar snin għadda minn ħafna avventuri. F'waħda minnhom, waqt maltempata, il-mirkeb li kien fuqu spiċċa biċċiet u dan il-gwerrier għamel disat ijiem sħaħ jgħum fil-baħar sakemm il-mewġ tefgħu fuq il-gżira ta' Oġiġja. Fl-Odissea, Ulisse jirrakkonta li "l-baħrin sħabi kollha ntilfu u mietu; jien biss salvajt għax m'arblu sew tgħannaqt. Għal disat ijiem u magħhom disat iljieli, tħabatt mal-ħalel u ċ-ċafċif tal-mewġ; fil-għaxar lejl, l-allat wassluni, fl-aħħar, fejn is-saħħara tgħammar f'għar fil-blat."



L-Għar ta' Kalypso fuq ir-riħ ta' Ġnien Ingraw

Din is-saħħara jew ninfa, Kalypso, żammet lil Ulisse magħha għal seba' snin sħaħ ġewwa dan l-għar u wegħditu li ma kien se jonqsu xejn. Ħafna jaħsbu li l-gżira ta' Oġiġja hija l-gżira ta' Malta jew Għawdex. Allura l-għar ta' Kalypso jinsab x'imkien ġewwa l-gżejjer Maltin.

Fl-Odissea hemm deskrizzjoni ta' dan l-għar: "Madwar il-għar kien hemm siġriet iwarrdu, riħan, sebbuq u żnuber milli jfuħ u għasafar kbar ġo fihom kienu jbejtu: kokk u isqra u ċawl sewdien li jgħix mill-ħut. Mgħarrsin ma' bieb il-għar kien hemm xi dwieli mgħobbija għenieqed tqal tal-għeneb iswed u kien hemm erba' għejjun igelglu l-ilma msewqa sew bis-swieqi ħdejn xulxin."

U hija din id-deskrizzjoni li wasslet lil ħafna jaħsbu li dan l-għar jinsab fil-Mellieħa, sewwa sew fuq ir-riħ ta' Ġnien Inġraw. Rev. Loreto Zammit jikteb li "if we look at this romantic cave, we notice it is situated in a cliff face overlooking four fountains (springs)... water courses (widien) namely Wied Santa Marija, Wied Ferfer, Wied ta' Ġnien Ingraw (and) Wied ta' San Niklaw." B'hekk Żammit qabbel l-erba' għejjun li semma' Omeru mal-erba' widien li jinsabu qrib l-għar u li kollha fihom nixxiegħat ta' ilma ġieri.

Kittieb ieħor li kien konvint li l-għar ta' Kalypso jinsab fil-Mellieħa huwa Ernle Bradford. Għalkemm fl-1963, huwa kiteb li "if I were to consider looking for Calypso's home on Malta, I would settle for somewhere on the western coast, perhaps in the region of Dingli or near the present site of Verdala

Palace.", fl-1972, wara żjara fil-għar tal-Mellieħa, huwa qal li "I was completely converted at first glance. Here was everything described by Homer. The cave was sheltered by a verdant copse of alders, aspens and fragrant cypresses, which was the roosting place of feathered creatures ... trailing round the very mouth of the cavern, a garden vine ran riot, with great bunches of ripe grapes: while from four seperate but neighbouring springs, four crystal rivulets were trained to run this way and that." Bradford qabbel id-deskrizzjoni tal-għar fl-Odissea ma' dak li ra meta żar l-għar fil-Mellieħa u b'hekk ikkonvinċa ruħu li dak kien l-għar tan-ninfa Kalypso.



**Il-veduta mill-għar ta' Kalypso**

Fl-1804, fil-ktieb 'Ancient and Modern Malta', ta' Boisgelin, naqraw li "The western division of the island (Malta) extends not further than Mellieħa port, near which there is a cave called The Grotto of Calypso." Għalhekk l-idea li f'dan l-għar kienet tgħix Kalypso ilha teżisti mill-anqas aktar minn mitejn sena.

Kitba interessanti tal-1839, minn Thomas MacGill, tgħidilna li "Near the chapel of the Madonna of Mileha is a very fine grotto and near to it, a spring of icy cold water. Some insist that this is the famed grotto of Calypso, while others assert that the fabled grotto is at Gozo. The only way to reconcile this discrepancy is to suppose that her nymphship had what might be called, a town and a country residence: and that the miserable hole called her grotto in Gozo was where she retired to during summer months." B'hekk MacGill ikkonkluda li, filwaqt li fix-xitwa Kalypso kienet toqgħod fl-għar tal-Mellieħa, fis-sajf kienet toqgħod Għawdex għall-frisk!

Rev. G. N. Godwin, il-kappillan tal-armata Ingliza, fl-1880, ukoll ittieħed jara dan l-għar u ħalla din id-deskrizzjoni tiegħu: "Calypso, the fair goddess with whom we were all so well aquainted in the days when we used to study our 'Adventures of Telemaque' is popularly supposed to have resided at Mellieħa. Homer, in the fifth book of the Odyssey, gives a glowing description of her grotto which is in truth a miserable cave. There is however a fine view from the hillside and from the grotto wells forth abundance of clear spring water which fertilises a large garden below."



**It-taraġ li jagħti għall-għar li jissemma minn Evans fl-1900**

Fatt interessanti u li jgħidilna ħafna għaliex dawn il-postijiet marbuta mal-passat kienu bil-wisq aktar popolari u magħrufa fis-seklu 19 jinsab f'din il-kitba ta' Evans: "The people (of Mellieħa) are most obliging and only too ready to show you around, a small fee being generally looked for... Calypso's caves are situated behind the village of Mellieħa and can be reached by ascending one of the streets running off the main road to the left. You can join the path crossing the valley and follow it till it bends round the high rock above the caves. The rocks have broken away and blocked up and destroyed several of the chambers. But the entrance stairways still remain and two or three compartments are intact. Below in the gorge are some pretty gardens and a clump of fruit trees." Mid-dehra, xi Mellieħin kienu jieħdu xi ħaġa tal-flus biex idawru l-barranin u turisti li xtaqu jaraw dawn il-postijiet u f'dak iż-żmien ta' faqar, kull qatra kienet tgħodd!

Bradford ħareġ b'idea differenti għaliex dawn il-postijiet kienu popolari f'Malta u f'pajjiżi oħra tal-Mediterran. Huwa kiteb li "Throughout the Mediterranean, most of these local aspirations date from no later than the 19th century, when

the first waves of foreign visitors with classical educations began to descend on these shores. Your Mediterranean-dweller, be he Italian, Sicilian, Maltese, Greek or what you will, is only too happy to oblige inquiring visitors with tales appropriate to their demands. Very rarely can any of these stories be traced back earlier than the 19th century. This Mediterreanean habit of producing the right answer is not... entirely due to a natural duplicity. It is as much due to a genuine love of the native birth-place, a desire that it shall shine in foreign eyes and a kindly wish not to send the visitor away disappointed." Jiġifieri ħafna minn dawn il-postijiet kienu jiġu vvintati min-nies tal-lokal biex jogħġbu l-barranin, xi kultant anke tort tal-imħabba li kellhom lejn il-lokalità tagħhom, peress li xtaquha tidher aktar sinjura u sabiħa f'għajnejn il-barrani. Ma ninsewx ukoll dik il-munita jew tnejn li min kien jieħu t-turisti f'dawn il-postijiet kien jirċievi.

Hu x'inhu l-każ, l-għar ta' Kalypso huwa parti mill-istorja tal-Mellieħa u għalhekk huwa importanti li ma jintesiex. Missirijietna kienu kburin ħafna aktar minna b'dan il-għar tant li kienu juruh lil kull min kien iżur il-Mellieħa. Għalhekk aħna għandna wkoll illum nagħtu s-sehem tagħna biex dan il-post jiġi mfakkar u mħares bħala parti mit-tradizzjoni u kultura tagħna l-Mellieħin.

**Bibliografija**

Omeru – L-Odissea - maqlub għall-Malti minn Victor Xuereb, Ministeru tal-Edukazzjoni Malta, 1989.

Zammit Rev. Loreto – The Cave Of Calypso Mellieħa - Malta, 1972

Evans G.H. – Guide to Malta and Gozo - W.Watson and Co Malta, 1900

MacGill Thomas – A Hand Book or Guide for Strangers visiting Malta - Printed by Luigi Tonna, 1839

Godwin Rev. G. N. - A Guide to the Maltese Islands -Printed by Paolo Bonavia. London, 1880

Bradford Ernle - Ulysses Found - C. Nicholls and Co Ltd, 1963.

Gaulos Exclusive Art

*Għal kull tip ta' rakkmu sew għall-Każini tal-Baned, Knejjes jew mudelli tal-Knejjes.*

*Nagħmlu wkoll kull tip ta' restawr u transport ta' rakkmu antik.*

*Issibilna kull tip ta' pittura kemm oriġinali kif ukoll kopji jew portraits impittra minn artisti barranin.*

9, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4401 / 2756 4401 Mob: 7956 4401
Email: contact@eastermalta.org



# Fantastic Results for the New Wheelchair Dance Partnership of Steven Fenech & Roxanne Buttigieg

**Pippa Roberts**

After winning the Malta Open Dance Spectacular 2012 Latin American & Ballroom Championship, with his former partner who retired afterwards; Steven Fenech was looking for a new partner to continue his career as a wheelchair dancer, which he loves. Steven, who is from Mellieħa, met Roxanne Buttigieg, an Architecture University student, & they started dancing together in March 2013. Roxanne has proved that studying and a sport can go hand in hand, fitting in training between her University schedule. The couple had worked so hard, their coach Pippa Roberts decided at the very last minute to take part in the German Open Championships last May, where they reached the final & placed fourth. What a start to their new partnership!

Since May, Steve & Roxanne have been training hard to take part in the International Wheelchair Dance Formation Team, that was participating in the opening of the European Wheelchair Basket Ball Championships, which took place in Frankfurt on 28th June 2013.

They then went to England where they competed in the Manchester Grand Prix Latin American Wheelchair Latin American Championships, which they won as well as being placed 3rd in the Show Dance Championships. They also took part in the Team Championships, with the International Formation Team and were placed first.

All those who support Steve are waiting to see what happens in their future competitions, to name a few; the Continents Cup, Russia in August & the International Schloss Biebrich Championships Germany in November. The couple have a very bright future and anybody interested in the couple performing for their event or who would like to sponsor this successful partnership in order that they may participate in the major events which are far afield, may contact the Malta Wheelchair DanceSport Association email address: info@maltawda.com or visit their website for more information as well as photos & videos: www.maltawda.com







# Il-Knisja tal-Vitorja f’Birkirkara



Mario Fenech

Il-Knisja tal-Vitorja f’Birkirkara tinsab fil-parti tar-raħal magħrufa bħala ta’ Ħas-Sajjied. Toroq antiki u sqaqien jiffurmaw ġabra ta’ djar żgħar li kienu jabitaw fihom il-familji ta’ numru ta’ sajjieda li mhux biss kienu msieħba fil-Fratellanza ta’ Sant’Andrija mwaqqfa fil-Kolleġġjata Elenjana fuq l-Altar tal-istess Qaddis, iżda wkoll jersqu spiss lejn din il-Knisja ddedikata lit-Twelid tal-Madonna li kienet tant għal qalbhom.

Nafu li din il-Knisja kienet diġà mwaqqfa fis-sena 1615 meta kien żar lir-raħal l-Isqof Cagliares. L-Istoriku Achille Ferris fil-kitba tiegħu jgħid li din kienet knisja “antichissima”.

Meta kien qiegħed jagħmel il-vista pastorali tiegħu fir-raħal l-Isqof Balaguer fl-1659 huwa sab li din ma tantx kienet fi stat tajjeb u ordna li tiġi pprofanata. Waqt l-imxija tal-Pesta tas-sena 1676 xi nies tal-inħawi mmexxija minn Pietru Buhagiar u Ġamri Micallef ħadu ħsieb li jirranġaw il-knisja u jiftħuha mill-ġdid. Dan għamluh pemezz ta’ kitba li saret quddiem in-Nutar Beneditt Vassallo fejn għamlu tajjeb bejniethom għall-ispiża meħtieġa li kienet tlaħħaq is-somma ta’ 55 uqija.



Il-Knisja tal-Vitorja f’Ħas-Sajjied Birkirkara

Wara li ġabu l-kunsens tal-Isqof u tal-Vigarju li dak iż-żmien kien Dun Ġwann Patist Zarb, ġie mibdi x-xogħol tar-restawr u fi żmien qasir il-knisja ġiet imbierka u nfetħet mill-ġdid. Jidher li n-nies tal-inħawi li kienu jieħdu ħsiebha sew u tissemma fir-rapport tal-vista pastorali tal-Isqof Canaves fis-sena 1716.

Maż-żmien bdiet tinħass il-ħtieġa li din il-knisja tinħatt u tinbena mill-ġdid. Għal dan l-għan il-Prokuratur tal-Knisja Dun Karlu Feliċi talab lill-Gran Mastru biex jingħata biċċa art għall-bini mill-ġdid tal-knisja.

L-art ġiet mogħtija b’kuntratt nhar is-16 ta’ Mejju 1724. Tlestiet mill-bini fis-sena 1736 b’arkitettura ħelwa b’koppla li tgħatti s-saqaf kollu.

L-Altar tal-Knisja huwa tal-irħam u sar fis-sena 1768 mill-marmista Toni Nicolas għas-S.S.M.U. Salvatur.

F’niċċa fil-ħajt tan-naħa tax-xellug tal-altar tinżamm l-Istatwa ta’ Marija Bambina. Din saret mill-Istatwarju Ġużeppi Cilia li kien alliev ta’ Karlu Darmanin. Waqt il-jum tal-festa l-istatwa tintrama taħt pavaljun tal-bellus b’kuruna fuqu.

Fis-sena 1895 ġie mibni l-kampnar bil-flus ta’ Pawlu Borg. Fih illum hemm erba’ qniepen. Il-kbira saret fl-1965 mid-ditta “Pacard”, żewġ qniepen li saru mid-ditta “Taylor”, filwaqt li l-aktar waħda antika minn dawn l-erba’ qniepen saret fis-sena 1909.

Mal-faċċata tal-knisja hemm plakka li tfakkar id-Digriet tal-Papa Benedettu IX tat-23 ta’ Frar 1918 fejn qiegħed jagħti 200 jum ta’ indulġenza lil kull min jidħol jitlob f’din il-knisja.

Iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja saret fis-sena 1944 u ftit taż-żmien ilu ġiet akkwistata dar żgħira warajha li llum qiegħda sservi ta’ sagristija.

Fl-istess wesgħa ta’ quddiem il-knisja hemm dar li mal-faċċata tagħha għandha l-arma tal-Isqof Tommaso Gargallo. Fiha kien iqatta’ l-jiem tal-villeġġjatura tiegħu.

Il-knisja tintuża regolarment, tinżamm fi stat tajjeb ħafna u ssir il-festa fl-ewwel Ħadd fuq it-8 ta’ Settembru.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.



# Il-Baħar

Anthony Fenech

Sa minn tfajjel fi ċkuniti,
Kont narak mal-blat titmieraħ,
F'xi jum safi sabiħ bnazzi,
Daqqa mimli w oħra fieragħ.

Kont jien ħarsti nitfa' lejk,
Meta kmieni jien inqum;
Nara lwienek kaħlanin,
Tmewweġ ħelu tul il-jum.

Xħin jien lejk ħarist fil-fond,
Fik ilmaħt dinja ta' lwien,
Rajt kull xorta ta' ħlejqat,
Jgħumu fl-ilma kollha ġmiel.

Imsebbaħ b'kull daqs ta' ħut,
Hemm maħluq qalb l-ilmijiet,
Inti l-għaxqa tal-bnedmin,
Ta' kull baħri jew sajjied.

Mal-plajjiet b'ċafċifa ħelwa,
Tkun titbewwes mal-plajjiet,
Int mar-riħ malajr tinbidel,
Tferraq bojod il-mewġiet.

Bastimenti jbaħħru fuqek
Lejn pajjiżi mbegħdin;
Xi oħrajn għas-sajd jerħulha,
Jagħmlu ġranet imsefrin.

Fik il-għaxqa tan-natura,
Sakemm bnazzi jkun it-temp;
Hekk kif b'qawwa r-riħ jonfoħ,
Dlonk tinbidel mal-maltemp.

Jgħidu għandek żaqqek ratba,
Min jgħum fik jieħu pjaċir;
B'ilmijietek b'togħma mielħa,
Sa tfal żgħar jifirħu bik.

Iżda meta rasek twebbes,
Tkun tal-biża' u krudil;
Kull min miegħek imur jabbuża,
Mgħarraq fik, jiġi miskin!

Int, O baħar tal-oċeani,
Fejn ix-xemx fik ma ddawwalx;
Ħenn għal ħutna l-baħħara,
Qis li lilhom, ma taħqarx.

Agħraf, salva l-klandestini,
Li jaqsmu l-Mediterran,
Illi b'sogru għal ħajjithom,
Riedu jgħixu ħajja aħjar.

Meta tersaq lejn xi Gżejjer,
Bħal dawk tagħna l-Maltin,
Żomm qawwietek 'il bogħod minnhom,
Turix saħħtek, kun ħanin!

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*



# Il-Festa Tagħna



**Dr Joanne Vella Cuschieri**

Mhux l-ewwel darba li nkun qed nitkellem ma' xi ħadd u nsemmi l-festa tiegħi bħala dik tal-Vitorja fil-Mellieħa. Min jafni, speċjalment dawk li jafu lin-nannu tiegħi Toni, bandist mal-Banda Imperial għal għexieren ta' snin, ma jiskantax wisq b'dan il-kumment iżda spiss niġi milqugħa b'sorpriża u bil-kumment 'iżda int mhux mill-Mellieħa!' Meta nisma' dan il-kumment nitbissem f'qalbi daqslikieku biex tkun devot lejn Marija Bambina trid tkun twelidt bil-'pedigree' fil-Mellieħa.

Jien waħda minn dawk li nemmen li d-devozzjoni lejn Marija Bambina ma għandha l-ebda kantunieri u żgur ma tiddependix fuq jekk intix imwieled f'xi raħal jew ieħor. Fl-ewwel lok il-Bambina, Omm Ġesù, hija waħda tkun f'liema forma tkun l-istatwa tagħha meqjuma f'raħal jew ieħor. Per eżempju, meta nħares lejn l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema jew lejn l-istatwa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa għalkemm napprezza s-sbuħija u l-uniċità taż-żewġ statwi u d-differenza fil-ħidma tal-istess li anke tirrifletti l-iskulturi u ż-żminijiet diversi li saru, nara biss omm waħda, Sidtna Marija u d-devozzjoni u l-apprezzament lejha għal kulma tagħmel miegħi u ma ta' madwari hija l-istess waħda.

Iżda ġieli nistaqsi lili nnifsi għalfejn xi kultant issib nies, li ħafna drabi mingħajr ma jridu, kważi kważi jgerrxu nies li lesti jgħinu fil-festa, lesti li jgħinu fil-preparamenti, jgħinu f'attivitajiet tal-każini jew li jattendu għall-festa mingħajr fini ta' xejn għajr sabiex juru d-devozzjoni tagħhom lejn Marija u dan bl-iskuża li mhumiex mir-raħal. Ħafna drabi dak li jkun lanqas ikun jaf li ħafna minn dawn in-nies il-probabilità hi li jew imwielda fir-raħal u ma għadhomx joqogħdu hemm jew inkella għandhom bosta familjari mir-raħal. Iżda għalfejn għandu wieħed jeskludi u ma jilqax fi ħdan il-festa lir-residenti l-ġodda fi ħdan il-komunità sabiex dawn, jekk iridu, jikkontribwixxu mill-aħjar mod possibbli fil-festa.

Napprezza immensament il-fatt li fi ħdan il-Banda Imperial il-bibien huma miftuħa għal kulħadd. Fi ħdan il-Kumitat għandna membri li għalkemm oriġinarjament mill-Mellieħa llum ma joqogħdux fil-Mellieħa iżda l-ħidma sfieqa tagħhom fi ħdan il-Banda hija imprezzabbli, bosta immigranti jiġu milqugħa kull sena għall-attivitajiet tal-festa kif ukoll għandna bosta membri li huma barranin u li żgur li l-għeruq tagħhom fi tfulithom ma kinitx fil-Mellieħa.

Minkejja dan iżda lil dawn in-nies tarahom jaħdmu sena wara l-oħra sabiex ikollna festa isbaħ prinċipali fl-attivitajiet. Jiġuni f'moħħi wkoll membri tal-kor kif ukoll bandisti residenti fi ħdan il-banda li jħossuhom parti sħiħa mill-bqija tal-komunità tal-każin u tal-Mellieħa għalkemm oriġinarjament mhux mill-Mellieħa.

Tapprezza wkoll il-ħidma ta' residenti li jarmaw il-faċċati tad-djar tagħhom u jtellgħu l-bnadar fuq il-bjut sabiex jiċċelebraw lil Marija Bambina għalkemm mhux imwielda f'din il-Parroċċa iżda d-devozzjoni tagħhom ma tagħmel l-ebda distinzjoni. Anzi kellu bżonn li jkun hemm ħafna aktar nies minn dawn sabiex il-festa tagħna tibqa' dejjem tikber u tissaħħaħ.

Fuq kollox, l-għan ewlieni tal-festa huwa sabiex jgħaqqad lill-komunità li tattendi u tieħu sehem fil-festa f'devozzjoni u talba waħda lejn Marija Bambina sabiex iżżomm idejha fuqna lkoll mingħajr ebda distinzjoni. Bl-istess mod għandna aħna lkoll naġixxu ma' dawk ta' madwarna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-festa u tul il-bqija tas-sena.

Nawguralkom festa mill-aqwa, festa ħienja mimlija mħabba lejn l-għażiża Marija Bambina.

# Viva Santa Marija tat-Tre Re

**kitba ta' Jos. F. Cachia**


Il-Verġni tat-Tre Re

F'Malta niċċelebraw il-festa tal-Verġni Marija taħt diversi titli (bħal pereżempju tal-Vitorja, tal-Grazzja, tal-Kunċizzjoni eċċ) però sa fejn nafu aħna mkien ma nqimuha bħala "Il-Vergni tat-Tliet Slaten" .

Iżda f'El Hierro, gżira li tinsab fl-Atlantiku, eluf ta' kilometri 'il bogħod minn Malta, jiċċelebrawha bil-kbir. El Hierro hi ftit iżgħar minn Malta, u f'xi ftit ħwejjeġ oħrajn tixbah lil Malta, però mill-bqija hemm ħafna differenzi bejn iż-żewġ gżejjer. Waqt li Malta tinsab fin-nofs tal-Baħar Mediterran, li fil-Medju Evu, kien l-iktar baħar magħruf, El Hierro, qegħda eżatt fejn kienu jaħsbu li hemm it-tarf tad-dinja. Infatti, għadha sal-lum mlaqqma bħala l-Gżira tal-Meridjan u l-Fanal li hemm fuq il-blata ta' Orchilla jagħti xhieda ta' dan il-fatt. Kien biss fl-1883 li l-Meridjan Żero nbidel biex jgħaddi minn Greenwich, fl-Ingilterra. Sal-1492 (meta Kristoforo Colombo "sab" l-Ameriki), kien maħsub li malli ssalpa ftit 'il bogħod minn El Hierro ser taqa' f'ħondoq bla qiegħ!

Meta konna ferm iktar żgħażagħ, konna nidħku b'dan il-ħsieb, però wara li aħna kellna x-xorti li nżuru din il-gżira, rajna għaliex kienu jaħsbu hekk. Nistqarru li f'moħħna għaddew l-istess ħsibijiet; l-iktar meta soqna l-karozza f'toroq bla ħitan mal-ġnub, f'xifer ta' rdum li jibqa' nieżel xi elf metru dritt għall-ġol-baħar. Żball wieħed, u tassew ikun l-aħħar tad-dinja għalik! Li ma konniex nafu, dak in-nhar tal-Għid il-Kbir tas-sena 2010, li sena wara, ftit kilometri 'l bogħod mill-istess irdumijiet kienet qegħda tbaqbaq il-magma taħt qiegħ il-baħar, biex bdiet eruzzjoni vulkanika li b'xorti kbira (jew b'miraklu tal-Madonna tat-Tre Re) qatt ma telgħet sal-wiċċ tal-oċean.

Iżda, xorta waħda kien hemm xi jdaħħallek ħsibijiet ta' biżgħa fis-subkonxju tiegħek. Tillandja f'ajruport żgħir ftit metri 'l bogħod mill-baħar. Kif toħroġ minnu tara blat vulkaniku iswed, jew b'ilwien li jkanġu bejn il-kannella għall-vjola. Blat



Fejn qiegħda El Hierro



Dehra ta' El Hierro bl-eruzzjoni tal-vulkan taħt il-baħar

ieħor jaqleb mill-oranġjo għall-isfar, xhieda tal-kubrit! Xi ċaqlieqa tal-art ma tonqosx u mhux darba jew tnejn kellna nieqfu nneħħu l-ġebel minn nofs tat-triq. Madwarek muntanji, jew għoljiet b'ħofra f'nofshom li juru li kienu (u sa ċertu punt għadhom) koni vulkaniċi! Minn dawn hemm madwar tmien mija. Tassew xeni donnhom meħudin mid-Divina Comedia ta' Dante!



Waħda mill-bosta siġar tal-Ġniepru mgħawġa mill-irjieħ alisios

Il-veġetazzjoni hi fil-biċċa l-kbira magħmula minn sukkulenti, arbuxxelli u pjanti oħrajn li ilhom miljuni ta' snin li għebu minn artijiet oħrajn. Gremxul kbir daqs qtates. Siġar tal-Ġniepru mibrumin fuqhom infushom, mgħawwġin ganċ bi frieghi jew zkuk jilagħqu l-art. Il-vini li jagħtuhom il-ħajja mqabbżin 'il barra, jew mnixxfin u għera. Ilkoll xhieda li l-irjieħ grieg il-lvant magħrufa lokalment bħala Alisios, jonfħu kważi bla heda!

Irdumijiet weqfin li f'ħafna nħawi jilħqu l-elf metru biex jibqgħu neżlin dritt dritt għal ġol-baħar, xhieda tat-twelid vulkaniku tal-gżira. Tant hi għolja El Hierro li f'inqas minn nofs siegħa li toħroġ minn lukanda li l-"bitħa" tagħha hi xatt il-bahar, tista' ssuq lejn Malpaso għolja iktar minn 1500 metru, u li għadha togħla! Tkun ħriġt bil-qmis u x-xorts, b'sema ċar fuqek u ssib ruħek 'il fuq mis-sħab bil-



Dehra ta' El Golfo minn fuq l-irdumijiet weqfin

ħġieġ tal-karozza mtappan bin-nida li ssib, jekk ma tħossx il-bard ukoll!

Ma rridx lil qarrejja jdaħħlu ħsibijiet negattivi biss dwar El Hierro, anzi 'l bogħod minn hekk għax il-gżira hi ġenna tal-art għal, min bħali, iħobb is-skiet u l-ambjent naturali fl-aqwa tiegħu! Ktibt dan kollu ta' hawn fuq biex nuri għaliex El Hierro kienet meqjusa bħala "L-aħħar art tad-dinja" fiż-Żminijiet Medjevali.

L-Herrenjani, huma ġens kwiet, tal-affari tagħhom u jħobbu jgħinu lil min iżurhom. Hemm bosta ta' oriġini Sud-Amerikana, kif ukoll xi Ġermaniżi. B'kollox jgħoddu xi għaxart elef ruħ, però kull erba' snin dawn jiżdiedu b'eluf oħrajn. Dan għaliex tkun ser issir il-Festa ta' La Virgen de Los Reyes, jew kif inhi magħrufa wkoll, "La Bajada del Virgen de la Dehesa". Festa li ttawwal għal iktar minn ġimgħa. Festa li twieldet taħt ċirkustanzi tassew mhux tas-soltu!

Kien fl-1546, meta karavella Spanjola waslet fl-ibħra fin-naħat tat-tramuntana ta' El Hierro, magħrufa wkoll bħala Mar de Las Calmas. Peress li ma sabux irjieħ biex ikunu jistgħu jibqgħu sejrin lejn l-Ameriki (jew l-Indji kif kienu jissejħu dak iż-żmien), il-baħrin sorġew qrib l-art jistennew li jqum ir-riħ. Baqgħu hemm jittamaw għal xejn u beda jonqsilhom l-ikel kif ukoll l-ilma.

Fl-aħħar, fis-sitta ta' Jannar qatgħuha li jinżlu l-art u jitolbu lir-rgħajja tal-gżira sabiex ituhom xi ikel biex jitrejqu. Ma kellhomx ħwejjeġ ta' valur biex iħallsu, u għalhekk bħala ħlas (kif ukoll bhala ħajr) offrewlhom l-iktar ħaġa ta' valur li kellhom abbord, statwa / xbieha tal-Madonna terfa' lil Bambin Ġesù fuq dirgħajha.

Il-bdiewa laqgħu dan ir-rigal, u oħroġ l-għaġeb, dak il-ħin bdiet tqum żiffa, li wara ssaħħet tant li l-karavella setgħet issalpa. Ir-rgħajja u l-bdiewa ħaduha bħala messaġġ li l-Madonna xtaqet tibqa' fil-gżira tagħhom u tawha t-titlu ta' "Il-Verġni tat-Tlett Slaten", minħabba l-jum li ngħatat lilhom.

Għall-ewwel ħadu x-xbieha ġewwa għar f'El



Is-santwarju tal-Eremita tal-Virgen de los Reyes qrib El Sabinar

Caracol biex tkun tista' tiġi meqjuma sew bla ma wieħed iħoss il-bard li jagħmel fuq il-muntanja. Wara, fis-sena 1577 bnewlha santwarju, fejn fil-25 t'April 1577 ġiet iċċelebrata l-ewwel quddiesa.

Fis-sena 1643 ngħatat it-titlu ta' "Patruna ta' El Hierro", però kellha tkun is-sena 1740 li żiedet id-devozzjoni lejn Il-Verġni tat-Tliet Slaten. Dan għaliex billi kien hemm nixfa kbira minħabba nuqqas ta' xita, l-Herreni marru jitolbuha tidħol għalihom quddiem Binha Ġesù. F'El Hierro m'hemmx xmajjar u l-blat vulkaniku ma jżommx ilma. Għalhekk talbuha u għamlu wegħda li jġorruha mal-gżira kollha, jekk tgħinhom. Malli waslu quddiem is-santwarju bdiet nieżla xita bil-qliel! Bħala att ta' radd il-ħajr bdiet it-tradizzjoni u l-Festa llum imsejħa wkoll "La



**Pellegrini u żeffiena jilqgħu lill-istatwa**



**Il-Ħruġ tal-Istatwa**

Bajada de la Virgen" li ssir kull erba' snin, fix-xahar ta' Lulju u ttawwal sal-ewwel ġimgħa ta' Awwissu.

Il-Festa tibda minn kmieni qabel tlugħ ix-xemx. Fil-ħamsa ta' filgħodu, tas-sitta ta' Lulju, għadd ta' żeffiena u daqqaqa minn Sabinosa jiksru l-ħemda tal-għodwa bl-hekk imsejħa "Venia". Daqq ta' flejguti, tnabar u kastanjoli u żfin ta' tħejjija għall-festa. Wara fis-sitta ta' filgħodu, il-Vigarju Ġenerali jmexxi quddiesa fis-Santwarju ta' La Dehesa. Waqt iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristka, minbarra għadd ġmielu ta' qassisin, jieħdu sehem ukoll diversi personaġġi distinti mill-awtoritajiet governattivi u politiċi.

Imbagħad tibda l-mixja, (camino), li ttawwal għal iktar minn 28 kilometru u li din is-sena damet sa nofsillejl, xħin il-Patruna ta' El Hierro daħlet fil-Matriċi ta' Valverde, il-kapitali tal-gżira. Ftit qabel kienet ġiet milqugħa mis-Sindku tal-belt, u wara ngħatat merħba wkoll mill-Arċipriet, it-tnejn ferħana u kburin bit-tmienja u sittin *Bajada* tal-Verġni tat-Tliet Slaten.

Il-purċissjoni, fil-fatt hi maqsuma f'seba' mixjiet, imsejha "rayas". F'kull waħda minnhom ix-Xbieha tal-Madonna tkun milqugħa u wara akkumpajata minn daqq u żfin ġej mill-irħula differenti tal-gżira. Kull *raya* għandha d-daqq u ż-żfin karatteristiku partikolari tagħha. Għalkemm imsejħa l-Inżul, (*La Bajada*), it-triq l-ewwel titla' lejn l-ogħla muntanja tal-gżira, Malpaso, u wara tibda nieżla u sserrep matul it-tliet muniċipji ewlenin: El Pinar, La Frontera u Valverde.

Din is-sena kien mistenni li jaslu madwar disat elef persuna, iktar minn elf u tmien mitt vettura u tmenin karavan minn artijiet oħra. Sintendi ma jonqosx l-inkwiet għall-awtoritajiet biex jaraw li kollox imur sew. Għalhekk madwar tliet mitt persuna kellhom xogħol ta' *security*, ġie pprojbit kull tip ta' logħob tan-nar, u tfassal pjan ta' protezzjoni ċivili! Meta tqis li b'kollox ħadu sehem mat-tmienja u għoxrin elf ruħ, b'xorti tajba din is-sena ma nqalgħux inċidenti.



**L-istatwa akkumpanjata mid-daqqaqa**

Minbarra li hi tradizzjoni ta' iktar minn tliet sekli, *La Bajada* hi wkoll wirja ta' fidi, filwaqt li wieħed ma jridx iħalli barra s-siwi kulturali, soċjali u ekonomiku għall-gżira ta' El Hierro, li sena ilu biss batiet sew minħabba l-għeruq vulkaniċi tagħha!

**Bibliografija**

Andrews Sarah, Quintero Josephine: Canary Islands Lonely Planet 2007

**Websites:** www rtvc.es u websites oħrajn dwar El Hierro.



# X'taf fuq Kemmuna?



**Evarist Bartolo**

Għandna mill-inqas 500 gżira fil-Mediterran. Fuq waħda minnhom hemm jgħixu fuqha numru ta' nies tgħoddu fuq id waħda. Anzjani u kollha jiġu minn xulxin.

F'dawn l-aħħar 23 seklu għexu fuqha pirati, eremiti, priġunieri tal-gwerra, kavallieri eżiljati, bdiewa u turisti. 90 sena ilu priġunier Ġermaniż tal-Ewwel Gwerra Dinjija li kien qed jinżamm hemm bena mitħna tal-ilma mdawra minn ġurdien. Kien hemm żmien li fuq din il-gżira minbarra ġrieden, friefet il-lejl u fniek slavaġ, ħafna minn dawk li għexu fuqha kienu ħnieżer.

2500 sena ilu l-baħħar Scillace sejħilha 'Lampas'. Cluverius sejħilha 'Hephaestia'. 1800 sena ilu Ptolemy irrefera għaliha bħala 'Chemmona'. 'Kineni' bil-Griek tfisser l-eqreb u Kemmuna hija l-eqreb gżira bejn Malta u Għawdex. L-Għarab sejħulha Kemmuna forsi għawġu l-kelma Griega jew semmewha hekk għall-pjanta tal-kemmun li kienet tgħatti parti kbira mill-gżira f'dak iż-żmien.

Din hija l-ewwel art oħra li tara mill-Mellieħa. Bħala tfal konna nqisuha gżira misterjuża li ma nafux x'hemm in-naħa l-oħra wara l-blat għeri tan-naħa tħares lejn l-Armier, il-Marfa, iċ-Ċirkewwa u l-Aħrax. Aħna u sejrin lejn Għawdex konna naraw iżjed blat għeri fuqha u daħliet u għerien biss u allura l-misteru kien jikber.

Fil-Mellieħa kien hawn min jafha sew lill-Kemmuna. Kien imur fuqha għall-kaċċa tal-fniek slavaġ. Jew biex jiġbru l-melħ li jinxef fil-ħofor tal-blat ippuntat tal-kosta tagħha. Jew kien jersaq lejha għall-kaċċa fuq il-baħar. Hemm min ħadem fil-lukanda. Għamlet żmien kienet fl-istess distrett elettorali tal-Mellieħa. Imma l-fliegu, dejjaq kemm hu dejjaq, bejn il-Mellieħa u Kemmuna, xorta żammhom 'il bogħod minn xulxin.

Maż-żmien saret eqreb fix-xalati u ż-żjarat għall-bajja blu brillanti magħrufa bħala *'Blue Lagoon'* – fost l-isbaħ fil-Mediterran għalkemm trid toqgħodilha attent għax il-kurrent iġorrok.

Fis-sena 1285 Abulafia wieħed mill-ewwel Kabalisti imwieled f'Saragossa fi Spanja fil-1240 wasal Kemmuna biex jgħix hemm għal tliet snin li matulhom kiteb "Sefer ha-Ot" (Il-Ktieb tas-Sinjal).

Ħames snin qabel sab kenn f'Kemmuna, Abulafia kien mar Ruma biex jipprova jikkonverti lill-Papa Nikol III għall-ideal li l-Misilmin, il-Lhud u l-Insara setgħu jgħixu fil-paċi flimkien flok jippersegwitaw wieħed lill-ieħor.

Ħarab lejn Kemmuna wara li tefgħuh il-ħabs għal erba' ġimgħat f'Ruma u riedu jaħarquh ħaj iżda l-Papa miet b'attakk f'qalbu u Abulafia ħelisha u mar Palermo fejn ukoll kellu jitlaq malajr għax it-tagħlim tiegħu kien meqjus perikoluż wisq u n-nies ta' Palermo fi Sqallija kienu lesti biex iħaġġruh.

Waqt li Abulafia għex f'tarf tal-gżira, fit-tarf l-ieħor kienu jgħixu l-pirati għal sekli twal, għax f'Kemmuna kienu jsibu postijiet eċċellenti bħall-bajjiet u għerien fejn jistaħbew u jistkennu waqt ix-xitwa.

Nafu mill-inqas b'żewġ eremiti li għexu hemm għal xi żmien. Għexet hemm ukoll komunità żgħira ta' Kattoliċi madwar 600 sena ilu u jidher li kienet kbira biżżejjed biex ikollha kappella medjevali.

Il-gżira aktarx kienet abbandunata meta l-furbana bdew jattakkaw lill-gżejjer Maltin ta' spiss għax dawk li kienu jgħixu f'Kemmuna ma kellhomx swar jew torrijiet fejn jistkennu.

Fis-seklu 15 kienu ngabru taxxi billi żdied dazju fuq l-inbid impurtat minn Sqallija iżda l-flus ma ntużawx għat-torri li kien hemm ippjanat għal fuq Kemmuna.

Ftit wara li wasal Malta, il-Gran Mastru l-Isle Adami fl-1533 ordna li jsir pjan biex jinbena torri fuq Kemmuna iżda għadda ż-żmien u ma nbeniex.

Kien il-Gran Mastru Wignacourt li fis-sena 1620 bena t-torri li hemm illum. Dak iż-żmien kavallieri li kienu jġibu ruħhom ħażin f'Malta kienu jintbagħtu jgħixu Kemmuna bħala kastig.

Il-gżira serviet bħala kamp għall-priġunieri tal-

gwerra diversi drabi. Bejn l-1798 u l-1800 l-Maltin u l-Ingliżi rebħu lill-Kemmuna mingħand il-Franċiżi u bdew jibagħtu priġunieri Franċiżi jgħixu hemm. Bdew jibagħtu wkoll Maltin akkużati li kienu qed jispjunaw u jaħdmu id f'id mal-Franċiżi. Bagħtu wkoll kriminali.

Madwar 150 sena ilu bdiewa min-Naxxar u allura wkoll aktarx mill-Mellieħa marru Kemmuna biex jaħdmu l-art u jkabbru l-uċuħ. Iċ-ċensiment tal-popolazzjoni tas-sena 1881 għall-gżejjer Maltin isemmielna li kien hemm 20 raġel u 13-il mara jgħixu Kemmuna. Sa 10 snin wara l-popolazzjoni kienet kibret b'10: 25 raġel u 18-il mara. Nofs il-popolazzjoni, 17, kienu tfal taħt il-ħames snin.

Fis-sena 1912 Kemmuna serviet bħala sptar ta' iżolament għal dawk morda bil-kolera. Suldati feruti fil-gwerra tad-Dardanelli wkoll intbagħtu Kemmuna għall-kura. L-isptar għadu hemm fil-qalba tal-gżira.

Fl-aħħħar 200 sena kien hemm diversi proġetti kbar għall-Kemmuna, fosthom razzett kbir tal-ħnieżer meta l-gżira ntużat biex tinbena mill-ġdid l-industrija tal-majjal wara li l-marda tal-*African Swine Fever* attakkat il-ħnieżer f'Malta u f'Għawdex.

Kemmuna żgur mhix blata vojta. Għandha storja twila, storja li ftit jafuha nies, storja li tista' tinteressa lil ħafna nies li jridu jiskopruha. Isiru jafu fejn għex il-Kabalista Abulafia u kiteb wieħed mill-aqwa kotba tiegħu. Forsi fid-dlam tagħha jiskopru x'sema sabiħ ta' kwiekeb u pjaneti hemm fis-sema li llum m'għadniex narawhom minhabba d-dawl li hawn madwarna billejl.

Bi żvilupp estensiv u delikat mhux billi nidfnuha taħt il-konkos ta' lukandi kbar jew vilel u b'rispett sħiħ għan-natura, Kemmuna tista' toffri esperjenza sabiħa ħafna lil dawk li jixtiequ jiskopruha.


# SALA IMPERIAL

## (mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***

***21 523467 u 21 520536***



# Il-Mellieħa (2)

ta' David Muscat

## It-tieni parti tal-proża poetika fuq l-istorja tal-Mellieħa.

# Mill-miġja tal-Għarab sa tmiem il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann

### 3. It-Taqlib tal-Medju Evu

Gerbu s-snin u sebħet għodwa oħra fl-istorja ta' ġensna, iż-Żminijiet Nofsana. L-abitanti tal-inħawi Mellieħija ma kienx għadhom l-istess nies taż-żminijiet bikrija. Wara l-ħbit tal-Għarab fis-seklu disgħa W.K., artna għaddiet minn burraxka u n-nies naqset bil-qabda. Uħud inqatlu fit-taqbid, oħrajn ittieħdu lsiera filwaqt li min seta' jew sab tarf, dabbar rasu banda oħra.

It-tajfa l-ġdida, li bdiet tgħammar fl-għerien u l-widien Mellieħija kienet nies ta' nisel Semitiku, titħaddet bi lsien Għarbi jixbah lit-Tuneżin tal-Magreb. Kienu bedwini jew bdiewa, raħħala u sajjieda. Għall-ewwel, jista' jkun li lanqas biss kienu Nsara, imma mbagħad għall-inqas mis-seklu tlettax 'il quddiem ħaddnu l-fidi Nisranija.

Kienu jgħixu fl-għerien, fost oħrajn, Għar Sebħa, l-Għadira; Għar Butomna, Tat-Tomna; Għar Sqalli, il-Miżieb u Għar Baqrat, l-Aħrax. Mill-Għadira kienu jiġbru l-melħ bħan-nies ta' qabilhom, mill-imlielaħ jew is-salini l-oqdma. L-art sejħulha għall-ġbir tal-imluħa, laqqmuha s-sbejjaħ isem 'Il-Mellieħa'.

Taħt is-sidien fewdali, missirijietna għaddew minn bosta saram. L-art ma kinitx ħanina magħhom. Ftit kienu l-oqsma tajbin għar-raba'. Għajr il-widien bħal San Niklaw, Ġnien Ingraw, il-Wied tal-Madonna, Għajn Żejtuna, l-Imġiebaħ, il-Wied tal-Mistra u tal-Kalkara u Għajn Tuffieħa, ftit kont issib art maħduma. L-għonja u l-kbarat mhux dejjem imxew mar-raħlin ta' rġiel. L-art pubblika, bħall-Miżieb, li fiha kienu jirgħaw il-merħliet tagħhom ta' nagħaġ, mogħoż, ħnieżer u baqar ġieli tteħditilhom



Il-ġmiel tax-xagħri Mellieħi

bil-forza u lanqas biss tħallew jgħaddu minnha biex iterrqu minn naħa għal oħra.

Fuq l-għaqbiet u l-wesgħat muxgħara kont issib irqajja' ta' ħamrija mogħnija b'ħatab u arbuxelli, bħax-xagħri ta' żmienna. Nies minn irħula oħra kienu jiġu l-Mellieħa biex jaqtgħu x-xewk u l-ħatab għall-ħruq. Minħabba l-mawrien tar-ragħajja u l-qattiegħa, inbnew għadd ta' giren u griebeġ li xi wħud għadek tarahom weqfin, kburin b'għomorhom, imxerrda mal-erbat irjieħ tal-kampanja Melleħija sal-lum.

Fiż-Żminijiet Nofsana ssokta jinġabar l-għasel bħal fl-Imġiebaħ u l-Wied tal-Madonna, li kien mhux biss jittiekel imma minnu kienu jagħmlu wkoll ix-xema'. Beda jitkabbar il-qoton u fil-widien bdew jitħawlu wkoll is-siġar taċ-ċitru bħal-lumija u l-larinġa. U dan biex ma nsemmux il-qamħ, mnejn ġej l-isem tal-Qammieħ; il-maħlut, ix-xgħir għall-bhejjem, il-furrajna; li bdiewa bħal ta' Gauċi, Mifsud, Xerri u Camilleri sa minn dak iż-żmien kienu jiżirgħu u jaħsdu minn sena għal oħra.

Taħt Selmun kien hemm kalkara tal-ġir li kienu jieħdu minnha ta' spiss ġir għall-Kastell ta' Sant' Anġlu. Mal-kosta kienu jiġġerrew l-għassiesa tad-Dejma bħal ta' Xerri u Xiberras, iħufu jaraw jilmħux xi biċċa tal-baħar suspettuża Saraċena. U s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, x'kien minnu f'dawn iż-żminijiet imċajpra?

Is-Santwarju kien jilqa' u jlaqqa' lil kull min kien ikun fl-inħawi biex fil-ħemda u l-ġabra jsib is-sliem ma' ħallieqna Alla. Sa mis-seklu ħmistax insibu kappillan jieħu ħsieb il-grotta. L-ewwel wieħed li jissemma kien Dun Luqa Camilleri, Żurrieqi minn Ħal Millieri. Minkejja li ftit kien hawn nies f'dawn in-naħat, ix-Xbieha tal-Madonna kienet magħrufa minn bosta u kienu jżuruha u jqimuha slaten, isqfijiet u kbarat, saħansitra rejiet u viċirejiet Spanjoli u Sqallin.

Iż-Żminijiet Nofsana huma żminijiet mudlama, żminijiet li fihom il-Melliħin bdew iduqu l-imrar tal-ħbit tal-furbani Misilma. Ħbit li wassal biex għal



Ix-Xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa li tpittret fil-Medju Evu

żmien twil l-inħawi tbattlu min-nies kważi għal kollox, bħal riħ li jnaddaf qiegħa minn kull sifa, u reġgħet ħadet it-treġija tal-art f'idejha, in-natura rżina u maestuża.

## 4. Art imqaxqxa tistenna l-Fidwa

Il-vjaġġ tagħna matul l-istorja tal-Mellieħa jkompli fil-medda twila 250 sena tal-ħakma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Meta l-Kavallieri ġew Malta fl-1530 sabuha fqira u mqaxqxa għalkollox. Nistgħu ngħidu li aċċettaw li joqogħdu hawn kontra qalbhom, daqskemm kienu daharhom mal-ħajt.

Il-Mellieħa taħt il-Kavallieri kompliet titbattal min-nies. Fil-mawra tiegħu f'dawn l-inħawi fl-1575, Monsinjur Pietru Dusina jirrakkonta kif ma kontx tara ruħ f'din ix-xaqliba. Stajt toqtol u tidfen bla ħadd ma jinduna. Is-Santwarju tal-Madonna minkejja li kien jissejjaħ parroċċa, fil-fatt kien qisu ġisem bla ruħ għax nies imorru jitolbu fih sikwit kont tgħoddhom fuq pala waħda.

L-attakki għal għarrieda tas-sibbien Misilma komplew għarrqu s-sitwazzjoni. Il-ftit Melliħin li kien għad fadal, wara li fl-1551 ir-Rajjes Dragut ħabat għal Għawdex u kaxkar lil kull min sab miegħu fil-jasar, qatgħu jieshom li qatt setgħu jgħixu fis-sliem f'din il-ħara, sarrew ħwejjiġhom, għabbew il-bhejjem u rħewlha bilġri lejn bnadi oħra kennija bħall-Imdina.

Min ħaseb għal rasu u bewweġ lil hinn għamel l-aħjar ħaġa li seta' jagħmel għax fl-1614 it-Torok niżlu l-Għadira u f'kemm trodd salib infirxu mal-widien Melliħija u għamlu ħerba minnhom. Lanqas is-Santwarju tal-Madonna ma ħelisha mill-qilla tal-għedewwa. Ħabtu għalih ukoll. L-istatwi tal-qaddisin tajrulhom rashom u lir-rettur serqulu ħwejġu kollha. Sa Tork minnhom azzarda jeħodha max-Xbieha tal-Verġni Mqaddsa, imma kif kien se jaħbat għaliha, idu bbisitlu, ġismu triegħex u mixrub issumma. Kif felaħ jitħarrek, lebbet imherwel qisu żiemel sfrattat lil hinn mill-Għar u kien biss meta nidem minn għemilu mfergħen li reġa' ġie f'tiegħu. Sogħbien talli kien għoddu għamel, bagħat tagħmira xama' lill-Madonna bħala radd il-ħajr talli ħafritlu.

Minkejja l-ħbit tal-furbani, il-qima lejn il-Madonna ma naqsitx; anzi kibret. Melliħin jagħtuha ġieħ qajla kien hawn. Jingħad li fl-1712 bejn għassiesa, bdiewa, raħħala, sajjieda u nies tal-kleru, ħamsin ruħ biss kienu jattendu l-quddies li kien isir fis-Santwarju. Mandanakollu, pellegrinaġġi kienu jsiru bil-bosta u l-kappella b'riħet il-benefatturi bdiet tieħu s-sura li għandha llum il-ġurnata.

Wara l-pesta tal-1696 sar pellegrinaġġ kbir nazzjonali u fl-1719 inbena l-Ark bħala turija ta' radd il-ħajr lill-Verġni Marija talli artna nħelset

mill-flaġell qerried tal-imxija u s-smewwiet ipprovdew ix-xita tant meħtieġa wara żmien twil ta' nixfa u tbatija. "Fik temgħu missirijietna u inti ħlisthom". Hekk hemm miktub fuq l-ark li jifred is-Santwarju mill-misraħ.



Il-Palazz ta' Selmun mibni mill-Kavallieri ta' San Ġwann fis-seklu 18

Fis-seklu sbatax il-kavallieri bnew it-Torri l-Aħmar, t'Għajn Ħadid u l-Abjad, filwaqt li fis-seklu ta' wara, saħħew id-difiża tal-kosta b'għadd ta' batteriji, ridotti, swar u trunċieri mgħassa b'suldati, kanuni u infanterija. Dawn il-miżuri ta' ħarsien ħajru lin-nies jerġgħu jersqu lejn il-Mellieħa u b'hekk bdiet tinħadem l-art żdingata ta' mkejjen f'Selmun, l-Aħrax u Qasam Barrani. Tħaffru għadd ta' bjar u spejjer, inferqu u twittew mogħdijiet, u ttellgħu swieni jreddnu lejl u nhar waqt li l-ibgħula u l-ħmir itellgħu satal wara ieħor ta' ilma.

Darba minnhom, skont il-leġġenda, fi tlett iljieli ta' qamar kwinta, fil-Wied ta' Randa boxxla xjaten għariba bnew razzett mastizz għall-baqar, il-gniedes u l-għoġġiela. Il-Melliħin ġabu għajnejhom wara widnejhom meta rawh għax qatt ma kienu raw razzett ta' dak id-daqs u sura. Laqqmuh ir-Razzett tax-Xjaten għax fih kienu jidhru l-iħirsa ta' dawk li għal ftit skudi biegħu ruħhom lill-frieghen qabel ma raheb xipli skonġra l-binja bla biża' u bi qlubija kbira.

Fis-seklu tmintax, taħt il-Gran Mastru Pinto tkalat ix-xibka tat-tunnara l-Għadira. Bħala maħżen għax-xbieki, l-irkaptu u l-għodda kienet tintuża l-Batterija ta' Qassisu, ħdejn is-swar tal-Imgħarrqa, li kienet tiflaħ mat-tliet mitt bettija ta' ħut immellaħ.

Fl-1747, l-Isqof Bussan ikkonsagra s-Santwarju b'solennità u b'hekk kabbar il-fama tiegħu. Daqs ħamsin sena wara, inbena l-Palazz ta' Selmun fuq stil Barokk, fuq art li kienet taqa' taħt il-fondazzjoni għall-fidwa tal-ilsiera – il-Monte della Redenzione degli Schiavi – li l-arma tagħha għadek tista' taraha fuq il-Bieb tal-Mistra qabel taqbad t-telgħa tax-Xemxija.

Il-blat tal-irdumijiet, l-għerien u l-widien ta' dan ir-raħal taħt il-Kavallieri ġarrbu wisq ġrajjiet li trid kotba sħaħ biex tirrakkontahom kollha. Fl-1565 thenna mal-Melliħin bil-wasla tal-Viċirè Sqalli Don Garcia de Toledo għax mawritu tat id-daqqa tal-mewt lit-Torok Misilma. Mill-banda l-oħra fl-1798, il-blat tbikkem u tbergħen b'għemil l-armata Franċiża li bħall-furbani infidili ħarbtet l-uċuħ tar-raba' tal-bdiewa Melliħin u serqet bosta ħwejjeġ fosthom il-flus tal-kaxxa tal-offerti tar-rettur tas-Santwarju tal-Madonna.

B'hekk wasalna għall-aħħar tarġa fl-istorja tal-Mellieħa, l-era moderna. Din imma se nħalliha għal darba oħra għax minkejja li subgħajja qegħdin jikluni biex nibqa' ntektek fuq it-tastiera tal-kompjuter moħħi għadu jhewden dwar it-taqlib li minnu għaddew missirijietna meta pajjiżna bejn l-1798 u l-1800, f'temp ta' sentejn biddel l-idejn tat-tmexxija darbtejn – mill-Kavallieri għall-Franċiżi u mill-Franċiżi għall-Ingliżi!

Bil-ħsieb u l-istħajjil immur lura lejn dawk iż-żminijiet imma lanqas jekk jagħtuni miljun fjorin ma nixtieq li qatt ngħixhom!

L-aħħar parti ta' din il-proża poetika fuq l-istorja tal-Mellieħa tinġieb f'ħarġa oħra.



# Il-Giren

David Bartolo

Din is-sena ħsibt li nikteb fuq il-Giren. Dan qed nagħmlu b'tislima lill-Patri tal-Ordni Dumnikana Mikiel Fsadni li miet ta' 97 sena f'April ta' din is-sena. Dan il-Patri għamel studju intensiv fuq il-giren, fejn terraq kull tarf u inħawi tal-kampanja l-aktar dik Melliħija, li fl-aħħar mill-aħħar dawn il-giren fil-maġġoranza tagħhom jinsabu fl-inħawi tal-Mellieħa. Dan l-istudju wassal biex Patri Fsadni jippubblika żewġ kotba wieħed bil-Malti: il-Girna – Wirt Aritettoniku u Etniku Malti fl-1990 li rebaħ il-Midalja tad-Deheb tal-Premju Letterarju tal-Gvern ta' Malta u l-istess ktieb ġie maqlub għall-Ingliż fl-1999 bl-isem ta' "*The Girna The Maltese corbelled stone hut*."

Il-girna hija kunċett ta' ċertu tip ta' struttura rustika li tiddomina l-kampanja u l-inħawi rurali fil-Mellieħa. Il-kelma girna mhix ċara minn fejn ġiet. Aquilina jaħseb li jista' jkun hemm konnessjoni mal-kelma Għarbija 'gurn' li ġejja mill-kelma 'garan' li tfisser munzell jew borġ ġebel .

Il-Giren ma kinux jintużaw bħala abitazzjoni imma kienu l-aktar jintużaw biex il-bidwi jkollu fejn jistkenn mill-elementi tan-natura, kemm fis-sajf u kemm fix-xitwa, kien ikollu wkoll fejn iżomm l-għodda tal-biedja u anki l-prodotti tar-raba'. Kienu wkoll jintużaw biex iżommu l-annimali. Mill-banda l-oħra, il-qassis Johannes Quintinus Haedues li kien membru tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u kappillan tal-kavallieri Franċiżi, li għamel sitt snin ġewwa Malta bejn l-1530-1536 fejn kien kiteb deskrizzjoni fuq Malta bil-Latin, isemmi li l-Maltin kienu jgħixu f'tip ta' għarix. Teorija oħra fl-istess linja huwa d-dizzjunarju ta' Mikiel Anton Vassalli tal-1796, fejn fih huwa jiddiskrivi l-girna bħala *casa, tugurium, mapale; it. Capanna, casuccia* li tfisser li l-girna kienet dar sempliċi u fqira użata mir-raħlin. Jista' jagħti l-każ li dan kiteb hekk fuq dak li kien jara.

Minbarra Malta, kif ħa naraw aktar 'il quddiem tipi ta' strutturi simili jinsabu f'artijiet oħra bħall-Italja, Franza, Spanja, is-Slovenja, l-Iskozja u l-Irlanda fost l-oħrajn. Kull pajjiż minn dawn jipposjedi binjiet simili, li filwaqt li kollha huma b'karatteristika differenti, hemm xebħ kbir kemm fl-għamla u kemm fid-daqs.

## Il-Girien fil-Mellieħa

B'kollox insibu 81 girna fl-inħawi tal-Mellieħa. Jaccarini fl-istudju tiegħu jaqsam dawn f'ħames inħawi ġeografiċi:

- L-inħawi tat-Torri l-Aħmar – jinkludi n-naħat taċ-Ċirkewwa u Paradise Bay u l-Qammieħ;
- L-Aħrax – in-naħat kollha ta' dan ir-reġjun bl-Armier;
- Il-Manikata – flimkien magħha, Għajn Żnuber u x-Xagħra l-Ħamra;
- Selmun - flimkien miegħu, l-Imġiebaħ u Għajn Ħadid;
- Wied il-Mistra – flimkien magħha, il-Miżieb u l-ħotba ta' Dahar il-Bajda.

Patri Fsadni fl-istudju tiegħu fir-riċerka li għamel waqt li jagħmel analiżi ta' dawn il-giren, huwa



Girna ta' ċertu daqs fix-Xagħra l-Ħamra

jagħti deskrizzjoni ta' kull girna bħal fejn tinsab, l-għamla tagħha, l-għoli, il-qisien tal-bieb u ċerti aspetti oħra u kummenti fuq l-istat tagħhom. Dan l-istudju jagħti stampa preċiża ta' fejn jinsabu dawn il-giren fl-inħawi tal-Mellieħa. L-aktar li hemm, fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar, fil-fatt hemm 24 girna (30%), 21 girna (26%) jinsabu fl-Aħrax, madwar il-Manikata hemm 16-il waħda ( 20%), 12-il girna jinsabu f'Selmun (15%) u l-inqas li nsibu huma f'Wied il-Mistra u l-Miżieb li hemm 8 li huwa total ta' 10% tal-giren kollha fil-Mellieħa.

Dawn il-81 girna filwaqt li kważi kollha huma fuq l-istess stil, hemm minnhom tondi, oħrajn




**Il-konċentrazzjoni tal-giren fit-tramuntana u l-punent ta' Malta**

kwadri u ftit oħra li huma elittiċi, rettangolari, ovali u anki f'għamliet kemxejn strambi. Il-biċċa kbira ta' dawk tondi jinsabu bejn it-Torri l-Aħmar u ċ-Ċirkewwa li huma fost l-akbar li hawn ġewwa Malta. Sitt girien li Patri Fsadni ltaqa' magħhom li huma tondi b'ħajt ta' rifda madwarhom fl-istudju li għamel madwar Malta, huma l-uniċi li hawn u kollha jinsabu fil-Mellieħa. Tlieta jinsabu fl-Aħrax u t-tlieta l-oħra fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar.

Aspett ieħor interessanti hu li nsibu wkoll ġemgħat jew kumplessi ta' giren. Dan jikkonsisti f'żewġ jew tliet giren mdawra b'ħajt tas-sejjieħ u li kultant kienu jkunu magħquda b'passaġġ. Fil-Mellieħa nsibu tlieta minn dawn il-kumplessi. Wieħed huwa kumpless ta' erba' giren li jinsab fuq ix-xellug tat-triq taċ-Ċirkewwa. Fl-Aħrax qrib razzett antik fit-triq li tmur għar-ramla, hemm kumpless ta' 3 giren li jmissu ma' xulxin u l-aħħar kumpless jinsab fuq l-għolja ta' Għajn Ħadid fuq ir-riħ tal-Imġiebaħ li hemm numru ta' giren f'bitħa waħda għall-annimali, imdawra b'ħajt għoli tas-sejjieħ.

## Il-bini tal-Giren

Il-bini tal-giren, l-aktar komuni huma magħmula minn pjanta ċirkolari u l-ħitan huma mibnija b'ġebel li jittarġu l-ġewwa. Is-saqaf ikun mgħotti bit-torba minn barra u minn ġewwa jista' jkun użat xriek meta jkun bżonjuż li l-girna tissaqqaf. Kemm il-ħitan u s-saqaf ikunu l-istess u ma jkun hemm xejn differenti, il-Giren ikollhom bieb wieħed u ventiluari. Hemm żewġ tipi ta' bibien. Hemm l-għamla ta' pseudo arkata u hemm tip ieħor li jikkonsisti f'żewġ pilastri u blata. L-art tkun magħmula minn materjal imbattam ġeneralment ftit 'l isfel mill-livell tal-art ta' barra.

## Tipi ta' Giren f'pajjiżi oħra

Kif għedna fil-bidu, f'pajjiżi oħra jeżistu strutturi rustiki simili għal dawk ta' Malta.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' dawn l-għerejjex:

- *Barracca* u *El Bombo* – Spanja (dawn jinsabu fir-reġjun tal-Katalonja, filwaqt li fil-gżira ta' Menorca nsibu l-*Pont de bestiar*)
- *Both* (anki *shielings*) – Skozja (in-naħat tal-muntanji u l-*highlands* Skoċċiżi)
- *Cabanne* u *Borie* – Franza (dawn jinsabu fir-reġjun ta' Provenza, filwaqt li nsibu tip ta' giren li jissejħu *Pagliaddiu* fuq l-gżira ta' Korsika)
- *Caprile* – Italja (fuq il-gżira ta' Elba)
- *Clochain* – Irlanda (in-naħat tal-Lbiċ fil-peninsula ta' Dingle)
- *Crot* (giren tondi) u *Scele* (giren rettangolari) – Svizzera (in-naħat li huma fruntiera mal-Italja)

- *Kuja* u *Hiska* – Slovenja (in-naħat li huma fuq il-fruntiera mal-Italja)
- *Kummol* – Greċja
- *Kuzan* u *Brunja* – Kroazja (in-naħat tax-xtut fuq il-Baħar Adriatiku)
- *Mantarah* – Palestina (in-naħat ta' Betlem)
- *Nawamis* – Egittu (il-peninsula tas-Sinai)
- *Penetta* (anki *nuraghe*) – Italja (fuq il-gżira ta' Sardinja)
- *Trulli* – Italja (Alborello fir-reġjun tan-nofsinhar tal-Pulja)
- *Twlc mochyn* – Wales (fin-nofsinhar ta' Wales)
- *Weinbergshaeuschen*- Germanja (fiċ-ċentru tal-pajjiż qrib Frankfurt, fil-qalba tar-Rhienland)



L-intern ta' girna, fejn jidher sew il-ħajt u s-saqaf



Penetta fuq il-gżira Taljana ta' Sardinja




Mappa ta' fejn jinsabu diversi tipi ta' giren fl-Ewropa u fil-Lvant Nofsani

Fiż-żminijiet tal-lum, dawn l-istrutturi m'għadhomx jintużaw daqs kemm kienu bħal qabel u anki nbnew oħrajn ġodda fuq il-mudell l-antik biex iżejnu bħal ngħidu aħna l-girna li hemm fil-park tal-familja fid-daħla tal-Mellieħa. Binja oħra li nbniet fuq il-forma ta' girna hija l-knisja tal-Manikata li nbniet fuq id-disinn tal-Perit Richard England fl-aħħar tas-snin sittin u l-bidu tas-snin sebgħin fis-seklu għoxrin.

Tajjeb li dawn l-binjiet b'stil uniku u b'karatteristika rustika jiġu mħarsa aktar aħjar u jistgħu jintużaw anki biex jiġu aktar esploraturi kemm mill-ġenerazzjoni li tielgħa u anki mit-turisti li jżuruna. Jalla persuni oħra jsegwu l-passi ta' Patri Mikiel Fsadni u jidħlu aktar fid-dettall fl-istudju fuq il-giren. Studju aktar fid-dettall, jista' jwassal biex jinxteħet aktar dawl fuq il-konnesjoni li jista' jkun hemm bejn l-għerejjex li nbnew mill-ewwel Maltin biex abitaw fihom wara l-għerien, it-tempji Megalitiċi li hemm xebh ma' kif inhuma mibnija l-giren u anki l-possibilità ta' konnessjoni bejn l-għeruq ta'diversi forom ta'giren li jinstabu f'diversi pajjiżi speċjalment f'pajjiżi li xtuthom huwa maħsul mill-baħar Mediterranju.

**Biblijografija**

Aquilina, Joseph, *Maltese-English Dictionary*, Malta 1987.
Fsadni, Mikiel Patri, *Esperjenżi ta' Kittieb*, Malta 1994.
Fsadni, Mikiel Patri, Maltese Rural Architecture: Il-Girna, *Heritage nr 76*, Paul Mizzi. ed, pp 1508-1512.
Fsadni, Mikiel Patri, *The Girna-The Maltese Corbelled Stone Hut*, Malta 1999.
Jaccarini, Carol, Giren u l-Imgiebaħ, *Il-Mellieħa mal-miġja taż-żmien*, Joe Catania, ed ., 2002, pp 169-196.
Vella, H.C.R. Quintinus (1536 ) and St Paul's shipwreck in Malta, *Malta Historica v.VIII n* , 1980, p 61.
Sorsi oħra
Borg, Claude, Kors qasir għal min jaħdem f'bini antik : "http://www.bicc.gov.mt/bicc/files_folder/Bini%20Antik.pdf
The Stone : http://www.stoneshelter.org/stone/impressum.htm
*VASSA Journal Nr 17-June 2007*, Vernacular Architecture Society of South Africa

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni



A. Vella Borg & Sons Ltd .................. 86
A.F. Skip Hire .................................... 67
Abela Norbert Joiners ........................ 94
Ahead Stationeries ........................... 109
All Needs ............................................ 6
Aqua Marine Spa and Fitness ............ 30
Aspen Limited.................................. 102
Attard Skip Hire ................................ 88
B. Grima & Sons Ltd ......................... 28
Bar tal-Każin tal-Banda Imperial..... 104
Bartolo/Joe & Sons Tile Layer......... 124
Bavaria .............................................. 67
Beachaven ......................................... 38
Beauty Secrets..................................110
Beautymood ...................................... 85
Bella Veduta ...................................... 13
Bottles & Bottles.............................. 122
BOV ................................................... 23
Carmel Vella & Sons Ltd .................. 25
Carmel Vella Limited ........................ 46
Caruana Light Decorations ................ 76
CaruanaConstrActive Co. Ltd........... 59
Cash & Carry .................................... 58
Central Shoe Store ............................ 76
Christopher Sciberras........................ 45
Clifford Motoring School.................. 64
Coral Restaurant................................ 30
Da Ciccio cucina ................................ 22
Dainty Clothing and Footwear........... 36
DB Properties.................................... 98
Dingli Butcher................................... 56
Dome Jewellery ................................. 93
Drifter 24 hour service ....................... 33
Drive Well!........................................ 27
E'Casa ............................................. 102
Evergreen Discount Mini Market ...... 88
Fairplay Bingo .................................... 3
Farlex Bar & Restaurant .................... 52
Farmer's Fresh Green Grocer ...........110
Fieldsports......................................... 99
Foto Creative Ltd .............................. 14
GasanMamo Insurance....... outside back
Gaulos Exclusive Art ...................... 130
George's Bakery................................ 29
Gillieru Restaurant ............................ 18
Giuseppi's Wine Bar ......................... 76
Glamorous Unisex Salon .................. 36
Ġo Ġo Mini Market .......................... 93
Green Valley...................................... 45
Greystone Pub & Restaurant............. 87
Half Way Inn ..................................... 36
HB Motors .......................................110
Herbies Jewellery Ltd ....................... 18
Hola Beach........................................ 47
Home Essentials.................................. 8
Horace Enterprises Ltd ..................... 50
Housewife Fresh Chicken ................. 75
HSBC .............................................. 122
Il Bagno............................................110
Il-Qasrija ........................................... 64
Ir-Razzett Fresh Fruit & Vegetables... 94
J & G Discount Detergent Shop......... 88
J. Vella .............................................. 94
JDS Furniture Ltd ............... inside back
Jevon's Fruit Shop.............................11
Joe Gauci Metal Works ..................... 60
John Bray & Son ............................... 71
John Buttigieg Ċikkies ...................... 19
Joseph Debono .................................... 4
Julie's lifestyle .................................. 36
Kafè Borg .......................................... 38
Kathleen Buttigieg
Beauty Therapist ......................... 124
Manuel Bezzina Co Ltd ...................... 8
Manuel's Garage Co. Ltd.................. 60
Marianna Stationery.........................112
Mario Gauci
Fruit & Vegetable Seller................ 64
Maritim Antonine Hotel & Spa.......... 26
Maypole Mellieħa ............................. 20
Melanzone Trattoria .......................... 47
Mellieħa Garage................................ 49
Mellieħa Holiday Centre................... 23
Middlehill Store ................................ 56
Mosta Bacon ....................................112
MT Service Station ........................... 52
Nella's ............................................... 56
P & C Cauchi .................................... 99
Paradise Bay Lido ............................. 27
Paradise Bay Resort Hotel .............. 103
Paws 'n' Claws................................... 86
Ph. Borg Ltd ........................................ 6
Philip Attard (Hawker)...................... 56
Popeye Village .................................. 43
QLED ................................................ 66
Ramla Bay Resort ............................. 42
ROCS Group ....................................... 2
ROCS Travel ...................... inside front
Sala Imperial ..................................... 20
Sala Imperial ................................... 139
Sammy Buttigieg Ċikkies ................ 45
Santa Maria Service Station.............112
Schere Hair, Nails, Beauty & Spa...... 70
Sea View Bar..................................... 38
Seabank Resort.................................. 30
Selmun Bar & Restaurant ................. 34
Shoppers Discount Supermarket........ 10
Silhouette Photo Studio..................... 24
Sol e Mar Bistro ................................ 47
Sports Experience ............................. 86
Stardust ............................................. 50
Steffie's Hair Studio..........................11
Stone Age .......................................... 43
Super Line Feeds & Garden Centre ... 94
Ta' Kanani ......................................... 33
Ta' Peter Bar, Restaurant
and Games Room .......................... 50
Ta' Soldi Restaurant .......................... 58
Tal-Wardija Greengrocer................. 124
The Arches ........................................ 31
The Hilltop Restaurant .................... 104
Tony's Bakery ................................... 50
Tower Ladder Services...................... 76
V. Debono Ironmongery.................... 88
View Point Restaurant....................... 15

Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.


say hello to a PLANOPOLY® sofa
practical style, elegant living
comfort
storage
versatility
himolla
Made in Germany
CHOOSE STYLE > CHOOSE FEATURES > CHOOSE LEATHER OR FABRIC > CHOOSE COLOUR
JDS
FURNITURE Ltd.
JDS Furniture Ltd. Main Street, Mellieha Tel: 2152 2390 Email: info@jdsfurniture.com Web: www.jdsfurniture.com


Always there to
brighten your day
GasanMamo
INSURANCE
We're always there
www.gasanmamo.com
Msida Road, Gzira GZR 1405, Malta | Tel: 21 345 123 | Fax: 21 345 377 | insurance@gasanmamo.com
GasanMamo Insurance is authorised by the MFSA